


# "Ħallu lil Alla jħabbibkom miegħu"

*(2 Kor 5,20)*

**Sussidju teoloġiku-liturġiku-pastorali għar-Randan**
**Djoċesi ta' Għawdex 2009**

# KELMTEJN TA' QABEL

Matul din is-sena pastorali - is-Sena Pawlina - il-Knisja f'Għawdex qegħda tgħix il-ġrajja sabiħa tal-Missjoni Djoċesana. Imqanqla mill-kitba ta' San Pawl lill-Korintin – "L-imħabba ta' Kristu ssuqna" (2 Kor 5,14) – li hi l-motto tal-Missjoni Djoċesana, qegħdin noffru dan is-sussidju għar-Randan bix-xewqa li Alla jħabbibna dejjem aktar miegħu. Dan nistgħu nagħmluh billi nħallu l-Kelma tiegħu tiffurmana u tibnina, dik il-Kelma li matul iż-żmien tar-Randan tiġi mxandra lilna kemm permezz tal-liturġija, kif ukoll fl-Eżerċizzi u fid-diversi ċelebrazzjonijiet li jsiru fil-knejjes tagħna.

L-ikona li għażilna għal dan is-sussidju hi d-dilka ta' Ġesù f'Betanja. Ir-rakkont insibuh b'xi varjazzjonijiet fl-erba' vanġeli: Mattew 26,6-13, Mark 14,3-9, Luqa 7,36-50 u Ġwanni 12,1-8. Marbuta ma' dan ir-rakkont, kif imwassal minn Luqa, għandna ċelebrazzjoni penitenzjali, li trid tkompli torbot mat-tema tal-Missjoni Djoċesana u ta' dan is-sussidju. L-imħabba ta' Kristu, li dehret fl-aqwa tagħha fuq is-salib, tirrikonċiljana ma' Alla u bejnietna, għax, kif jistqarr San Pietru, l-imħabba tgħatti l-kotra tad-dnubiet (ara 1 Pt 4,8). (L-ikona hi meħuda mill-internet: http://www.atelier-st-andre.net/fr/pages/oeuvres/fricone15.html).

F'dan is-sussidju tistgħu ssibu diversi għajnuniet:

i. Tħabbira tar-Randan Imqaddes;
ii. Studju dwar il-"konverżjoni" f'San Pawl, b'riferiment speċjali għall-ġrajja ta' Damasku;
iii. Lectio Divina dwar il-Vanġeli tal-Ħdud tar-Randan;
iv. Għajnuna għall-Omeliji tal-Ħdud tar-Randan;
v. Skemi għall-Eżerċizzi tar-Randan 2009, kemm għall-Adulti kif ukoll għat-Tfal;
vi. Ċelebrazzjoni Penitenzjali;
vii. Ċelebrazzjoni għal Jum id-Duluri; u
viii. Notamenti Pastorali għal żmien ir-Randan u l-Għid.

Nirringrazzja lill-kontributuri kollha li għenu biex joħroġ dan is-sussidju. Jalla matul dan ir-Randan inħallu tassew lil Alla jħabbibna aktar miegħu.

# 1. IL-MIXJA TAR-RANDAN

Tul l-erbgħin jum tar-Randan, il-Mulej jagħtina l-grazzja li fi ħdan il-Knisja nidħlu daħla fina nfusna u niltaqgħu miegħu biex permezz tat-talb, tal-penitenza u tal-karità ngħixu fl-ispirtu ta' Kristu msallab bil-għan li nagħtu glorja lil Alla u naslu għall-glorja tal-qawmien.

## Esperjenza tad-'deżert'

Fost l-esperjenzi varji penitenzjali li l-Knisja tgħix biex tissaffa hemm iż-żmien liturġiku tar-Randan, li jikkonsisti f'erbgħin ġurnata. Dan n-numru fil-Bibbja dejjem jirrappreżenta perjodu twil ta' tbatija u ċaħdiet għal tisfija u tiġdid li jwassal għall-ferħ. Hekk fl-Iskrittura nsibu:

- erbgħin jum tad-dilluvju universali (Ġen 7,4.12.17;8,6);
- erbgħin jum li għadda Mosè fuq il-muntanja Sinaj (Eż 24,18; Dt 9,9.11.18.25;10,10);
- erbgħin jum li ħadu l-esploraturi Lhud biex jesploraw l-art li fiha kienu ser jidħlu (Num 13, 22ss);
- erbgħin jum li għadda David qabel ma affronata lill-Filistew Gulija (1 Sam 17);
- erbgħin jum li mexa l-profeta Elija biex wasal fuq il-muntanja Ħoreb (1 Re 19,8);
- erbgħin jum li, tul il-predikazzjoni ta' Ġona, Alla ta lil Ninwe qabel ma jiddistruġġiha (Ġen 3,4);
- erbgħin jum li għadda Ġesù fid-deżert (Mt 4,2; Mc1,13; Lc 4,2);
- erbgħin jum li tulhom Ġesù rawwam lid-dixxipli tiegħu bejn il-qawmien u l-Axxensjoni (Atti 1,3).

Fil-każi kollha għandna żmien impreċiżat, ikkaratterizzat mill-istennija u allura mill-mortifikazzjoni, kif ukoll miċ-ċaħda u f'ħafna każi wkoll mis-sofferenza, imma li wara dan iż-żmien ikun hemm dejjem ir-rebħa u t-twettiq ta' wegħda. L-għan hu milħuq wara li wieħed jissielet u anke jiġi umiljat, b'tali mod li wara t-tiġrib tiġi dejjem ir-rebħa ta' Alla.

Dan kollu jissuġġerilna biex ngħixu r-Randan bħala żmien ta' abbandun, prova u solitudni, li tulu nikkumbattu t-tentazzjonijiet u nissieltu kontra l-ħażen, li aħna nistgħu nindividwaw fid-deżert, li madankollu hu fl-istess ħin opportunità biex nikkoperaw mal-grazzja ta' Alla u nħossu qrib tagħna lis-Salvatur.

Id-deżert hu ż-żmien tas-solitudni u taċ-ċaħda tagħna nfusna biex niskopru lil Alla li għandu jiġi l-ewwel f'ħajjtna. Tul ir-Randan nagħmlu l-esperjenza tad-deżert jekk, bil-għajnuna ta' Alla, nitbegħdu mid-drawwiet, ideat u konvinzjonijiet li minħabba fihom inħossuna awtosuffiċjenti u nibdew nagħtu l-ewwel post lil Alla u lill-imħabba tiegħu li tegħleb il-kburija falza tagħna. X'tagħmel din l-esperjenza spiritwali tad-deżert? "Il deserto mette l'uomo di fronte a se stesso, disarmato e privato di tutte le sue forze, potenze e abitudini di vita, per affrontare la presenza di Dio nel più grande spogliamento possibile… Infine, il deserto è sempre un passaggio, e che c'è un *ritorno* più forte e più sereno verso gli uomini…" (*Sulle tracce di P. De Foucauld,* Bologna 1968, 31-34).

Li tmur fid-deżert ifisser li titbiegħed mill-frugħa tad-dinja u tal-propaganda, li tiċħad lilek innifsek billi teħodha kontra l-vizzji u n-nuqqasijiet spiritwali, li tippersevera fil-ġlieda kontra l-ħażen u filli tiskopri f'dan kollu l-imħabba ta' Alla li tixrpunana lejn il-proxxmu.

## Elementi irrinunċjabbli tar-Randan

It-tradizzjoni ħajja tal-Knisja tagħna – li l-ewwel u qabel kollox hi waħda mill-għejjun tar-Rivelazzjoni – iżżomm li r-Randan fih tliet elementi irrinunċjabbli: **it-talb, is-sawm u l-għemejjel ta' karità**. Jekk jonqos xi element minn dawn, ma jkunx hemm il-veru Randan għaliex ma jkunx hemm il-vera konverżjoni tal-bniedem għall-imħabba ta' Alla.

It-talb magħqud mas-sawm u mal-opri ta' karità ġew definiti wkoll mill-Isqfijiet Taljani bħala elementi li jikkwalifikaw il-penitenza Nisranija, għaliex hu l-bniedem sħiħ li jwettaq il-penitenza:
"Il digiuno e l'astinenza – insieme alla preghiera, all'elemosina e alle altre opere di carità – appartengono, da sempre, alla vita e alla prassi penitenziale della Chiesa: rispondono, infatti, al bisogno permanente del cristiano di conversione al regno di Dio, di richiesta di perdono per i peccati, di implorazione dell'aiuto divino, di rendimento di grazie e di lode al Padre. Nella penitenza è coinvolto l'uomo nella sua totalità di corpo e di spirito: l'uomo che ha un corpo bisognoso di cibo e di riposo e l'uomo che pensa, progetta e prega; l'uomo che si appropria e si nutre delle cose e l'uomo che fa dono di esse; l'uomo che tende al possesso e al godimento dei beni e l'uomo che avverte l'esigenza di solidarietà che lo lega a tutti gli altri uomini. Digiuno e astinenza non sono forme di disprezzo del corpo, ma strumenti per rinvigorire lo spirito, rendendolo capace di esaltare, nel sincero dono di sé, la stessa corporeità della persona." (CONFERENZA EPISCOPALE ITALIANA, *Il senso cristiano del digiuno e dell'astinenza,* I, Roma 4 Ottobre 1994).

## It-Talb

Il-bniedem milħuq minn Alla fi Kristu u msejjaħ mill-imħabba tiegħu biex jgħix ir-Randan kif trid il-Knisja, l-ewwel ħaġa li jagħmel hu li jitlob. B'talb hawn nifhmu li wieħed jingħaqad mar-rivelazzjoni u mal-imħabba ta' Alla u juri dan billi jkollu fiduċja f'Alla u jagħrfu bħala l-aqwa ġid tiegħu.

F'din l-esperjenza ta' talb qatt ma nistgħu nittraskuraw lil Kristu u l-inkarnazzjoni tiegħu, la fit-talba liturġika li fiha norjentaw ruħna lejn il-Missier permezz tal-Iben fl-Ispirtu s-Santu, u anqas fit-talb individwali u anqas fid-diversi għamliet ta' ġabra personali u ta' għażla tas-silenzju fir-rapport tagħna ma' Alla.

## Is-Sawm

Is-sawm hu ta' ġid mhux biss mil-lat spiritwali, tant li ċ-ċaħda mill-ikel tista' tgħin ukoll l-iżvilupp fiżiku tal-bniedem. Fuq il-linja ta' Sant'Atanasju u ta' ċerti asserzjonijiet tal-mediċina tal-perjodu wara l-Gwerra, Grun osserva li s-sawm fih vantaġġi wkoll għall-ġisem apparti milli għall-ispirtu, għaliex l-astinenza mill-ikel f'ħafna u ħafna każi tfejjaq mill-mard, teħles l-organiżmu minn elementi żejda billi telimina ċerti sustanzi ta' ħsara

għall-ġisem u tgħin biex tneħħi l-attenzjoni mill-konkupixxenza tal-ġisem u tgħin biex televa l-ispirtu (Cf. A. GRUN, *Digiunare per il corpo e per lo spirito,* Paoline, Milano 2003).

Aktar minn hekk, il-vantaġġi tal-astinenza totali jew parzjali mill-ikel narawha fl-għajnuna li tingħatalna fil-ġlieda kontra l-vizzji, il-passjonijiet u l-ġibda għall-ħażen.

Fil-Messaġġ tal-Papa Benedittu XVI għar-Randan ta' din is-sena 2009 (11 ta' Diċembru 2008) naqraw: "Fasting certainly bring benefits to physical well-being, but for believers, it is, in the first place, a 'therapy' to heal all that prevents them from conformity to the will of God".

Is-suġġett tas-sawm jintroduċina għat-tema aktar wiesgħa tal-penitenza. Meta nwettqu l-penitenza, tajjeb niftakru li hemm żewġ livelli ta' riparazzjoni: inpattu għad-dnubiet tagħna nfusna (għal kemm inqasna fl-imħabba tagħna lejn Alla u ma obdejniex ir-rieda tiegħu) u għal dawk tal-proxxmu. Meta nwettqu l-penitenza biex biha npattu għad-dnubiet tagħna nfusna u tal-proxxmu, tajjeb niftakru li din it-tpattija ssir fuq żewġ livelli: inpattu għad-dnub bħala nuqqas kontra l-imħabba tagħna lejn Alla u bħala ħsara ġejja mid-diżubbidjenza lejn ir-rieda ta' Alla.

Fuq l-ewwel livell, il-penitenza tagħna għandha tkun tikkonsisti f'imħabba ikbar u aktar ġeneruża lejn Alla billi:

- nagħmlu atti ta' mħabba divina;
- inwettqu x-xogħol oridnarju tagħna b'imħabba aktar safja lejn Alla;
- dak li nagħmlu nagħmluh aktar bil-qalb u kull tant u tant ngħidu lill-Mulej li dak li qed nagħmlu qed nagħmluh għall-imħabba tiegħu;
- niddeċiedu qabel ir-Randan liema forma jew forom ta' karità ser inwettqu lejn dawk li magħhom ngħixu jew naħdmu;
- nagħżlu xi waħda jew aktar mill-opri tal-ħniena li jmissu l-ġisem u li jmissu r-ruħ, li fuqu jew fuqhom irridu nikkonċentraw tul dan ir-Randan, bħala l-penitenza-bħala-imħabba offruta lil Alla maħbub u offiż minna.

Fuq it-tieni livell, il-penitenza tagħna tfittex li tħarriġna filli ningħaqdu aktar mar-rieda ta' Alla u nitbegħdu mill-pjaċir fieragħ tad-dnub. Dawn huma xi ftit eżempji:

- li tersaq aktar ta' spiss għall-qrar tul ir-Randan;
- is-sehem ta' kuljum fil-quddiesa;
- inqas ħin fl-ikel, jew tiekol inqas ikel, jew tqum mis-sodda qabel is-soltu;
- sagrifiċċju ta' xi sigħat fil-ġimgħa li kieku kont tgħaddihom tara t-televixin, taqra l-gazzetti jew xi rumanz jew fuq l-Internet;
- tiċċaħħad minn xi ħaġa tajba tal-ikel jew ma tikolx bejn l-ikliet;
- tqum mal-ewwel filgħodu u tirtira f'ħin tajjeb bil-lejl;
- twieġeb l-ittri jew tikteb lil persuni li japprezzaw li jisimgħu mingħandek;
- trażżan il-ħin li tgħaddi titkellem fuq it-telefon jew fil-konverżazzjonijiet inġenerali.

## Il-karità

Il-mezzi spiritwali tas-sawm u l-astinenza qatt mhuma skop fihom infushom. Huma l-mezzi tal-*metanoia*, jiġifieri tar-ritorn lejn Alla permezz tal-għaqda miegħu f'ħajja

mġedda. Is-sawm u l-astinenza, jekk ġenwini, iridu jwasslu biex jiġu konkretizzati fl-elemożina u fis-solidarjetà lejn dawk fil-bżonn. Il-karità hi t-trasparenza tas-sawm.

Il-ġid li nagħmlu lill-oħrajn irid ikun frott is-sinċerità, it-trasparenza u l-karità evanġelika: "Almsgiving, according to the Gospel, is not mere philanthropy: rather it is a concrete expression of charity, a theological virtue that demands interior conversion to love of God and neighbour, in imitation of Jesus Christ, who, dying on the cross, gave His entire self for us. How could we not thank God for the many people who silently, far from the gaze of the media world, fulfill, with this spirit, generous actions in support of one's neighbour in difficulty? There is little use in giving one's personal goods to others if it leads to a heart puffed up in vainglory: for this reason, the one, who knows that God 'sees in secret' and in secret will reward, does not seek human recognition for works of mercy" (BENEDITTU XVI, Messaġġ għar-Randan 2008, 30.10.2007, n. 3).

**L-Imħabba lejn Kristu Msallab**

Kristu, li minnu tibda u fih tintemm il-fidi tagħna, jinsab fil-qofol tal-liturġija. "Tutti, infatti, o quasi, convengono nel riconoscere che l'adorazione del Padre per mezzo di Gesù Cristo nello Spirito Santo è l'essenza e al tempo stesso il fine della sacra liturgia, o culto divino" (M. GALIARDI, Ordinario di Teologia presso l'Ateneo Pontificio *Regina Apostolorum* di Roma, ZENIT, 9.1.09). Ma jistax jonqos li anke tul iż-żmien liturġiku qawwi tar-Randan, Kristu huwa preżenti, attiv u insostitwibbli.

Fil-fatt, l-ispirtu tar-Randan hu l-ispirtu ta' Kristu msallab. Dan hu l-*leitmotif* tal-komponenti kollha tar-Randan fuq imsemmija. Għalhekk, dak kollu li jgħenna biex nifhmu aktar il-passjoni u l-mewt ta' Kristu u li jkabbar l-imħabba tagħna lejh għandu jiġi promoss tul dan iż-żmien. Nagħlaq dawn ir-riflessjonijiet b'xi rakkomandazzjonijiet prattiċi għaż-żmien tar-Randan:

- il-meditazzjoni fuq ir-rakkonti tal-Vanġelu dwar il-passjoni ta' Kristu;
- il-qari ta' kotba spiritwali;
- ir-reċita ta' talb bħal *Ruħ ta' Kristu qaddisni*;
- li nagħmlu ta' kuljum il-Via Sagra u ninkoraġġixxu lil ħaddieħor jagħmilha;
- ikollna xi simbolu tal-passjoni ta' Kristu, bħal xi kurċifiss jew immaġni tal-kurċifiss fejn nistgħu narawha u li tfakkarna fil-passjoni fil-mumenti mudlama tal-ġurnata;
- ikollna xi talba qasira li nirreċitawha, almenu f'qalbna, ftit drabi tul il-jum, bħal ngħidu aħna, "Qalb ta' Ġesù, ubbidjenti sal-mewt, ikollok ħniena minna";
- li kull tant u tant nirreċitaw il-Litanija tad-Demm ta' Kristu;
- li ngħaddu ftit aktar ħin fil-preżenza ta' Ġesù Ewkaristija nitolbuh nikbru fl-għarfien tal-passjoni tiegħu li għadha tkompli fil-Knisja.

Ħalli takkumpanjana l-Omm tagħna Marija tul dan iż-żmien ta' grazzja u tisfija, sabiex flimkien magħha naslu għall-glorja tal-qawmien.

## 2. Fit-Triq ta’ Damasku ~ Il-Laqgħa ta’ Sawlu ma’ Kristu Rxoxt

“Dak kollu li għalija kien qligħ, jien għaddejtu bħala telf minħabba Kristu. Jiena ngħodd kollox bħala telf ħdejn il-qligħ kbir li hemm filli nagħraf lil Kristu Ġesù Sidi; minħabba fih ridt li nitlef kollox, u ngħodd kollox bħala knis biex nirbaħ lil Kristu, u nkun ninsab fih.” (Filippin 3:7-9)

### Il-‘Konverżjoni’ fl-Iskrittura Mqaddsa

Ġesù beda l-missjoni tiegħu proprju b’sejħa għall-konverżjoni: *“Indmu u emmnu fil-Bxara t-Tajba”* (Mk 1:15). Il-kelma Lhudija għall-‘konverżjoni’ hija ‘*xuv*’, li tfisser ‘*terġa’ lura*’, ‘*iddur*’, iddur lejn l-oriġini, mela ddur lejn Alla. Il-kelma Griega ‘*metanoia*’ hi iktar profonda u tfisser ‘*bidla fil-ħsieb*’ (‘*meta*’ tfisser ‘*bidla*’ u ‘*noeo*’ tfisser ‘*ħsieb*’), bidla fil-mentalità, bidla fil-moħħ, bidla fil-qalb, bidla fir-ruħ. Fl-Atti tal-Appostli (9:35; 11:21 u 15:3) għandna kelma oħra Ġriega għal konverżjoni : ‘*epistrophe*’, li tfisser bidla fil-kondotta tal-ħajja: “In-nies kollha li kienu joqogħdu f’Lidda u f’Saron rawh u daru (epestrepsan) lejn il-Mulej” (Atti 9:35). Il-konverżjoni hija fuq kollox sejħa sabiex dejjem nimmaturaw fil-fidi u niġġeddu fi Kristu Rxoxt. Dan huwa proprju l-iskop ta’ dan ir-Randan u fuq kollox tal-Missjoni Djoċesana fl-okkażżjoni tas-Sena Pawlina.

Interessanti wkoll li nsemmu r-rabta tan-numru erbgħin fil-Bibbja mal-konverżjoni. In-numru erbgħin huwa dejjem marbut ma’ żmien ta’ rikonċiljazzjoni tant mixtieqa. Għandna l-erbgħin jum u l-erbgħin lejl tad-dilluvju f’Ġen 7:11; l-erbgħin sena tal-poplu jiġġerra fid-deżert qabel ma daħal fl-Art Imwegħda, kif naqraw f’Num 14:34; l-erbgħin jum għall-konverżjoni ta’ Ninwe f’Ġona 3:4 ; u l-erbgħin jum ta’ Ġesù fid-deżert qabel ma beda l-ministeru pubbliku tiegħu f’Mt 4:2. L-Iskrittura Mqaddsa għalhekk hija l-istorja tas-salvazzjoni li hija mmarkata mis-sejħa tal-bniedem għall-konverżjoni lejn Alla. Hawnhekk ser naraw il-ġrajja tal-konverżjoni ta’ San Pawl fit-Triq ta’ Damasku, u kif din il-ġrajja biddlet il-ħajja tiegħu.

### 1. Il-Konverżjoni ta’ San Pawl

#### 1.1. Sawlu minn Tarsu

San Pawl twieled fil-belt ta’ Tarsu taċ-Ċiliċja, fil-Lvant tat-Turkija tal-lum madwar is-sena 8 W.K. L-istudjuzi jikkalkulaw it-twelid tiegħu bejn is-sena 5 u 10 W.K. Kien Lhudi minn familja fariżajka mill-Ġudeja, eżattament mit-tribù ta’ Benjamin, kif ukoll kien ċittadin Ruman. Ta’ tmint’ijiem għamlulu ċ-ċirkonċizjoni u tawh l-isem ta’ Sawl, isem li jfisser ‘il-mixtieq’, għall-ewwel re tal-poplu Lhudi Sawl, li kien proprju mit-tribù ta’ Benjamin (ara Fil 3:5). Skont id-drawwa tal-Lhud tad-Dijaspora, ġie mogħti wkoll it-tieni isem bil-Latin ‘Paulus’, li jfisser il-‘qsajjar’. Bħala adolexxent wara li għamel il-‘*bar mitzwah*’ (iben tal-kmandament) mar Ġerusalemm u tħarreġ bir-reqqa fil-ħarsien tal-Liġi tal-Lhud bħala Farizew f’riġlejn Gamaljel, fl-iskola tal-Hillel, bejn is-snin 22 u 30 W.K. (ara Atti 22:3), iżda żgur li ma kienx f’Ġerusalemm meta Ġesù beda l-ministeru tiegħu. Ftit wara għas-sena 34 W.K. beda persekuzzjoni kontra l-ewwel Insara: “Biz-żelu li kelli,

ippersegwitajt il-Knisja" (Fil 3:6; ara wkoll 1 Kor 15:9 u Gal 1:13). Assista għas-sena 35 W.K. għall-martirju ta' San Stiefnu meta kien għadu żagħżugħ (bil-Grieg: '*neanias*', ara Atti 7:58).

## 1.2. Il-Ġrajja tal-Konverżjoni

A. Deissman laqqam lil San Pawl bħala 'kosmopolita', bniedem ta' tliet kulturi, dik Lhudija, Griega u Rumana f'persuna waħda. U hekk kien Sawlu ta' Tarsu, bniedem intelliġenti u mimli ħeġġa, imma fil-fond ta' qalbu kien għadu ma skopriex il-verità sħiħa ta' Kristu bħala t-Triq, il-Verità u l-Ħajja (ara Ġw 14:6). Kien proprju f'din il-fehma ta' persekuzzjoni li ltaqa' ma' Ġesù fi Triq ta' Damasku: *"Huwa u sejjer, kif qorob lejn Damasku, f'daqqa waħda idda madwaru dawl mis-sema. Waqa' fl-art u sema' leħen jgħidlu: 'Sawl, Sawl! Għaliex qiegħed tippersegwitani?' Hu wieġeb: 'Min int Mulej?' u l-leħen wieġbu: 'Jiena Ġesù, li int qiegħed tippersegwitah."* (Atti 9:3-5; ara wkoll Atti 9:1-20; 22:1-21; 26:2-23; Gal 1:11-17; Fil 3:4-17; 1 Tim 1:12-16 u Rum 7:7-25). Din il-laqgħa ma' Kristu tbiddel b'mod radikali l-ħajja ta' Pawlu. Esperjenza tassew kbira li ħalliet influss kbir fuq it-tixrid tal-Kristjaneżmu. Ġrajja tassew kbira li biddlet il-ħajja ta' Pawlu u li jixraq isir ukoll il-ġublew għaliha li jfakkarha meta jasal il-waqt (għas-sena 2035!).

Din l-esperjenza għal Pawlu timplika żewġ sejħat profondi. L-ewwelnett is-sejħa ta' Pawlu għall-konverżjoni u t-tieni nett is-sejħa bħala appostlu ta' Kristu. Huma ħafna l-interpretazzjonijiet varji ta' din il-ġrajja ta' Damasku li ngħataw matul is-snin; tradizzjonalment l-istudjuzi jħarsu lejn din l-esperjenza ta' Pawlu bħala ġrajja ta' konverżjoni, oħrajn però, bħal K. Stendahl, sostnew li hija sejħa iktar milli bħala konverżjoni, għaliex skont hu Pawlu ma bidilx ir-reliġjon tiegħu. Uħud, bħal William James, tawha wkoll spjegazzjoni psikoloġika. Illum bosta biblisti jħarsu lejn din il-ġrajja bħala mument ta' konverżjoni u sejħa bħala appostlu. Dan huwa l-mod l-iktar komplut li jiddeskrivi din l-ġrajja ta' Pawlu fit-Triq ta' Damasku, fejn huwa ġie msejjaħ għall-konverżjoni, l-ewwelnett dik tiegħu sabiex imbagħad ukoll huwa jikkonverti lill-oħrajn: *"Pawlu qaddej ta' Kristu Ġesù, imsejjah biex ikun appostlu, mahtur għall-Evanġelju ta' Alla"* (Rum 1:1). L-Imħabba ta' Alla ssuq lil Pawlu għad-dawl tal-verità: *"Ma tafx li b'din il-ħniena tiegħu Alla jrid iwasslek għall-indiema?"* (Rum 2:4).

## 1.3. Esperjenza Paskwali

Żgur li għal Pawlu l-ġrajja ta' Damasku kienet bidla kbira fil-ħsieb tiegħu (*metanoia*) ta' kif ihares lejn il-Liġi u l-Kelma ta' Alla fl-Antik Testment, mhux iktar bil-lenti fanatiku tal-Fariżej imma bil-lenti ta' Kristu, il-Messija li l-Lhud kienu għadhom qed jistennewh. Il-ġrajja ta' Damasku kienet tassew esperjenza ta' mogħdija, passaġġ (bl-Ebrajk: *pesach*), magħmudija mill-bniedem il-qadim għal dak ġdid, u għalhekk għalih kienet tassew l-esperjenza tal-Għid, esperjenzja paskwali, kienet laqgħa ma' Kristu Rxoxt: *"Ma tafux li aħna li tgħammidna fi Kristu, tgħammidna fil-mewt tiegħu? Indfinna miegħu fil-mewt permezz tal-magħmudija sabiex kif Kristu kien imqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier, hekk aħna ngħixu ħajja ġdida"* (Rum 6:3-4). F'din il-laqgħa ma' Kristu miet il-bniedem il-qadim ta' Sawlu u qam il-bniedem ġdid ta' Pawlu. Esperjenza ta' dawl ġdid, li tissarraf fil-ħidma fejjieda tiegħu li jxandar akkost ta' kollox dan il-ferh tal-Evanġelju tal-Messija rebbieħ fuq il-mewt darba għal dejjem (ara 1 Kor 15:1-8).

Għalhekk din il-ġrajja ta’ Damasku timplika s-sejħa ta’ Pawlu għall-konverżjoni fl-idejat tiegħu bħala Farizew u fuq kollox is-sejħa sabiex ikun l-appostlu tal-ġnus u appostlu ta’ Kristu (ara 1 Kor 1:1). Dak li qabel kien “dagħaj, persekutur u żebliehi tiegħu” (1 Tim 1:13), issa Kristu sar kollox għalih: *“Għalija l-ħajja hi Kristu”* (Fil:1:21); *“Dak kollu li għalija kien qligħ* (bil-Grieg: *kerdos*)*, jien għaddejtu bħala telf* (bil-Grieg: *zemia*) *minħabba Kristu. Jiena ngħodd kollox bħala telf ħdejn il-qligħ kbir li hemm filli nagħraf lil Kristu Ġesù Sidi; minħabba fih ridt li nitlef kollox, u ngħodd kollox bħala knis* (bil-Grieg: *skubalon*) *biex nirbaħ lil Kristu, u nkun ninsab fih”* (Fil 3:7-9). Mela dak li qabel għal Pawlu kien tant importanti għalih biex jgħix, issa sar għalih ta’ telf, anzi ta’ ħsara, saħansitra bħala knis u ħmieġġ jew ‘żibel’, kif tfisser eżattament il-kelma Griega ‘*skubalon’*. Pawlu jwarrab dan kollu biex issa jimtela bi Kristu. Pawlu jħossu għalhekk salvat minn Kristu, Kristu li ħatfu sabiex issa huwa jaħtaf lil Kristu għall-oħrajn: *“Inross ’il quddiem biex naħtaf dan, bħalma Kristu Ġesù ġa ħataf lili”* (Fil 3:12). Huwa għalhekk isir dik l-għodda jew strument tassew magħżul minn Alla għax-xandir tal-Evanġelju ta’ Kristu: *“Kull ma ġara lili safa biex jiġi aktar ’il quddiem l-Evanġelju”* (Fil 1:12); u *“Jien magħżul biex niddefendi l-Evanġelju”* (Fil 1:16).

### 1.4. Il-Missjunarju ta’ Kristu

Huwa proprju fl-Atti ta’ l-Appostli ta’ San Luqa l-Evanġelista, li kien infatti s-sieħeb ta’ Pawlu fil-ħidma missjunarja u li kellu kapiċità letterarja, li nsibu narrazzjoni ordnata tal-ħidma missjunarja ta’ Pawlu. Wara l-konverżjoni u s-sejħa tiegħu, Pawlu jsir ħolqien ġdid fi Kristu, tgħammed minn Ananija wara tlitt ijiem ‘midfun fid-dlam’, u mar jagħmel żmien irtirat fid-deżert fl-Arabja – fejn kellu diversi rivelazzjonijiet – u sabiex jirrifletti, kif jgħidilna San Ġirolmu. Lura f’Damasku kellu jaħrab fejn riedu joqtluh u mar Ġerusalemm għal ħmistax-il ġurnata - fejn iltaqa’ ma’ Pietru - , u biex ikollu l-ewwel kuntatt mal-Knisja ta’ Kristu. Iżda ma damx Ġerusalemm għax kellu jaħrab ukoll u għalhekk mar Tarsu (Gal 1:16-24). Hawnhekk San Pawl jagħmel diversi snin ta’ silenzju, żmien twil ta’ purifikazzjoni u meditazzjoni, jipprepara għall-ministeru tiegħu. Huwa proprju wara madwar għaxar snin (is-snin il-moħbija ta’ San Pawl) li jitfaċċa Pawlu l-missjunarju, li sa minn meta għamel l-ewwel vjaġġ missjunarju minn Antijokja fis-Sirja fis-sena 45 W.K. sal-martirju tiegħu ġewwa Ruma, ħadem, bata u stinka kemm felaħ biex ixandar lil Kristu Msallab u Rebbieħ: *“...Tliet darbiet rajt il-għarqa; għaddejt lejl u jum f’nofs il-baħar. Għamilt safar bla għadd; sibt ruħi f’perikli ta’ xmajjar, perikli mill-ħallelin, perikli min-nies ta’ ġensi, perikli mill-pagani, perikli fl-ibliet, perikli fid-deżert, perikli fil-baħar...”* (2 Kor 11:25-26). Mhux ta’ b’xejn li l-istudjużi jaħsbu li San Pawl għamel 17-il elf kilometru ta’ vjaġġi, vjaġġi li huwa għamel sabiex ixandar l-Evanġelju ta’ Kristu.

## 2. Pawlu jxandar il-Konverżjoni

### 2.1. Il-Jasar tad-Dnub

San Pawl ifisser din il-bidla tal-konverżjoni bil-kunċetti tal-bniedem il-qadim “imħassar bix-xewqat tal-pjaċiri qarrieqa” u l-bniedem il-ġdid “maħluq” skont Alla. Din hija l-ħajja ġdida fi Kristu: *“Għandkom twarrbu l-ħajja tagħkom ta’ qabel u tinżgħu l-bniedem il-qadim, imħassar bix-xewqat tal-pjaċiri qarrieqa u tilbsu l-bniedem il-ġdid, maħluq skont Alla, fil-ġustizzja u l-qdusija ġejja mill-verità”* (Ef 4:22-24).

Għal San Pawl, id-dnub huwa lakuna, żball, ħtija (kif ifisser l-Ebrajk: *hata'*) li jwassal għall-mewt għaliex proprju 'tiżbalja fil-mira'; 'ma' tolqotx' jew 'tiżvija' kif tfisser il-kelma Griega '*amartia'*. Huwa proprju dan l-atteġġjament żbaljat tad-dnub li permezz tiegħu l-bniedem jitbiegħed minn Alla u mis-salvazzjoni li ġab Kristu: *"Għax l-ħlas tad-dnub hu l-mewt, imma d-don li tana Alla huwa l-ħajja ta' dejjem fi Kristu Ġesù Sidna"* (Rum 6:23). Huwa proprju meta nħallu lil ġisimna taħt il-madmad tad-dnub li l-bniedem ikun qed jiżvija tassew mill-iskop tal-ħajja tal-persuna u tal-ġisem tiegħu: *"Għax jekk tgħixu skont il-ġisem, tmutu imma jekk tmewtu l-għemil tal-gisem bl-Ispirtu, tgħixu"* (Rum 8:13). Din għandha għalhekk tkun l-esperjenza tan-Nisrani fil-magħmudija tiegħu, li jmewwet il-ġisem tad-dnub (bil-Grieg: *sarx*) u jqum bil-ġisem tassew ħaj (bil-Grieg: *soma*).

## 2.2. Il-Ġustizzja ta' Alla

Huwa l-iskop tal-Evanġelju ta' Kristu li qed jxandar Pawlu li juri din il-Ġustizzja ta' Alla u li jgħin lin-Nisrani jirbaħ il-jasar tad-dnub. Il-Ġustizzja ta' Alla (bil-Grieg: *dikaiosune Theou*) huwa ħsieb tassew importanti fit-teoloġija Pawlina. Fl-Antik Testment naraw din il-Ġustizzja ta' Alla murija permezz tal-Patt li jagħmel Alla mal-poplu tiegħu u l-wegħdiet li huwa jagħmel miegħu: *"Għarraf il-Mulej is-salvazzjoni tiegħu, f'għajnejn il-ġnus wera l-ġustizzja tiegħu"* (Salm 98:2). Mela din il-Ġustizzja ta' Alla, iktar minn xi ideja ta' kundanna, trid turi l-fedeltà ta' Alla (bl-Ebrajk: *sedeqa*) mal-wegħdiet li Huwa għamel mal-bniedem għaliex huwa *saddiq* (ġust), u l-ħniena tiegħu tinfirex għas-salvazzjoni ta' kulħadd. Mela hija ġustizzja li biha Alla jiġġustifika, jiġifieri jsalva lill-bniedem. Hija l-Ġuztizzja ta' Alla li turi l-volontà salvifika Tiegħu. Permezz ta' din il-Ġustizzja ta' Alla, jingħataw is-sliem u t-tama, il-ħelsien mill-mewt, il-ħelsien mid-dnub, il-ħelsien tal-ħolqien permezz tal-Ispirtu s-Santu u s-salvazzjoni għal kulħadd: *"Ma hemmx għażla bejn Lhudi u Grieg; Alla hu s-Sid ta' kulħadd u għani ma' dawk kollha li jsejħulu. Għax kull min isejjaħ isem il-Mulej isalva"* (Rum 10:12-13).

## 2.3. Il-Qawmien ta' Kristu mill-Imwiet

Din hija l-Aħbar it-Tajba li jrid ixerred San Pawl, il-proklamazzjoni (bil-Grieg: *kerygma*): *"li Kristu miet għal dnubietna, skont il-Kitba, u kien midfun u qam it-tielet jum skont il-Kitba, u deher lil Kefa, imbagħad lit-Tnax. Imbagħad deher lil aktar minn ħames mija, aħwa, f'daqqa, li ħafna minnhom għadhom ħajjin sal-lum, oħrajn mietu. Imbagħad deher lil Ġakbu, imbagħad lill-appostli kollha. Fl-aħħarnett deher lili, bħala rimi"* (1 Kor 15:3-7). Dan it-test huwa l-eqdem tagħlim dwar l-ikbar verità tal-Kristajnezmu, miktub qabel ukoll l-erba' Vanġeli.

Infatti dan il-messaġġ tal-qawmien mill-mewt tal-ġisem jinsab jidwi sewwa fit-tagħlim ta' San Pawl, b'mod partikulari fl-Ewwel Ittra lill-Korintin, fejn kienu bosta dawk f'Korintu li kienu qed isibuha diffiċli sabiex jaċċettaw il-qawmien tal-ġisem, u dan għaliex il-Griegi, influwenzati mill-Platoniżmu, kienu jemmnu fl-immortalità tar-ruħ biss u mhux fil-qawmien tal-ġisem wara l-mewt. Dan nistgħu narawh fid-diskors ta' San Pawl fl-Arjopagu ta' Ateni fejn kien jiltaqa' l-Kunsill tal-belt, kif naraw f'Atti 17:16-34. Pawlu jsemmi l-verità tal-qawmien ta' Kristu mill-imwiet. Il-qawmien ta' Kristu huwa r-rebħa suprema tiegħu fuq il-mewt darba għal dejjem, huwa garanzija għall-qawmien tal-ġisem tagħna għall-ħajja ta' dejjem fl-aħħar jum.

## 2.4. L-Imħabba ta' Kristu

San Pawl jeżalta l-imħabba Nisranija fil-kapitlu 13 fl-Ewwel Ittra lill-Korintin: *«L-imħabba taf tistabar; l-imħabba hi twajba, ma tgħirx, l-imħabba ma tiftaħarx, ma titkabbarx; ma tagħmilx dak li ma jixraqx, ma tfittixx dak li jaqblilha, ma teħux għaliha, ma żżommx f'qalbha għad-deni, ma tifraħx bid-dnewwa, imma tifraħ bis-sewwa. Kollox tagħder, kollox temmen, kollox tittama, kollox tissaporti »* (1 Kor 13:4-7). Hawnhekk għandna l-innu tal-imħabba vera, il-karità – waħda mill-isbaħ paġni tal-Ġdid Testment. L-imħabba terġa' tissemma fil-kapitlu 5 tat-Tieni Ittra lill-Korintin: *"Aħna mela ambaxxaturi ta' Kristu; qisu Alla qiegħed iwissi permezz tagħna. Nitolbukom f'ġieħ Kristu: tħabbu ma' Alla"* (2 Kor 5:20). Hija din l-imħabba ta' Kristu li ssuq lil Pawlu biex iħobb l-Evanġelju akkost ta' kollox: *"Iva nitgħaxxaq bid-dgħufijiet tiegħi, bit-tgħajjir, bil-għaks, bil-persekuzzjonijiet, bid-dwejjaq għal Kristu, għax meta jien dgħajjef, jien inkun qawwi"* (2 Kor 12:10).

## Konklużjoni

Dan huwa mela l-Evanġelju, l-'*aħbar it-tajba*' (bil-Grieg: *euangelion*) li għalih ġie msejjaħ San Pawl sabiex ixandar; huwa l-Evanġelju ħaj ta' Kristu: *"Imma meta Dak li għażilni sa minn ġuf ommi, u li sejjaħli permezz tal-grazzja tiegħu, għoġbu jirrivelali lil Ibnu biex inħabbru fost il-ġnus…"* (Gal 1:15-16). Huwa l-Evanġelju li jissupera l-liġijiet tal-bnedmin għaliex huwa ġej minn Alla li jrid is-salvazzjoni ta' kulħadd. Huwa l-Evanġelju li jxandar lil Kristu Rxoxt u għalhekk San Pawl irid iwassal din il-verità ta' ħelsien li ġab il-qawmien mill-mewt ta' Kristu: *"Ngħid għalija ma jkun qatt li niftaħar jekk mhux bis-salib ta' Sidna Ġesù Kristu…"* (Gal 6:14).

Dan huwa l-iskop ta' din is-Sena Pawlina li nitgħallmu minn għand San Pawl kif nikbru fil-fidi u nagħrfu lil Kristu, kif qalilna l-Papa fl-Udjenza Ġenerali tat-2 ta' Lulju 2008: "È questo il fine dell'Anno Paolino: imparare da san Paolo, imparare la fede, imparare il Cristo", għaliex fil-qalb ta' Pawlu kienet tħabbat tassew il-qalb ta' Kristu!

## 3. IL-LITURĠIJA TAL-KELMA TAL-ĦDUD TAR-RANDAN – SENA B

| | L-Ewwel Qari | It-Tieni Qari | Il-Vanġelu |
|---|---|---|---|
| 1 | Il-patt bejn Alla u Noè wara l-ħelsien mid-dilluvju<br><br>Ġen 9,8-15 | L-ilma tal-magħmudija jsalva lilna wkoll<br><br>1 Pt 3,18-22 | It-tiġrib ta' Ġesù fid-deżert<br><br>Mk 1,12-15 |
| 2 | Is-sagrifiċċju ta' missierna Abraham<br><br>Ġen 22,1-2.9.10-13.15-18 | Alla ma ħelishiex lill-Iben tiegħu<br><br>Rum 8,31-34 | It-Trasfigurazzjoni<br><br>Mk 9,2-10 |
| 3 | Il-Liġi ngħatat permezz ta' Mosè<br><br>Es 20,1-17 | Kristu hu skandu għal min ma jemminx imma hu l-għerf ta' Alla għal dawk li jemmnu<br><br>1 Kor 1,22-25 | Ħottu dan it-tempju u fi tlitt ijiem nerġa' ntellgħu<br><br>Ġw 2,13-25 |
| 4 | Il-ħelsien mill-eżilju hu esperjenza tal-ħniena ta' Alla<br><br>2 Kron 36,14-16.19-23 | Ġejna salvati bil-grazzja ta' Alla<br><br>Ef 2,4-10 | Alla bagħat lil Ibnu biex id-dinja ssalva permezz tiegħu<br><br>Ġw 3,14-21 |
| 5 | Nagħmel patt ġdid u ma niftakarx aktar il-ħtijiet<br><br>Ġer 31,31-34 | Tgħallem l-ubbidjenza u kiseb is-salvazzjoni ta' dejjem għall-bnedmin<br><br>Lh 5,7-9 | Jekk il-ħabba tal-qamħ taqa' fl-art u tmut, hi tagħti ħafna frott<br><br>Ġw 12,20-33 |

# 4. Lectio Divina dwar il-Vanġeli tal-Ħdud tar-Randan – Sena B

## 4.1. L-Ewwel Ħadd tar-Randan

### *L-Ispirtu ħareġ lil Ġesù fid-deżert (Mk 1,12-15)*

1. "***Imbagħad minnufih…***" (1,12): Ġesù huwa mġarrab hekk kif jagħmel l-esperjenza tal-Magħmudija fil-Ġordan – wara li jagħżel l-istil tal-missjoni tiegħu u jfasslu fuq il-missjoni tal-Qaddej ta' Jahvè. "*U tgħammed minn Ġwanni fil-Ġordan… Inti ibni l-għażiż; fik sibt l-għaxqa tiegħi*" (Mk 1,10-11; Iz 42,1). Il-bniedem li ma jagħżilx lil Alla ma jkollux tiġrib. "*Ibni, jekk tġi biex taqdi lill-Mulej ħejji ruħek għat-tiġrib. Kun sinċier f'qalbek u żomm sħiħ, biex ma tinfixilx fi żmien il-għawġ*" (Sir 2,1-2)

2. "***Fid-deżert…***" (1,12): Mera tal-qalb tal-bniedem. Meta bniedem ma jkunx f'armonija miegħu nnifsu, ma jixtieqx jiltaqa' miegħu nnifsu; jipprova jaħrab billi jehda f'attività, divertiment, eċċ; jara l-ikrah f'dak li hemm madwaru u jipprova jbiddel is-sitwazzjoni, il-persuni u s-sistema. Ġesù jidħol f'dan id-deżert.

   Iżrael jiltaqa' ma' Alla, jiskopri s-sejħa tiegħu bħala poplu, jirċievi l-ligi ta' Alla meta kien fid-deżert. Kien meta daħal fl-art imwiegħda li tbiegħed mis-sejħa tiegħu originali (Ġer 2,6-8). Kien meħtieg li l-poplu jerga' lura fid-deżert biex isib mill-ġdid lilu nnifsu. "*Għalhekk, araw, jiena se niġbidha, neħodha fid-deżert u lil qalbha nkellem*" (Ħos 2,16). Stennija serja ta' Alla ssir fid-deżert: Ġwanni l-Battista nnifsu u l-komunità tal-Esseni kienu jistennew fid-deżert il-miġja tal-Messija. "*F'dawk il-jiem deher Ġwanni l-Battista jippriedka fid-deżert tal-Lhudija u jgħid: Indmu, għax is-saltna tas-smewwiet waslet*" (Mt 3,1). Huwa l-post fejn Alla jiltaqa' mal-bniedem: "*Mosè kien jirgħa l-merħla ta' ħatnu Ġetru, qassis ta'Midjan, u ħa l-merħla 'l hemm fid-deżert, u wasal sa ħdejn Ħoreb, il-muntanja ta' Alla. Hawn dehrlu l-anħlu tal-Mulej f'ħuġġieġa nar qalb l-għollieq. Mosè ħares u ra l-għollieq jaqbad bin-nar bla ma jintemm.*" (Es 3,1-2). "*F'art imwarrba mar isibu, f'deżert waħxi u bla nies. Dar miegħu u ħa ħsiebu; ħarsu bħall-mimmi ta' għajnejh.*" (Dt 32,10). Huwa l-post fejn Alla jitqabad mal-bniedem: "*ksirtuli kliemi fid-deżert ta' Sin, meta l-ġemgħa ħaditha miegħi, u ma ħaristulix qdusiti quddiemhom ħdejn l-ilma. Dan hu l-ilma ta' Meriba f'Kades fid-deżert ta' Sin.*" (Num 27,14). Huwa l-post tal-konverżjoni: "*Leħen jgħajjat: Ħejju t-triq għall-Mulej fid-deżert, wittu għal Alla tagħna mogħdija fix-xagħri…*" (Iz 40,3) "*Arawni, sejjer nagħmel ħaġa ġdida: feġġet issa; għadkom ma ttendejtux? Se niftaħ triq fix-xagħri, xmajjar fid-deżert*" (Is 43,19).

3. "***L-ispirtu ħarġu…***" (1,12): "*Għax jekk tgħixu skond il-ġisem, tmutu; imma jekk tmewtu l-għemil tal-ġisem bl-Ispirtu, tgħixu. Dawk kollha li jmexxihom l-Ispirtu ta' Alla huma wlied Alla. Għax intom ma rċevejtux l-ispirtu li jwassalkom għall-jasar biex terġgħu taqgħu fil-biża', imma rċevejtu l-Ispirtu li jagħmel minnkom ulied adottivi; u li bih aħna nistgħu ngħajtu: Abba! Missier! Dan l-Ispirtu jixhed flimkien mal-ispirtu tagħna li aħna wlied Alla.*" (Rum 8,13-16). Mhux il-"*kuraġġ*" jew id-"*deċizjoni*" li jdaħħluk fid-deżert iżda l-"*Ispirtu*" idaħħal lil Ġesù fid-deżert. Ma

tistax tipprogrammah int, jew timponi fuqek innifsek li tidħol fih int. Huwa l-Ispirtu li f'mument ta' ħajtek, ineżżgħek għarwien u jlaqqgħek miegħek innifsek kif int. Meta nkunu ċerti li xi ħadd jaċċettana kif aħna, meta nimtlew bil-fiduċja f'xi ħadd, indipendentement minn dak li għandna fina, aħna nkunu kapaċi nidħlu fid-deżert bil-verità u mingħajr riservi. Hija biss il-fiduċja kbira f'Alla li ssostnina fis-silenzju u fis-solitudni tad-deżert.

Meta wieħed jidħol fid-deżert bis-serjetà d-dinja ta' madwaru tibda tikkrolla. Il-familja, id-dmirijiet, ir-relazzjonijiet li qabel kellhom sens, issa jsiru bla sens. L-ideali u l-ideat jitilfu s-saħħa kollha tagħhom. Ma' jibqa jinteressah xejn. Jinduna li qalbu hija domanda waħda.

4. ***"Kien jgħix mal-bhejjem selvaġġi"*** (Mk 1,13): Ġesù jerġa' jikseb l-armonija li tilef Adam wara l-waqgħa fid-dnub (Ġen 3,23). Ġesù huwa dak li jġib ir-rikonċiljazzjoni mitlufa bid-dnub. "*Il-lupu jibda jgħix mal-ħaruf, il-leopard mal-gidi, u jirgħu flimkien l-għoġol u ferġ l-iljun, daqsxejn ta' tfajjel isuqhom. Il-baqra u l-ors jirgħu flimkien, u l-frieħ tagħhom flimkien jistrieħu. L-iljun bħall-gendus jiekol it-tiben. It-tarbija tal-ħalib titliegħeb fil-ħofra tas-serp; u t-tifel miftum idaħħal idu fil-bejta tal-lifgħa.*" (Is 11,6-8). Qiegħed jitwettaq dak li jgħid il-ktieb ta' Ġob: "*Ħerba u għaks tiddieħak bihom, u l-bhejjem selvaġġi ma tibżax minnhom. Mal-ġebel tar-raba' jkollok ftehima, u l-bhejjem selvaġġi jkunu fis-sliem miegħek.*" (Ġob 5,22-23). Hija l-armonija fil-qalb tal-bniedem li tgħinu jgħix fil-paċi miegħu nnifsu, mad-dinja ta' madwaru u ma' Alla. L-annimali selvaġġi huma simbolu tal-qalb tal-bniedem, u huwa dan il-kuntest li jagħti spjegazzjoni vera tagħhom.

   Waħda mill-akbar provi tal-bniedem hija li jara u jagħraf il-parti selvaġġa tan-natura tiegħu mingħajr ma jeliminaha. Il-bidu tal-konverżjoni huwa l-għarfien tad-dnub; il-bidu tal-formazzjoni huwa l-għarfien tal-limiti.

5. ***"Indmu u emmnu fil-bxara t-tajba"*** (Mk 1,15): L-ewwel kelmiet li Ġesù jgħid meta mid-deżert jerġa' lura fil-belt huma stedina għall-fiduċja inkondizjonata - "*Is-saltna ta' Alla waslet*" (1,15), u għall-bidla tal-qalb – għall-integrazzjoni interjuri.

**<u>Għar-riflessjoni...</u>**

Il contemplativo ritrova il suo vero posto, quello del pubblicano del vangelo, proprio in fondo, e si unisce alla sua invocazione – abbi pietà di me, peccatore – che Benedetto gli ha affidato come formula della preghiera perfetta e continua. Egli è stato condotto a questo da un'esperienza approfondita della sua vocazione alla contemplazione. Ma in cosa è consistita questa esperienza? Un posto in fondo alla chiesa e tuttavia sempre al cuore della chiesa, ora più che mai. E in primo luogo là dove la chiesa, al seguito del popolo ebraico nel suo esodo, e del suo Maestro Gesù durante il suo digiuno, si ritrova sempre, nel deserto, nel luogo delle sue origini, là dove Dio la convoċa "per parlarle al cuore... e per fidanzarla a sé per sempre" (Os 2,16.22). Nei suoi contemplativi, incessantemente in ascolto della Parola e da essa quotidianamente rigenerati, la chiesa, anche se rivolta al mondo e pienamente inserita in esso, si trova nel comtempo sempre addossata al deserto. L'ascolto assiduo della parola di Dio, nella liturgia celebrata in comune o in quella liturgia privata che è la Lectio Divina, è ormai divenuta

l'occupazione principale del contemplativo, la sorgente alla quale egli alimenta la sua preghiera. Parola ascoltata, amorosamente ruminata, pazientemente assimilata, e che finisce per ripercotersi in azione di grazie, in lode e intercessione, a volte anche in condivisione con quelli che vengono a richiedergli una parola. Il contemplativo è la Parola divenuta preghiera.

(André Louf, *La vita spirituale*, Qiqajon, Biella 2001, 21-22)

## 4.2. IT-TIENI ĦADD TAR-RANDAN

### *"U dehrilhom Elija ma' Mosè…" (Mk 9,2-10)*

1. ***"Sitt ijiem wara"*** (Mk 9,2): X'kien ġara sitt ijiem qabel? Il-kuntest huwa dak tal-kapitlu 8 ta' Marku u l-grajja hija l-istqarrija ta' Pietru "*Qabeż Pietru u qallu: Inti l-Messija*" (Mk 8,29). Wara din l-istqarrija, Ġesù "*beda jgħallimhom fuq li kien meħtieġ li Bin il-bniedem ibati ħafna, ikun miċħud mill-anzjani u mill-qassisin il-kbar u l-kittieba, joqtluh, u wara tlitt ijiem jerġa' jqum*" (8,31). "*Pietru ġibdu lejh u beda jlumu*" (8,32): Pietru ma jaqbilx ma dan il-kliem iebes u jaqla' ċanfira iebsa: "*Itlaq minn quddiemi, ja xitan! għax m'intix taħseb fil-ħwejjeġ ta' Alla, imma f'dawk tal-bnedmin!*" It-trasfigurazzjoni hija tkomplija, kontemplazzjoni ta' dak li kien ġara sitt ijiem qabel; Pietru għadu kemm stqarr b'fommu li Ġesù hu l-Messija; iżda jsibha bi tqila li jaċċettah kif inhu f'ħajtu. Għal Pietru, l-Iben ta' Alla l-Ħaj huwa l-Iben ta' Alla qawwi, setgħan u għalhekk l-iben tiegħu ma jistax isofri jew jiġi maqtul. "*Allaħares Mulej! Ma jkun qatt li jiġrilek dan*" (Mt 16,22). "*Allaġares Mulej! Ma jkun qatt li jiġrili hekk*".

2. ***"Tellagħhom weġidhom fuq muntanja għolja"*** (9,2): "*fuq muntanja għolja fl-imwarrab*" (Mt 17,1). Fuq il-muntanja seħħew ħafna ġrajjiet importanti: Il-beatitudnijiet (Mt 5,1-12), Ġesù jitlob fuq il-muntanja qabel ma' jagħżel lit-tnax (Lq 6,12-16), fuq il-muntanja Sinaj Iżrael għaraf lil Alla, daħal f'patt, irċieva liġi (Eż 19-32). Aktarx li kien fuq is-Sinaj li Elija għaraf lil Alla fis-silenzju ta' żiffa ħelwa (1Sl 19,11-14). Il-muntanja tat-Trasfigurazzjoni hija n-naħa l-oħra tal-muntanja taż-żebbuġ – hawn ukoll għandna lil Pietru, Ġakbu u Ġwanni. Fuq it-Tabor nikkontemplaw il-wiċċ trasfigurat tal-iben, fil-Ġnien taż-żebbug nikkontemplaw il-wiċċ debboli u sfigurat, imdejjaq għall-mewt.

3. ***"u tbiddel quddiemhom"*** (9,3): Il-verb Grieg juri bidla totali – "μετεμορφωθη", "metamorfosi". L-evangelisti jinnutaw li din il-bidla tidher l-aktar fil-wiċċ u fil-ħwejjeġ. Il-wiċċ isir jixgħel bħax-xemx u l-ħwejjeġ isiru jiddu bħad-dawl. Ġesù trasfigurat jixbah lill-anġlu tal-qawmien: "*Id-dehra tiegħu kienet bħal berqa; ilbiesu abjad bħas-silġ*" (Mt 28,3). Id-dawl tat-trasfigurazzjoni huwa l-maqlub tad-dlam li jiksi l-art fil-mewt ta' Ġesù. It-trasfigurazzjoni ddewwaq lill-appostli r-rebħa fuq il-mewt. Fuq dan il-verb (metamorfosi) hija mibnija r-riflessjoni tal-Padri fuq il-bidla fil-qalb tan-Nisrani meta din tiġi mgħammra mill-Ispirtu s-Santu.

4. ***"U dehrilhom Elija ma' Mosè, jitkellmu ma' Ġesù"*** (9,4): Fil-Ġdid Testment kollu f'din il-ġrajja biss jidhru dawn iż-żewġ persunaġġi tal-Antik Testment. Bħallikieku din il-ġrajja toħroġ 'il barra miż-żmien, u ddaħħalna fil-"*già*" ("dak li seħħ": passat – Mosè u Elija) u fil- "*non ancora*" ("dak li għadu ma seħħx": qawmien mill-mewt ta' Ġesù). Mosè u Elija, it-Torah u l-profeti, huma Alla li fl-istorja jakkumpanja lill-poplu tiegħu. Fl-aħħar kapitlu tal-Vanħelu ta' Luqa, Ġesù juri lid-dixxipli ta' Għemmaws dak li l-Iskrittura qalet dwaru, "*ibda minn Mosè u l-profeti*" (24,27). Imbagħad lill-appostli jiftħilhom moħħhom għall-intelliġenza tal-Iskrittura biex jifhmu dak kollu li

nkiteb fuqu fil-liġi ta' Mosè, fil-profeti u fis-salmi (Lq 24,44-45). Fit-trasfigurazzjoni Ġesù jidher bħala l-milja tal-liġi u tal-profeti: liġi u profeti jwasslu għaċ-ċentralità ta' Ġesù, l-Iben. Ġesù huwa l-wiċċ veru tal-Missier. Fuqhiex kienu jitħaddtu? Luqa jsemmi li kienu "*jitħaddtu fuq it-tmiem ta' ħajtu li kellu jseħħ f'Ġerusalemm*" (9,31).

5. "***Mgħallem, kemm hu sew li ahna hawn!***" (9,5): Marku jsemmi żewġ reazzjonijiet tad-dixxipli. Għandna l-ewwel waħda, reazzjoni ta' stagħġib, meravilja, estasi – "*Qabeż Pietru u qal lil Ġesù: Mulej, kemm hu sew li aħna hawn! Jekk trid intella' hawn tliet tined, waħda għalik, waħda għal Mosè u waħda għal Elija*" (17,4). Hija reazzjoni ta' qima mħallta ma' ħafna biża' – "*Dan qalu għax ma kienx jaf x'jaqbad jgħid bil-biża' kbir li waqa' fuqhom*" (9,6) . Luqa jirrakkonta b'mod differenti r-reazzjoni tal-appostli – l-ewwel għajnejhom tqal jitħabtu biex jegħlbu n-ngħas, bħallikieku ma jistennew xejn ġdid… imbagħad reazzjoni ta' entużjażmu. Pietru jippretendi, jixtieq li jwaqqaf iż-żmien - jirrendi permanenti dak li hu tranżitorju. Il-misteru ta' Alla, kif jidher fl-istorja, huwa kkaratterizzat minn żminijiet tranżitorji.

6. **"Imbagħad ġiet sħaba u għattiethom, u minn ġos-sħaba nstama' leħen"** (9,7): "Mosè tala' fuq il-muntanja u s-sħaba ksiet il-muntanja. Il-glorja tal-Mulej strieħet fuq il-muntanja tas-Sinaj, u s-sħaba ksietha għal sitt ijiem; u fis-seba' jum il-Mulej sejjaħ lil Mosè minn ġo nofs is-sħaba. Id-dehra tal-glorja tal-Mulej f'għajnejn ulied Iżrael kienet tixbah lil ħuġġieġa nar iħeġġeħ fuq il-quċċata tal-muntanja. U Mosè daħal fis-sħaba u tala' fuq il-muntanja u baqa' fuq il-muntanja erbgħin jum u erbgħin lejl." (Ez 24,15-18). "tidħol fi sħaba" jfisser li tidħol f'relazzjoni intima ma' Alla; relazzjoni aktarx mgeżwra fil-misteru, relazzjoni ta' aridità, il-lejl tar-ruħ, il-lejl mudlam li fih "għattiethom" huwa l-istess verb użat fit-tħabbira tal-Anġlu lil Marija, "il-qawwa tal-għoli tgħattik" (Lq 1,35). Din is-sħaba hija l-ġuf li minnha jitlissen il-leħen misterjuż: "Dan hu Ibni l-għażiż li fih sibt il-għaxqa tiegħi; isimgħu lilu!" (17,5). Is-sħaba hi xi ħaġa li tgħatti, taħbi, imma fl-istess ħin tikxef, tirrivela, hija "kollha dawl". Id-dawl l-aktar qawwi u sħun ħafna drabi joħroġ mis-sħaba, mill-mument ta' diffikultà.

7. **"Dan hu Ibni l-għażiż: isimgħu lilu"** (9,7): Ninsabu fil-quċċata tar-rakkont u tar-rivelazzjoni – "L-iben, Ibni, l-Iben tiegħi l-għażiż" (agapethos). Kliem li jfakkarna f'Abram u f'ibnu l-għażiż, il-maħbub, Iżakk. "Li fih sibt l-għaxqa tiegħi" tfakkar fil-Qaddej fidil ta' Iżaija: "Araw il-qaddej tiegħi, li jiena nwieżen, il-maħtur tiegħi li fih qalbi strieħet!" (Is 42,1). "Isimgħu lilu!" hija l-istess espressjoni ta' Dt 18,15.19, u ta' Marija f'Kana (Gw 2,5). Hija sintesi ta' salmi, profeti, Torah, ikkonċentrata fuq dan l-Iben il-maħbub.

8. "***u ma raw lil ħadd iżjed magħhom ħlief lil Ġesù waħdu***" (9,8): Ġesù jersaq lejn id-dixxipli u jmisshom; bħalma kien għamel lill-mifluġ, għax jinsabu mgħaffġa u mwerwra taħt il-qawwa ta' din ir-rivelazzjoni divina. Jgħidilhom l-istess kliem li bih Alla jagħmel kuraġġ lill-profeti wara l-viżjoni: "*Qumu u la tibżgħux. Huma refgħu għajnejhom u ma raw lil ħadd ħlief lil Ġesù waħdu*" (Mt 17,7-8). Iż-żmien ordinarju huwa qaddis, u Ġesù baqa waħdu magħhom. Ġesù jerġa' mill-ġdid jidher fqir, għajjien, bil-ġuħ, bil-għatx, iterraq, akkużat u msallab.

## 4.3. IT-TIELET ĦADD TAR-RANDAN

### *"tkellem fuq it-tempju tal-gisem tiegħu"* (Ġw 2,13-25)

1. ***"Kien qorob l-Għid tal-Lhud, u Ġesù tela' Ġerusalemm"*** (Ġw 2,13): Ġerusalemm kienet id-destinazzjoni u s-*siegħa* ta' Ġesù; l-għotja totali kienet l-iskop ta' ħajtu. "*Meta qorob għalih iż-żmien li fih kellu jittieħed mid-dinja, b'rieda sħiħa dar u telaq lejn Ġerusalemm*" (Lq 9,51).

   It-tempju kien post għażiż ħafna għal-Lhud, il-qalb tal-ħajja ta' Iżrael. Reġa' ġie mibni minn Erodi l-Kbir; binja imponenti li tħaddan fiha il-qaddis tal-qaddisin: il-ħajt ta' barra meqjus bħala t-tempju (hieron) li jħares is-santwarju (naos). It-tempju kien il-post tat-talb, tas-sagrifiċċji ta' kuljum u tal-festi liturġiċi. It-tempju huwa l-post tal-laqgħa: Alla jiltaqa' mal-bniedem u l-bniedem ma' Alla.

2. ***"Għamel sawt mill-ħbula, u keċċihom ilkoll 'il barra mit-tempju, bin-nagħaġ u l-barrin tagħhom"*** (Ġw 2,15): Ġwanni biss isemmi l-annimali. Ġesù hu l-ħaruf ta' Alla, is-sagrifiċċju li jieħu post is-sagrifiċċji tal-bhejjem l-oħra. Is-sagrifiċċju kultwali huwa superat mis-sagrifiċċju personali. "*Mhux kull min jgħidli: Mulej, Mulej, jidħol fis-Saltna tas-Smewwiet, iżda min jagħmel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet*" (Mt 5,21).

3. ***"Warrbu dawn minn hawn, u dar Missieri tagħmluhiex dar tan-negozju!"*** (Ġw 2,16): "*U minnufih jidħol fit-tempju tiegħu s-Sid li intom qegħdin tfittxu; u l-anġlu tal-patt, li intom tixtiequ, arawh ġej! Jgħid il-Mulej tal-eżerċti. Imma min se jissaporti l-Jum tal-miġja tiegħu? U min hu li se jieqaf meta jidher? Għax hu bħan-nar ta' wieħed li jsaffi u jnaddaf il-fidda, u jnaddaf 'l ulied Levi, u jsaffihom bħad-deheb u l-fidda, u huma jsiru għall-Mulej nies li jagħmlu l-offerta bis-sewwa. U tibda togħġbu lill-Mulej l-offerta ta' Ġuda u ta' Ġerusalemm bħal dari, bħal fis-snin l-imgħoddija*" (Ml 3,1-4). "*Imma tiġi siegħa, anzi issa hi, meta dawk li tassew jaduraw jibdew jaduraw lill-Missier fl-ispirtu u l-verità. Għax il-missier ukoll, nies bħal dawn ifittex li jadurawh. Alla huwa spirtu, u dawk li jadurawh għandhom jadurawh fl-ispirtu u l-verità*" (Ġw 4,23-24). Il-post tas-sagrfiċċji awtentiċi m'għadux it-tempju imma sar Ġesù l-Haruf ta' Alla. Il-bniedem innifsu sar "il-post" tal-laqgħa bejn Alla u l-bniedem.

4. ***"Id-dixxipli ftakru f'dak li kien hemm miktub fl-Iskrittura, 'il-ħeġġa għal darek fnietni' Imbagħad il-Lhud qabdu u qalulu: X'sinjal se turina li inti tista' tagħmel dan?"*** (Ġw 2,17): Ir-reazzjoni, kemm tal-Lhud kif ukoll tad-dixxipli hija kkonċentrata mhux fuq l-għemil iżda fuq il-persuna ta' Ġesù. Id-dixxipli jiftakru f'Salm 69: "*Għax minħabba fik qiegħed nilqa' t-tmaqdir, u l-mistħija tiksili wiċċi. Sirt barrani għal ħuti; ulied ommi ma jagħrfunix. Għax il-ħeġġa għal darek fnietni, it-tagħjir ta' min jgħajjar lilek waqa' fuqi.*" (8-10). Il-veru dixxiplu jiftakar – iqabbel il-ġrajja mal-Kelma, jimmedita fuq l-istorja fid-dawl tal-Kelma. Dawk li mhumiex dixxipli jitolbu sinjal straordinaju, għax ma jafdawx fil-Kelma.

5. ***"Ħottu dan it-tempju, u fi tlitt ijiem nerġa' ntellgħu"*** (Ġw 3,19): "*Sinjal iridu nisel ħażin u infidil! Imma ebda sinjal ma jingħatalu ħlief dak tal-profeta Ġona. Għax kif Ġona għamel tlitt ijiem u tlitt iljieli f'żaqq il-ħuta, hekk ukoll Bin il-bniedem għad jagħmel tlitt ijiem u tlitt iljieli fil-qalba tal-art*" (Mt 12-39-40). Ġesù jgħid li l-Lhud *qegħdin iħottu* mhux it-*tempju* (hieron) iżda s-*santwarju* (naos). Mit-tempju bħala binja jgħaddi għas-santwarju – il-post tal-prezenza. Is-santwarju ser ikompli jinħatt bħala konsegwenza tal-ħażen tal-Lhud. Ġesù jidħol fil-linja tal-profeti li ħabbru t-tifrik tat-tempju ta' Salamun għax il-poplu kien moħħu mistrieħ bil-preżenza tal-binja tat-tempju filwaqt li kien iwettaq kull għamla ta' ħażen: "*X'tiswieli l-kotra tas-sagrifiċċji tagħkom?, jgħid il-Mulej. Xbajt mis-sagrifiċċji tal-ħruq... il-qamar ġdid, is-sibt, u l-laqgħat li ssejħu: ma niflaħx għall-ħażen flimkien mal-festi… Tgħallmu għamlu t-tajjeb, fittxu d-dritt, sewwu l-inġustizzji, iddefendu l-iltim, aqbżu għall-armla*" (Is 1,11-17). Ġesù bi ħsiebu jibni *santwarju* ieħor miflok dak li ser jaqa' bil-ħażen tal-Lhud: "*Ngħidilkom li hawnhekk hawn min hu aqwa mit-tempju*" (Mt 12,6). "*Aħna smajnieh jgħid, Jiena nħottt dan it-tempju mibni bl-idejn, u fi tlitt ijiem nibni ieħor li ma jkunx mibni bl-idejn!*" (Mk 14,58). Il-Lhud ma jieqfux fuq il-fatt traġiku tat-twaqqiegħ tat-tempju iżda jisfidaw il-verità tal-kliem ta' Ġesù billi jqabblu t-tlitt ijiem mas-46 sena li ħa biex inbena.

6. ***"Iżda hu tkellem fuq it-tempju (naos) tal-ġisem tiegħu"*** (Ġw 2,21): Ġesù kien qiegħed jifhem li s-santwarju tat-tempju ta' Ġerusalemm ma kellux aktar raġuni li jeżisti għax huwa nnifsu huwa l-post il-ġdid fejn Alla jiltaqa' mal-bniedem, fejn jitwettaq is-sagrifiċċju; Ġesù msallab u rxoxtat (it-tempju mwaqqa' u mibni mill-ġdid fi tlitt ijiem) huwa l-veru tempju. "*Għax il-Lhud jitolbu s-sinjali, u l-Griegi jfittxu l-għerf, imma aħna nxandru 'l Kristu msallab, skandlu għal-Lhud u bluha għall-Griegi; iżda għal dawk li huma msejħin, sew Lhud sew Griegi, Kristu huwa l-qawwa ta' Alla u l-għerf ta' Alla*" (1Kor 1,22-24). Ġesù msallab huwa t-tempju – Alla jiltaqa' mal-bniedem fis-sagrifiċċju ta' Ibnu. Ġesù rxoxtat huwa t-tempju ta' Alla – Ġesù ħaj fil-knisja tiegħu magħmula minn dawk li jagħtu ħajjithom. Il-laqgħa per eċċellenza bejn Alla u l-bniedem isseħħ f'Ġesù msallab, u allura f'kull att ta' mħabba li jagħmel il-bniedem!

7. ***"Kien hemm ħafna li emmnu f'ismu billi raw is-sinjali li kien jagħmel. Imma Ġesù, min-naħa tiegħu, ma kienx jafda fihom, għax hu kien jaf lil kulħadd... għax hu stess kien jaf x'hemm fil-bniedem"*** (Ġw 2,23-25): Ġesù jagħmel differenza bejn il-fidi frott is-sinjali u l-għeġubijiet u l-fidi frott il-fiduċja fil-persuna tiegħu. "*Emmint għax rajtni! Henjin dawk li rawx u emmnu*" (Ġw 20,29).

<u>**Għar-riflessjoni:**</u>

Dio, tempio e uomo sono tre realtà che si rispecchiano e hanno un volto diverso secondo l'immagine che si ha di Dio. Se Dio è colui che ha in mano tutto e domina tutti, l'uomo realizzato, simile a lui, è il potente; il tempio allora è l'avallo primo di ogni oppressione. Se Dio è uno che si consegna e serve, l'uomo vero è l'umile, come lui; il tempio allora è il luogo della comunione e dell'amore. Dio e tempio rappresentano l'universo di valori che uno persegue, secondo i quali ordina il proprio pensare, volere e agire, per ottenere una vita sempre più piena e degna di tale nome.

Il Figlio dell’uomo, vero tempio, sarà ucciso proprio dall’inganno dell’uomo che fa consistere la sua feliċità nel possedere cose, persone e Dio stesso, invece che nel dono reciproco di amore tra Padre e Figlio e dei fratelli tra di loro.

Questa visita di Gesù al tempio mette in crisi la nostra idea di Dio e di uomo. Il tempio chiamato da Ġesù “casa del Padre mio” e poi “santuario”, è infine identificato con il suo “corpo”. La carne della Parola è ormai la “tenda” di Dio in mezzo a noi, dove noi stessi siamo di casa con lui. In Gesù il tempio raggiunge la realtà di cui è segno: è cielo aperto sulla terra, visione della Gloria e vita dell’uomo.

È importante l’indicazione di tempo e di luogo: il tempo è la Pasqua, in cui si celebra la salvezza, e il luogo è il tempio di Gerusalemme. A Gerusalemme, di Pasqua, si compirà l’ “ora” di Gesù, che diventerà il nuovo tempio, da cui scaturirà salvezza per tutti.

## 4.4. IR-RABA ĦADD TAR-RANDAN

### *"jeħtieġ li jkun merfugħ..." (Ġw 3,14-21)*

1. ***"Ġesù qal lil Nikodemu"*** (Ġw 3,14): kien Fariżew, wieħed mill-kbarat tal-Lhud (Ġw 3,1). Kellu simpatija għal Ġesù iżda kien jibża' għal rasu – imur għand Ġesù billejl. Bniedem tal-kompromessi (Ġw 3,2). Iddefenda lil Ġesù fis-sinedriju: "*Jaqaw il-Liġi tagħna tikkundanna lil xi ħadd qabel ma tisma' lilu stess ħalli tkun taf x'inhu jagħmel?*" (Ġw 7,51). Flimkien ma' Ġużeppi minn Arimatija, difnu l-ġisem ta' Ġesù: "*Ġie wkoll Nikodemu, dak li qabel kien mar għand Ġesù billejl, u ġieb miegħu taħlita ta' morr u sabbara, tiżen xi mitt libbra. Dawn it-tnejn ħadu l-ġisem ta' Ġesù u kebbuh bil-faxex tal-għażel bil-fwejjaħ, kif soltu jagħmlu l-Lhud qabel id-difna.*" (Ġw 19,40).

2. ***"Kif Mosè refa' s-serp fid-deżert, hekk jehtieg li jkun merfugħ Bin il-Bniedem, biex kull min jemmen fih ikollu l-hajja ta' dejjem"*** (Ġw 3,14): Fl-Iskrittura, "*titla' s-sema*" ifisser tirbaħ. Ġesù jintrefa' 'l fuq meta jinsab fuq is-salib u jmut bl-imħabba. Is-salib huwa s-"*sema*". "*Ċekken lilu nnifsu, billi obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib. Għalhekk Alla għollieh sas-smewwiet u żejnu bl-isem li hu fuq kull isem, biex fl-isem ta' Ġesù, fis-sema, fl-art u f'qiegħ l-art il-ħlejjaq kollha jinżlu għarkobbtejhom, u kull ilsien jistqarr: Ġesù Kristu hu l-Mulej, għall-glorja ta' Alla l-Missier.*" (Fil 2,8-11)
   "*U Mosè għamel serp tal-bronż, u arbulah bħal stendard. U ġara li kull min kien jigdmu s-serp kien iħares lejn is-serp tal-bronż, u kien ifiq u jgħix*" (Num 21,9). Fil-mewt tas-salib Ġesù jinsab fil-glorja tiegħu, u bħas-serp tad-deżert għandu l-qawwa li jagħti l-ħajja – "*Kif Ġesù ħa l-ħall, qal: 'kollox hu mitmum!' Mbagħad mejjel rasu u radd ruħu*" (Ġw 19,30).
   "*Madankollu wieħed mis-suldati nifidlu ġenbu b'lanza, u minnufih ħareġ demm u ilma*" (Ġw 19,34). Ġesù jagħtina l-ħajja bl-ilma – Spirtu Santu – Magħmudija u bid-demm – Agapè – Ewkaristija. Nemmnu fih imsallab, bħaċ-ċenturjun (Mk 15,39) u bħal-ħalliel it-tajjeb (Lq 23,42). "*Huma għad iħarsu lejn min nifdu*" (Ġw 19,37).

3. ***"Għax Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni, biex kull min jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem"*** (Ġw 3,16): Bħal Abram, Alla l-Missier lest li jagħti lill-Ibnu (Ġen 22,2). L-imħabba tal-Missier tilħaq il-quċċata tagħha fl-għotja tal-Iben. Din hi r-rebħa. Alla l-Missier joffri l-ħajja lil kulħadd, mingħajr eċċezzjoni. Wieħed jista jiċħad dan ir-rigal u ma jakkwistahx. "*Għax Alla ma bagħatx lill-Ibnu fid-dinja biex jagħmel ħaqq mid-dinja, imma biex id-dinja ssalva permezz tiegħu*": Ġesù ġie mibgħut mill-imħabba u l-iskop tal-missjoni kien li jsalva lil kull bniedem. Il-Missier kellu biss dan l-iskop pożittiv. Ma kellux l-iskop ta' kundanna. "*U billi kien jaf Ġesù li waslet is-siegħa tiegħu biex jgħaddi minn din id-dinja għal għand il-Missier, hu, li kien ħabb lil tiegħu li kienu fid-dinja, ħabbhom għall-aħħar*" (Ġw 13,1).

4. ***“Min jemmen fih ma jkunx ikkundannat; iżda min ma jemminx huwa ġa kkundannat, għax ma emminx fl-isem tal-Iben il-wahdieni ta’ Alla”*** (Ġw 3,18): Alla ma jikkundannax iżda bħalma d-dawl jikxef id-difetti hekk ukoll l-Imħabba kbira ta’ Ġesù msallab hija ġudizzju b’mod indirett ta’ kull azzjoni oħra tal-bniedem. Il-bniedem jikkundanna lilu nnifsu jekk b’ħajtu jitbiegħed minn din l-Imhabba.
   Ir-relazzjoni tal-bniedem ma’ Alla m’għadhiex mibnija fuq il-liġi: Sid – Qaddejja; iżda hija mibnija fuq “*il-bniedem maqtugħ mill-art*”. Meta l-Missier jagħti lill-Ibnu huwa joffri lill-umanità l-milja tal-ħajja li tinsab fih. Meta l-bnedmin jirċievu din il-milja tal-ħajja huma jsiru wlied Alla: “*Imma lil dawk li laqgħuh tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla, dawk li jemmnu f’ismu*” (Ġw 1,2).

5. ***“Id-dawl ġie fid-dinja, imma l-bnedmin ħabbew id-dlam aktar mid-dawl, għax l-għemil tagħhom kien ħażin”*** (Ġw 3,19): “*Ġie f’daru, u niesu ma laqgħuhx*” (Ġw 1, 11). Hija l-konsegwenza fl-imġieba tan-nuqqas ta’ fidi fl-imħabba infinita ta’ Alla. “*Qalilhom Ġesù: Ftit ieħor baqagħlu magħkom id-dawl. Mela ibqgħu miexja sakemm għandkom id-dawl, biex id-dlam ma jilħaqkomx. Min jimxi fid-dlam ma jafx fejn hu sejjer. Sakemm għandkom id-dawl, emmnu fid-dawl, biex tkunu wlied id-dawl*” (Ġw 12,35-36).
   Min “*iħares lejn min nifdu*” (Ġw 19,37) żgur li jimtela bl-Ispirtu tiegħu u jgħix bih. “*Aħna lkoll, li b’wiċċna mikxuf nirriflettu bħal f’mera l-glorja tal-Mulej, qegħdin ninbidlu fl-istess xbieha minn glorja għal glorja skond ma jagħtina l-Mulej, li hu Spirtu*” (2Kor 3,18). “*Ejjew inwarrbu minna kull xkiel u kull dnub li malajr ifixkilna, u b’qalbna qawwija nibqgħu niġru t-triq tal-prova li għandna quddiemna, inżommu għajnejna merfugħa lejn Ġesù, li minnu tibda u fih tintemm il-fidi tagħna; hu li, flok l-hena li kellu quddiemu, qagħad għas-salib bla xejn ma qies l-għajb tiegħu, u issa qiegħed fuq in-naħa tal-lemin tat-tron ta’Alla. Aħsbu mela fih, li qagħad għal oppożizzjoni hekk kbira min-naħa tal-midinbin, biex ma tegħjewx u ma taqtgħux qalbkom*” (Lhd 12,1-3).

6. ***“Għax kull min jagħmel il-ħħażen jobgħod id-dawl, u ma jersaqx lejn id-dawl, biex għemilu ma jinkixifx”*** (Ġw 3,20): Il-parti l-kbira tal-bnedmin jippreferu jibqgħu fil-mewt u jiċħdu l-ħajja. Dan hu d-dnub tad-dinja: “*Araw il-ħaruf ta’ Alla, li jneħħi d-dnub tad-dinja*” (Ġw 1,29). Id-dawl, minnu nnifsu huwa l-kundanna tad-dlam. Ġesù msallab, minnu nnifsu huwa l-kundanna tal-egoiżmu tad-dnub. Id-dnub minnu nnifsu jħobb jinsatar. Ġesù merfugħ fuq is-salib jikxef l-egoiżmu mistur fil-qalb.

**Għar-riflessjoni:**

a) F’dan iż-żmien tar-randan qiegħed naħli ftit hin *inħares lejn dak li nifdu*, lejn *is-serp tal-bronż arbulat*, lejn Ġesù Msallab (Via Sagra, Meditazzjoni fuq il-kurċifiss)?
b) Nitlob lil Ġesù biex jagħtini l-ħajja minn fuq is-salib b’tali mod li nħoss l-imħabba tiegħu għalija.
c) L-għażliet żgħar tiegħi huma fil-linja tal-għotja u tal-imħabba?
d) Jirnexxieli nesprimi mal-konfessur u mad-direttur spiritwali d-dnub tiegħi fil-profondità tiegħu?
e) Ħajti hija għad-dawl – trasparenti, jew nippreferi d-dell u d-dlam – il-ħabi u n-nuqqas ta’ sinċerità?

## 4.5. IL-ĦAMES ĦADD TAR-RANDAN

### *"nixtiequ naraw lil Ġesù"* (Ġw 12,20-33)

1. ***"kien hemm xi Griegi. Dawn marru għand Filippu li kien minn Betsajda tal-Galilija, u talbuh: Sinjur, nixtiequ naraw lil Ġesù*** (Ġw 12,20-21): "*Ara, d-dinja kollha sejra warajh!*" (Ġw 12,19). Ġesù, u mhux it-tempju, huwa d-destinazzjoni ta' "*dawk li telgħu biex iqimu lil Alla fil-festa*" (Ġw 12,20). Filippu, li kien wieħed mill-ewwel imsejħin, kien minn Betsajda – il-post tas-sajda. Il-Griegi jitolbu biex jagħmlu esperjenza ta' Ġesù, kif Filippu nnifsu kien għamel. "*Filippu sab lil Natanjel u qallu: Sibna lil dak li fuqu kitbu Mosè fil-liġi, u l-profeti fil-kotba tagħhom… Ejja u ara*" (Ġw 1,45-46).

2. ***"Filippu mar jgħid lil Indrì, u mbagħad Indrì u Filippu marru jgħidu lil Ġesù"*** (Ġw 12,22): il-predikazzjoni lilhinn mix-xtut ta' Iżrael mhix sempliċement deċiżjoni individwali u lanqas deċiżjoni tal-komunità biss, iżda hija xewqa ta' Ġesù nnifsu. "*Ifraħ kemm tiflaħ, bint Sijon; għajjat bil-ferħ, bint Ġerusalemm! Ara, is-sultan tiegħek ġej għandek; ġust u rebbieħ, umli u riekeb fuq ħmar, fuq felu ta' ħmara… il-ħakma tiegħu tkun minn baħar sa baħar…*" (Żak 9,9-10).

3. "***Waslet is-siegħa li tidher il-glorja tal-Bniedem***" (Gw12,23): Għall-ewwel darba, Ġesù jistqarr li waslet is-siegħa li kien ħabbar sa mill-bidu tal-ministeru pubbliku tiegħu. "*Is-siegħa tiegħi għadha ma waslitx*" (Ġw 2,4). Il-glorifikazzjoni li ser isseħħ fl-Iben hija l-istess glorifikazzjoni tal-Missier. Il-ħelsien li ser iġib Ġesù iwassal lil kull bniedem biex jilħaq il-milja umana tiegħu. Is-salib ta' Ġesù huwa tieqa fuq il-wiċċ u l-qalb ta' Alla u fl-istess ħin il-glorifikazzjoni tal-bniedem.

4. ***"Tassew tassew ngħidilkom, jekk il-ħabba tal-qamħ ma taqax fl-art u tmut, hi tibqa' weħidha; imma jekk tmut, tagħmel ħafna frott"*** (Ġw 12,24): Ma tistax tagħti l-ħajja (tgħajjex) jekk ma tagħtix ħajtek. Il-ħajja hija frott l-imħabba u ma tistax titnissel jekk l-għotja ma tkunx totali. "*Jiena r-ragħaj it-tajjeb. Ir-ragħaj it-tajjeb jagħti ħajtu għan-nagħaġ tiegħu*" (Ġw 10,11). Il-mewt hija l-kundizzjoni indispensabbli biex tiħi meħlusa l-enerġija kollha moħbija li hemm f'kull bniedem. Il-bniedem jilħaq il-milja tiegħu fl-għotja tiegħu nnifsu. "*Ħadd ma għandu mħabba akbar minn din: li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu*" (Ġw 15,13). Il-ħajja tinsab fl-istess mewt tal-qamħa li taqa' fl-art. L-għotja totali mhix deċiżjoni separata mill-bqija tal-ħajja iżda l-aħħar tappa irreversibbli ta' proċess. Il-fekondità fil-knisja, it-tixrid tal-messaġġ ta' Ġesù, jiddependi mill-imħabba u l-għotja ta' dawk li jwasslu l-messaġġ.

5. ***"Min iħobb lil ħajtu jitlifha; imma min jobgħod lil ħajtu f'din id-dinja jħarisha għall-ħajja ta' dejjem"*** (Ġw 12,25): li tagħti ħajtek huwa l-ogħla suċċess li jista' jkollok bħala bniedem. Min ma jibżax jagħti ħajtu huwa verament liberu. Il-biża' li titlef xi ħaġa hija l-akbar tfixkil għall-għotja. L-imħabba titlob fidi fil-fekondità tal-

mewt. "*Jekk xi ħadd irid jaqdini (jaħdem miegħi), hu għandu jimxi warajja; u fejn inkun jien, hemm ukoll ikun il-qaddej tiegħi*" (Ġw 12,26). "*Mela jekk jien, li jien il-Mulej u l-Imgħallem, ħsiltilkom saqajkom, hekk intom għandkom taħslu saqajn xulxin. Għax jien tajtkom eżempju, biex kif għamilt jien magħkom, hekk tagħmlu intom ukoll*" (Ġw 12,14-15). Il-post l-aktar adattat tal-imħabba huwa s-salib – *hemm* qiegħed Ġesù u *hemm ikun il-qaddej* tiegħu. Il-bniedem liberu hu sid ta' ħajtu u għalhekk jista' jagħtiha. Il-bniedem huwa sid tal-mument preżenti u huwa f'dan il-mument preżenti li jista' jagħti lilu nnifsu. Tgħix ifisser tagħti ħajtek; il-ħajja tippossediha daqskemm jirnexxielek tagħtiha. "*Min jaqdi lili, il-Missier jagħtih ġieħ*" (Ġw 12,26).

6. **"*Issa qiegħed inħoss ruħi mħawwda... Imma jien għalhekkġġejt: għal din is-siegħa.*"** (12,27-28): Il-fiduċja f'Alla flimkien maċ-ċertezza tal-ħajja ta' dejjem ma jneħħux it-tbatija li ġġib magħha l-mewt. Ġesù nnifsu jħoss it-toqol u t-tbatija tal-għotja. Il-ġisem jirreaġixxi quddiem it-tbatija u l-mewt. Ġesù joffri mħabba u ħajja u jirċievi mibgħeda u mewt. Ġesù jagħżel b'mod konxju li jmur kontra l-inklinazzjoni naturali tiegħu. "*Għalhekk iħobbni l-Missier, għax jien nagħti ħajti, biex nerġa' neħodha. Ħadd ma jeħodhieli, iżda jien nagħtiha minn rajja. Għandi setgħa li nagħtiha, u għandi s-setgħa li nerġa' neħodha; din hi l-ordni ħadt mingħand Missieri.*" (Ġw 10,17-18). Jaffaċċja l-għotja bi tbatija. Il-preżenza ta-Ispirtu u l-qawwa tal-imħabba jirbħu fih id-dgħufija tal-ġisem. "*Missier, agħti glorja lil ismek*" (Ġw 12,28). Tiġih it-tentazzjoni li jitlob biex jinħeles mit-tbatija u l-mewt, imma Ġesù jitlob lill-Missier biex jigglorifika l-persuna tiegħu fih.

7. **"*Dak il-hin instama' lehen mis-sema: Jiena digà igglorifikajtu, u nerga nigglorifikah*"** (Ġw 12,28): Il-leħen jixbah lil ragħda huwa konferma tal-wirja tal-Missier f'Ġesù. "*Fit-tielet jum mas-sebħ kien hemm ragħad u beraq, u sħab oħxon għatta l-muntanja. Mosè ħareġ il-poplu mill-kamp biex jiltaqgħu ma' Alla... Imbagħad tkellem Mosè, u Alla wieġbu f'ragħda*" (Ez19,16.17.19). Fl-Antik Testment ħadd ma kien jista' jara lil Alla, waqt li issa Alla jgħix mal-bnedmin u bħall-bnedmin f'Ġesù Kristu.

8. **"*Il-ġudizzju ta' din id-dinja qiegħed isir issa. Issa se jitkeċċa l-Prinċep ta' din id-dinja*"** (Gw12,31): "*U l-ġudizzju huwa dan: li d-dawl ġie fid-dinja, imma l-bnedmin ħabbew id-dlam aktar mid-dawl, għax l-għemil tagħhom kien ħażin*" (Ġw 3,19). Il-mewt fuq is-salib hija r-riżultat tal-laqgħa tal-egoiżmu mal-imhabba, hija l-imħabba li tiġġudika l-egoiżmu.

9. **"*U meta nintrefa' 'l fuq mill-art, jiena niġbed il-bnedmin kollha lejja*"** (Ġw 12,32): "*Mbagħad mejjel rasu u radd ruħu*" (Ġw 19,30). "*Jien ninżel għarkubbtejja quddiem il-Missier... biex skond il-għana tal-glorja tiegħu, jagħtikom li bil-qawwa tiegħu permezz tal-Ispirtu tiegħu, tissaħħu fil-bniedem ta' ġewwa, u li Kristu jgħammar f'qalbkom permezz tal-fidi, biex tniżżlu l-għeruq tagħkom fl-imħabba u fuqha tibnu ħajjitkom. B'hekk tkunu tistgħu tifhmu, flimkien mal-qaddisin kollha, x'inhu l-wisa' u t-tul, l-għoli u l-fond tal-imħabba ta' Kristu; tagħrfu kemm din l-imħabba ta' Kristu tisboq kull għerf, biex timtlew bil-milja kollha ta' Alla*" (Ef 3,14-19). "*Ngħid għalija, ma jkun qatt li niftaħar jekk mhux bis-salib ta' Sidna Ġesù*

*Kristu, li bih id-dinja hi msallba għalija u jien għad-dinja*" (Gal 6,14). "*Hawn ħafna li jġibu ruħhom bħal għedewwa tas-salib ta' Kristu. It-telfien għad ikun tmiemhom; alla tagħhom hu żaqqhom, jiftaħru b'dak li jmisshom jistħu minnu; u moħħom biss fil-ħwejjeġ tad-dinja*" (Fil 18-19).

**<u>Għar-riflessjoni</u>:**

a) Naċċetta li ħajti bħala l-vokazzjoni tiegħi (sejħa minn Alla) twassal sas-salib? Kif qed inġib ruħi fit-tbatija li titlob din is-sejħa? Nipprova naħrabha, ma naħsibx fuqha, naqa' fid-depressjoni... jew naċċettaha bil-loġika u bis-sentimenti ta' Ġesù?
b) Nitlob lil Ġesù jagħtini l-qawwa tal-Ispirtu tiegħu biex negħleb id-dwejjaq li ġġib magħha kull għotja vera.
c) Fl-għażliet iż-żgħar ta' kuljum x'infittex l-aktar? Li nħobb lil ħajti jew li nitlifha? (ikel, ilbies, flus, mistrieħ, talb, studju, xogħol pastorali…)
d) Inħares lejn Ġesù msallab biex nilmaħ il-moħħ u l-qalb tal-Missier.

## 5. GĦAJNUNA GĦALL-OMELIJI TAL-ĦDUD TAR-RANDAN

### 5.1. L-Ewwel Ħadd

***Fid-deżert jibda l-ħolqien mill-ġdid tal-bniedem permezz tat-taqbida li jkollu Ġesù biex biH kollox jerġa' jinbena mill-ġdid.***

Iż-żmien tar-Randan huwa żmien ta' grazzja mogħti lilna biex nerġgħu lura lejn Alla u nwaħħlu ħarsitna fiH, waqt li nwarrbu wara spallejna l-idoli li jħajruna nintrabtu magħhom u nibnu fuqhom ħajjitna. Huwa żmien ta' taqbida biex nerġgħu nibnu lilna nfusna permezz tal-verità dwarna nfusna u dwar Alla.

Flimkien mar-rakkont qasir tat-tentazzjonijiet ta' Ġesù skont l-evanġelista San Mark, il-liturġija żżid ukoll l-ewwel predikazzjoni pubblika tal-Vanġelu: "Iż-żmien huwa mitmum, u s-saltna ta' Alla waslet: indmu u emmnu fl-Evanġelju." F'dan l-ewwel Ħadd tar-Randan, din is-silta tal-Vanġelu tindikalna dak li għandu jkun il-programm ta' impenn għal dan iż-żmien. Il-preżentazzjoni ta' Ġesù fid-deżert f'taqbida kontra t-tentazzjoni tfakkarna li anke f'ħajjitna din it-taqbida hija waħda kontinwa u jiġu mumenti fejn issir aktar b'saħħitha. Jekk Ġesù innifsu, l-Iben t'Alla, kellu jgħaddi mill-qilla ta' din it-taqbida, kemm aktar aħna d-dixxipli tiegħu!

Fil-bidu tal-ministeru ta' Ġesù, immedjatament wara li tgħammed minn Ġwanni, u l-leħen mis-sema ddikjarah bħala l-Iben il-għażiż tal-Missier, San Mark jippreżenta lil Ġesù li mqanqal mill-Ispirtu jmur fid-deżert. Fid-deżert jibda l-ħolqien mill-ġdid tal-bniedem permezz tat-taqbida li jkollu Ġesù biex biH kollox jerġa' jinbena mill-ġdid. Id-deżert huwa l-post tal-mewt imma huwa wkoll il-post tal-assenza ta' kollox u ta' kulħadd. Għalhekk tinħass aktar il-preżenza t'Alla. Hemmhekk Ġesù jrid jgħaddi mill-provi u mit-tentazzjoni, dawk l-istess tentazzjonijiet li għadda minnhom il-poplu ta' Israel meta għal erbgħin sena kien jiġġerra fid-deżert. F'dan id-deżert "waħxi u bla nies" (Dt 32,10) Ġesù jiġi f'konfront mal-preżenza tal-ħażen, u għalhekk ikun "imġarrab bħalna f'kollox, minbarra d-dnub" (Lhud 4,15). Jekk nidħlu fil-fond ta' din il-paġna tal-vanġelu, napprezzaw il-faqar u d-dgħufija tiegħu bħala bniedem u s-solidarjetà sħiħa li wera magħna u r-rebħa li ġabilna fuq it-tentazzjoni. Mingħajr ma jagħtina l-kontenut ta' kull tentazzjoni, San Mark jikteb: "u baqa' fid-deżert erbgħin jum, jiġġarrab mix-Xitan." (Mk 1,13) Dan il-partiċipju jindika kontinwità u ripetizzjoni fit-tentazzjoni li ġarrab Ġesù, liema tentazzjoni ma nistgħux nillimitawha għal dawn l-erbgħin jum imma għall-ħajja kollha tiegħu, sal-mument tas-salib – "Inżel minn fuq is-salib u salva lilek innifsek!" (Mk 15,30) – biex iħares il-ħajja tiegħu minflok ma jagħtiha f'isem l-imħabba u minn rajh jilqa' mewt inġusta u vjolenti. It-tentazzjonijiet kienu dawk il-bnedmin u strutturi li ppruvaw joħorġuh minn triqtu u jfixkluh milli jagħmel ir-rieda tal-Missier.

It-tentazzjoni fid-deżert flimkien mal-ewwel predikazzjoni programmatika huma f'kontinwità u koerenza sħiħa. Ir-rebħa ta' Ġesù fuq it-tentatur hija sinjal taż-żmien messjaniku ta' salvazzjoni li beda jbexbex u li s-saltna t'Alla hija diġà preżenti. Ma' Ġesù ir-regalità ta' Alla imwegħda mill-profeti u li ġiet antiċipata fil-ġrajjiet salvifiċi tat-Testment il-Qadim ġiet imwaqqfa fis-sod u fiż-żgur. Bħala bnedmin m'aħniex aktar taħt is-setgħa ta' Satana, fil-jasar tad-dnub u fil-biża' tal-mewt. Nistgħu tabilħaqq

nissottomettu lilna nfusna taħt il-qawwa li teħles u li tfarraġ ta' Alla li tidher b'mod effettiv f'Ġesù Kristu. Temmen fil-Vanġelu jfisser li wieħed jinħeles mill-biżgħat u l-jasar tal-passat u jinfetaħ b'fiduċja għall-futur ġdid offrut minn Alla fi Kristu. Din hija l-aħbar it-tajba għall-bnedmin kollha. Min jilqa' li jagħti widen għal kliemu u jimxi warajh, jista' jħalli t-taqbida u r-rebħa ta' Kristu taħdem fih.

San Mark jiddeskrivi lil Ġesù bħala l-bniedem il-ġdid, kif Alla ried li jkun Adam fil-bidu tal-ħolqien, ħieles mit-tfixkil u kapaċi jkun ħabib ma' Alla u mal-ħlejjaq kollha tiegħu. "Kien jgħix qalb il-bhejjem selvaġġi u kienu jaqduh l-anġli." In-Nisrani jaffronta din it-taqbida msaħħaħ mill-konvinzjoni li Ġesù nnifsu tqabad għalih: għax ir-rebħa hija rigal u grazzja! Ir-rebħa ta' Kristu fuq ix-Xitan hija mwegħda wkoll lill-Kristjan: jekk ipoġġi l-fiduċja tiegħu fiH, in-Nisrani jista' jirbaħ dan li jittentah – "Għax kull min hu mwieled minn Alla jegħleb lid-dinja. Din hi r-rebħa fuq id-dinja: il-fidi tagħna." (1 Ġw 5,4)

Hija din il-grazzja mmeritata unikament minn Kristu u mgħoddija lilna b'mod gratuwitu fil-Magħmudija li tista' twettaq fina din il-bidla ta' ħelsien u fidwa waqt li tibnina fi bnedmin ġodda fi Kristu. San Pawl ifakkarna "biex ma tirċevux il-grazzja tiegħu għal xejn." (2 Kor 6,1) Dan iż-żmien tar-Randan huwa żmien opportun biex nagħrfu l-verità tal-Magħmudija li rċevejna u nsaħħu l-patt tagħna mal-Mulej. Alla jixtieq li jġedded dan il-patt ma' kull ġenerazzjoni. Dan il-patt huwa x-xewka tad-dahar tal-istorja kollha tas-salvazzjoni, kemm fil-fażi preparattiva tagħha kif ukoll fil-fażi tal-milja tagħha.

## 5.2. It-Tieni Ħadd

***Il-kmandament il-kbir mogħti lil Israel: "Isma', O Israel", jiġi speċifikat "Isimgħu lilu, lill-Iben!", il-Kelma li saret laħam f'Ġesù, dak li rrakkontalna b'mod definittiv lil Alla.***

Jekk l-ewwel Ħadd tar-Randan laqqagħna ma' Ġesù f'konfront max-xitan fis-solitudni tad-deżert, f'dan it-tieni Ħadd tar-Randan niltaqgħu ma' Ġesù fis-solitudni ta' muntanja fil-għoli, waqt li jġarrab it-trasfigurazzjoni tad-dehra u tal-persuna tiegħu, mlibbsa bil-glorja u d-dija tal-Missier. Fil-qalba ta' din il-mixja tar-Randan, Ġesù mibdul u ttrasfigurat huwa indikazzjoni tad-destinazzjoni li jrid iwassalna fiha Ġesù: il-qawmien, il-ġrajja tal-Għid tagħna bis-saħħa tal-Għid tiegħu, li t-trasfigurazzjoni hija antiċipazzjoni u profezija.

Ġesù jitla' fil-għoli fuq muntanja fil-Galilea, flimkien ma' tliet dixxipli li ser ikunu huma l-uniċi xhieda ta' din il-ġrajja li sseħħ f'dan il-post fl-imwarrab: Pietru, Ġakbu u Ġwanni. Huma l-ewlenin appostli (Mk 1,16-20). Huma x-xhieda tal-qawmien tat-tifla ta' Ġajru (Mk 5,37-43), huma dawk li Ġesù jieħu miegħu fl-agunija fil-Ġetsemani (Mk 14,32-42) fejn jarawh sfigurat mill-biża'. Bħalma Mosè tela' flimkien ma' tlieta oħra fuq is-Sinaj biex jara l-glorja t'Alla (Eż 24, 1-11), hekk Ġesù jilta' fuq muntanja fejn din id-darba l-persuna tiegħu tirċievi l-glorja ta' Alla, u jkunu jistgħu jikkontemplaw fiH din il-glorja u jagħrfuh bħala l-iben il-maħbub. Sa mill-ewwel tħabbira tal-mewt fuq is-salib, Ġesù kien ħabbar ukoll il-qawmien mill-mewt: "Beda jgħallimhom li kien meħtieġ li Bin il-Bniedem ibati ħafna... joqtluh u wara tlett ijiem jerġa' jqum." (Mk 8,31) Ħadd u xejn, lanqas il-mewt, ma kien jista' jwaqqaf il-mixja ta' Ġesù!

Din ir-rivelazzjoni hija msieħba wkoll mix-xhieda ta' Mosè u Elija, rappreżentanti tal-liġi u l-profeti, l-Iskrittura Lhudija. Ġesù kien ċar meta qal li ma ġiex biex iħassar il-liġi u l-profeti imma biex iwassalhom għall-perfezzjoni (Mt 5,17). Huwa deher bħala t-twettiq tal-wegħdiet kollha li kienu saru. Huwa jilma bil-glorja ta' Alla u tintwera l-identità vera tiegħu meta msieħeb minn Mosè u Elija jiġi misjub fl-Iskrittura u jiġi mgħarraf bħala t-twettiq tagħha (Lq 24,27.44). Jekk nifirdu lil Ġesù mill-Iskrittura ma naslux biex nifhmu l-istorja tas-salvazzjoni u nxejnu l-fidi tagħna fil-qawmien: fil-fatt Kristu miet u qam skont l-Iskrittura (1 Kor 15,3-4). Hemm reċiproċità bejn Kristu u l-Iskrittura! Mifrudin minn xulxin ma jiftehmux aktar!

U ma' Ġesù mlibbes bil-glorja ta'Alla tinbena l-komunjoni u l-għaqda: Mosè u Elija flimkien mal-qaddisin tal-ewwel patt u Pietru, Ġakbu u Ġwanni mal-qaddisin tal-patt il-ġdid. Ilkoll flimkien huma magħqudin madwar Ġesù Kristu f'esperjenza waħdanija ta' komunjoni. Nilmħu wkoll il-komunjoni divina-trinitarja – il-Missier isemma' leħnu u s-sħaba tal-glorja, sinjal tal-preżenza tal-Ispirtu s-Santu, joffru l-ambjent tad-dehra glorjuża tal-Iben. It-trasfigurazzjoni ta' Ġesù tidher bħala antiċipazzjoni tal-għaqda li hemm tistenniena fis-saltna, bidu ta' dinja ġdida li hija kompletament mmarkata bis-sbuħija u bil-glorja ta' Alla.

Għalina li qegħdin nikkontemplaw dan il-misteru, mitlubin nilqgħu l-leħen tal-Missier li jindikalna lil Ġesù bħala l-kelma tiegħu: "Dan hu ibni l-għażiż, isimgħu lilu." Issa l-kmandament il-kbir mogħti lil Israel: "Isma', O Israel", jiġi speċifikat "Isimgħu lilu, lill-

Iben!", il-Kelma li saret laħam f'Ġesù, dak li rrakkontalna b'mod definittiv lil Alla. "Lil Alla għadu ħadd ma rah; imma għarrafhulna l-Iben il-waħdieni ta' Alla, li hu fi ħdan il-Missier." (Ġw 1,18) Għalhekk dan il-vanġelu jservina ta' twiddiba u twissija biex aħna ma noħolqux xi Ġesù minn żniedna, skont ix-xewqat tagħna. Ġesù mhux dak li aħna nimmaġinaw u, b'riżultat t'hekk, inħobbuh aktar għax huwa frott ta' idejna. Imma Ġesù Kristu huwa għalina skont l-Iskrittura: biex insiru nafuh meħtieġ li nisimgħu l-kelma li nsibuha fl-Iskrittura kollha u li tagħha l-Vanġelu huwa l-qalba. Anke jekk nintalbu mixja ta' ħajja mimlija tbatija u ċaħdiet, aħna mistiedna biex kontinwament nagħtu widen u nagħmlu referenza lil dak li għandu "l-kliem tal-ħajja ta' dejjem" (Ġw 6,68). Ġesù ttrasfigurat, irxuxtat mill-imwiet u mgħolli fil-lemin tal-Missier ma ħassarx is-salib, imma tana tama li ma tqarraqx – fl-aċċettazzjoni ubbidjenti tas-salib tinfetħilna t-triq li twassal "għall-glorja tal-qawmien għall-ħajja" (mill-prefazju).

## 5.3. It-Tielet Ħadd

***Il-bnedmin kollha jistgħu jiltaqgħu ma' Alla f'Ġesù, il-bniedem li huwa l-Kelma ta' Alla, l-iben innifsu ta' Alla.***

Illum, fil-bidu tal-ministeru ta' Ġesù, San Ġwann jippreżentalna r-rakkont tal-ġest li jwettaq Ġesù f'Ġerusalemm fl-okkażjoni tal-festa tal-Għid. Jidħol fit-tempju, eżattament fl-ispazju miftuħ imsejjaħ il-bitħa tal-Ġentili, riservata għal dawk li ma kienux Lhud u li xtaqu joqorbu u jsiru jafu l-fidi u l-kult Lhudi u hekk joqorbu lejn il-Mulej (Is 45,20). Dan ġie mibdul f'post ta' kummerċ u traffikar ta' annimali għas-sagrifiċċju. Nafu wkoll li kienu preżenti dawk li jsarrfu l-flus biex il-pellegrini setgħu jħallsu l-ħaraġ tat-tempju, waqt li oħrajn kienu jaqsmu din il-bitħa qaddisa bħala triq qasira li twassalhom għall-wied ta' Kedron. Fi ftit kliem huwa post li Alla xtaqu jkun "dar tat-talb għall-popli kollha" (Is 56,7) imma li kien ġie mibdul f'suq fil-beraħ. Ġesù kellu raġun jirrabja għax fi żmienu l-kapijiet reliġjużi tal-poplu Lhudi kienu jisħqu li Alla jismagħhom jekk kemm-il darba jiġi mixtri permezz tas-sagrifiċċji u l-flus!

Għalhekk il-passjoni u l-imħabba ta' Ġesù lejn Alla Missieru u lejn id-dar tiegħu, tidher b'qawwa liema bħalha: "għamel sawt mill-ħbula, u keċċiehom ilkoll 'il barra mit-tempju, bin-ngħaġ u l-barrin tagħhom; xerred il-flus ta' dawk li kienu jsarrfu u qalbilhom l-imwejjed." Dan huwa ġest profetiku, u għalhekk skandaluż għax jeħodha mad-drawwiet determinati mit-tradizzjoni Lhudija. Fl-istess waqt jattwalizza l-profezija ta' kundanna li Ġeremija kien għamel fil-konfront tat-tempju (Ġer 7,1-15).

Għalfejn Ġesù jwettaq dan il-ġest hekk qalil? Ġesù irid ifakkar li t-tempju huwa l-għamara ta' Alla. Ried ixandar li waslet is-siegħa mħabbra minn Żakkarija, li fiha l-ġnus kollha kellhom jitilgħu Ġerusalemm għat-temma taż-żmien, is-siegħa li fiha "ma jkunx hemm aktar neguzjanti dakinhar fit-tempju tal-Mulej ta' l-eżerċti." (Żak 14,21). Fuq kollox biex juri li huwa, l-Iben t'Alla, jista' jitlob b'qawwa r-rispett lejn ir-rieda ta' Alla fil-post li ġie magħżul bħala "dar missieri".

Dan il-ġest kuraġġjuż iqanqal immedjatament il-mistoqsija min-naħa tal-Lhud: "X'sinjal se turina li inti tista' tagħmel dan?" Bħal dejjem, il-bnedmin reliġjużi jgħaġġlu jitolbu s-sinjali biex jippruvaw l-awtorità ta' Ġesù. Bħala tweġiba Ġesù jirrivela dak li kien ser iseħħ, u hekk ineħħi l-velu li jostor l-identità vera tiegħu. Dan jagħmlu b'ironija permezz ta' kmand: "Ħottu dan it-tempju u fi tlitt' ijiem nerġa' ntellgħu." Fi ftit kliem jakkużahom li huma kienu ser iħottu t-tempju ta' Alla li huwa Hu meta jikkundannawh għall-mewt, imma Alla jqajmu mill-ġdid fit-tielet jum. Kellu raġun Ġesù meta jitkellem mas-Samaratina jgħidilha: "Imma tiġi siegħa, anzi issa hi, meta dawk li tassew jaduraw jibdew jaduraw lill-Missier fl-ispirtu u l-verità." (Ġw 4, 23) Din hija r-rivelazzjoni li jagħtina: sa issa l-għamara ta' Alla kienet it-tempju ta' Ġerusalem, imma minn issa 'il quddiem il-ġisem ta' Ġesù msallab u rxuxtat huwa l-vera għamara ta' Alla. Il-bnedmin kollha jistgħu jiltaqgħu ma' Alla f'Ġesù, il-bniedem li huwa l-Kelma ta' Alla, l-iben innifsu ta' Alla. Kull darba li n-Nisrani jitwaħħad ma' Kristu fil-mewt u fil-qawmien tiegħu jkun qiegħed jitwettaq l-aqwa att ta' adorazzjoni lil Alla. Il-mewt u l-qawmien – l-imħabba tiegħu sal-aħħar – huma s-sinjal il-kbir tas-setgħa ta' Ġesù u tal-ogħla qima li tingħata lil Alla. Il-qima li aħna nagħtu lil Alla jeħtieġ li tingħaqad mal-għotja ta' Kristu bl-għotja tagħna nfusna lil ħutna.

Is-silta fetħet billi qaltilna li kien qorob il-Għid tal-Lhud, u tkompli billi Ġesu jħabbrilna l-Għid li kien ser jitwettaq fiH. Għal dan il-Għid mhux ser ikunu meħtieġa aktar l-annimali bħala vittmi tas-sagrifiċċji, tant li jitwarrbu mit-tempju. Għax f'dan il-Għid, Ġesù nnifsu ser ikun il-vittma tal-Għid frott taż-żelu u l-imħabba mħeġġa tiegħu lejn Alla. Ser tkun din l-imħabba li ser ittemmlu ħajtu: "għax il-ħeġġa għal darek fnietni" (Salm 69,10). Hekk jiġi rrivelat lilna dan it-tempju l-ġdid imħabbar mill-profeti, liema tempju mhux magħmul mill-ġebel imma mill-ġisem ta' Ġesù: il-ġisem ta' Ġesù ta' Nazaret, l-iben ta'Alla, li fih aħna ninbnew f'dar fejn jgħammar Alla. (1 Kor 3,16; 6,19). Bħala t-tempju l-ġdid, aħna mistiedna noffru lil Alla l-veru sagrifiċċju, dak tal-ħajja tagħna ta' kuljum: "Nitlobkom ħuti, għall-ħniena ta' Alla, offru ġisimkom b'sagrifiċċju ħaj, qaddis, jogħġob lil Alla, jiġifieri l-qima spiritwali tagħkom." (Rum 12,1).

## 5.4. Ir-Raba' Ħadd

*Alla jagħtina lil Ibnu l-Waħdieni biex ikollna l-milja tal-ħajja.*

Id-diskors tal-Vangelu ta' dan il-Ħadd huma parti mid-djalogu ta' Ġesù ma' Nikodemu. Huwa djalogu profond intenzjonat biex jikxef il-velu li jostor l-identità ta' Ġesù u ta' ġrajjietu.

Nikodemu huwa Fariżew minn Ġerusalemm, wieħed minn dawk li emmnu f'isem Ġesù billi raw is-sinjali li kien jagħmel (Ġw 2, 23). Imma din kienet għadha mixja li ma wasslitux fil-milja tal-għarfien tiegħu ta' Ġesù u għalhekk għall-milja tal-fidi. Minħabba l-biża' tiegħu li l-oħrajn jintebħu bil-fiduċja tiegħu f'Ġesù, kien imur għand Ġesù fis-satra tal-lejl. Nikodemu għadu fid-dalma tal-lejl u jasal għall-milja tad-dawl biss fil-mewt ta' Ġesù, meta jmur b'kuraġġ ħdejn il-qabar fejn kellu jindifen il-ġisem mejjet ta' Ġesù u ġieb miegħu taħlita ta' morr u sabbara, tiżen xi mitt libbra (Ġw 19,38-42).

Ġwanni jippreżentalna din ix-xena bħala djalogu bejn żewġ imgħallmin. Nikodemu jsejjaħ lil Ġesù *rabbi* waqt li Ġesù jsejjaħ lil Nikodemu bħala *mgħallem f'Israel*. Huwa djalogu diffiċli għax jittratta suġġett diffiċli: it-twelid mill-ġdid tal-bniedem. Ġesù jinsisti ma' Nikodemu li dan it-twelid huwa possibbli biss mill-ilma u l-ispirtu, bħala opra ta' Alla waqt li Nikodemu jaraha impossibbli li wieħed jerġa' jidħol f'ġuf ommu biex jitwieled mill-ġdid. Quddiem din id-diffikultà Ġesù jwieġeb li hija l-qawwa tal-Ispirtu ta' Alla li tagħmel possibbli dan it-twelid mill-ġdid. Hawnhekk Ġesù jagħmel rivelazzjoni kbira: biex l-Ispirtu jiġi msawwab fuq l-umanità kollha, meħtieġ li Bin il-Bniedem jiġi merfugħ bħalma Mosè refa' 'il fuq is-serp tal-bronż fid-deżert (Num 21,4-9). Ulied Israel kienu jħarsu lejn dan is-serp u hekk kienu jiġu mħarsa u mfejqa mill-mewt kaġun tas-sriep velenużi. Hekk kif dan is-serp kien sinjal ta' fejqan u ħelsien, hekk ikun Bin il-Bniedem meta dan jitgħolla.

Minn hawn 'il quddiem l-evanġelista Ġwanni jikkummenta din ir-rivelazzjoni ta' Ġesù. Ġesù ser ikun merfugħ għax "Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-Waħdieni, biex kull min jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta'dejjem." Bħalma Abram ma qgħadx jintelaq milli joffri lil Alla l-uniku iben tiegħu, Iżakk, hekk ukoll Alla jagħtina lil Ibnu l-Waħdieni biex hekk ikollna l-milja tal-ħajja (Ġw 10,10). Quddiem il-bniedem li huwa ppruvat li jiġġudika l-ħidma ta' Alla bħala kundanna, il-Vanġelu jassigura u jgħid: "Alla ma bagħatx lil Ibnu fid-dinja biex jagħmel ħaqq mid-dinja, imma biex id-dinja ssalva permezz tiegħu." Din hija l-intenzjoni tal-qalb ta' Alla li ma jridx li l-midneb jintilef imma li jsalva u jgħix (Eż 18,23; 33,11). Alla huwa mħabba u jmiss lilna lkoll, midinbin, li nilqgħu din l-imħabba u l-ħniena. Jekk kemm-il darba niċħdu din l-imħabba nattribwixxu lil Alla wiċċ li jkun imbiegħed minn dak li hu.

F'din il-mixja tar-Randan, ħarsitna hija mdawwra lejn Ġesù merfugħ fuq is-salib kif jistedinna nagħmlu d-dixxiplu l-maħbub: "huma għad iħarsu lejn min nifdu" (Ġw 19,37). Waqt li nikkontemplaw din il-verità mdendla mas-salib bla ebda sbuħija jew xi ħaġa li tiġbdek, nistgħu naslu biex nifhmu l-imħabba ta' Alla għalina fi Kristu Ġesù, kif wasal għaliha Nikodemu, u hekk fl-aħħar mġeddin u mibdulin naslu għas-sebħ tal-Għid b' fidi mġedda.

## 5.5. Il-Ħames Ħadd

***Fis-siegħa tal-prova Alla huwa preżenti aktar minn mumenti oħra u jbiddel il-mewt tal-ħabba tal-qamħ fi ġrajja ta' fekondità.***

Is-siegħa tat-tbatija għal Ġesù hija fil-qrib u għalhekk huwa jitla' Ġerusalemm biex jiċċelebra l-festa tal-Għid li ser tkun l-Għid tiegħu nnifsu – l-eżodu tiegħu minn din id-dinja għal għand il-Missier (Ġw 13,1). Meta daħal fil-belt ta' Ġerusalemm ġie milqugħ bħala l-Messija u bħal jidher li laħaq il-milja tas-suċċess, tant li l-għedewwa tiegħu jistqarru: "Ara, id-dinja kollha sejra warajh!" (Ġw 12,19).

Jiġri episodju li bħal donnu jikkonferma dan il-kunsens ġenerali favur Ġesù. San Ġwann jinnota li "fost dawk li telgħu biex iqimu lil Alla fil-festa kien hemm xi Griegi", jiġifieri pagani ġejjin minn popli oħra. Dawn jixtiequ jaraw lill-imgħallem Ġesù, milqugħ mill-folla u fuq fomm kulħadd. Milli jidher beżgħu jmorru direttament għand Ġesù u għalhekk imorru għand Filippu, isem ta' oriġini Griega, dixxiplu ta' Ġesù minn Betsajda tal-Galilea fejn kienu joqogħdu ħafna li ma kienux Lhud. Filippu deher imħeġġeġ minn din it-talba u malajr kellem lil Indrì u flimkien marru jgħidu lil Ġesù.

Ġesù bħal jidher li ma jagħtix attenzjoni lit-talba li jwasslulu Filippu u Indrì min-naħa tal-pagani. Jinterpreta dan kollu bħala sinjal li kienet waslet is-siegħa tiegħu, jiġifieri s-siegħa tal-mewt tiegħu: "Waslet is-siegħa li fiha Bin il-Bniedem ikun igglorifikat." Jekk kemm-il darba l-missjoni tiegħu kienet indirizzata lejn Israel, il-mewt tiegħu kellha twassal biex anke l-pagani jagħrfu l-identità vera tiegħu u hekk jifhmu l-missjoni awtentika tiegħu, dik li jirrakkonta lill-bniedem lil Alla li ma jidhirx (Ġw 1,18). Il-glorja tirreferi għar-rivelazzjoni t'Alla fil-ġmiel u l-kobor tal-imħabba soda u fidila tiegħu, li dehret b'mod speċjali fil-mument tal-għotja ta' ibnu fuq is-salib.

Bħala riżultat ta' dan, permezz ta' tixbiha Ġesù jħabbar is-siegħa li fiha kull bniedem jasal biex jagħraf il-verità dwaru u jilqgħu: "Jekk il-ħabba tal-qamħ ma taqax fl-art u tmut, hi tibqa' weħidha; imma jekk tmut, tagħmel ħafna frott." Ġesù qiegħed jistenna li jseħħ dan kollu – il-passjoni u l-mewt tiegħu – meta ser jitgħolla u kulħadd jinġibed lejH. Dak in-nhar il-missjoni tiegħu takkwista dimensjoni tabilħaqq universali destinata mhux aktar għall-poplu ta' Israel biss imma tħaddan fiha l-popli kollha.

Lil hemm minn dan, Ġesù jinterpreta l-mewt tas-salib bħala l-glorja tiegħu tant li jistqarr: "Min iħobb lil ħajtu jitlifha; imma min jobgħod lil ħajtu f'din id-dinja jħarisha għall-ħajja ta' dejjem." Ġesù joffri raġuni xierqa u mistħoqqha għalfejn huwa ser jagħti ħajtu sal-mewt u għalhekk għandu wkoll raġuni xierqa u mistħoqqha għalfejn jgħix. Dan il-prinċipju għandu jgħodd mhux biss għalih imma għal dawk kollu li jimxu warajh: "Jekk xi ħadd irid jaqdini, hu għandu jimxi warajja u fejn inkun jien, hemm ukoll ikun il-qaddej tiegħi." Il-Kristjani huma msejħa għal ħajja mgħoddija kollha f'servizz u qadi lil Alla u lill-oħrajn, sakemm iseħħilhom ibiddlu l-mewt tagħhom għax konxji mill-frott staordinarju li joħroġ minn min jgħix u jmut f'isem l-imħabba: il-ħajja ta' dejjem.

Il-Missier jagħti s-siġill tiegħu għal dak li ser jitwettaq f'Ibnu Ġesù. Il-glorja tal-Missier tidher fiH b'mod partikolari fis-siegħa tal-passjoni x'ħin Ġesù juri din il-glorja taħdem fiH meta "hu li kien ħabb lil tiegħu li kienu fid-dinja ħabbhom għall-aħħar".

B'dan ir-rakkont ippreżentat minn San Ġwann tant qrib tal-Għid, ir-raba' vanġelu jgħaqqad flimkien żewġ ġrajjiet, li skont is-Sinottiċi seħħew f'żewġ mumenti diversi: il-biża' ta' Ġesù fil-Ġetsemani (Mk 14,32-42) u l-leħen tal-Misier li nstema' fit-Trasfigurazzjoni (Mk 9,1-8). Dan huwa l-mod kif San Ġwann jesprimi li fis-siegħa tal-prova Alla huwa preżenti aktar minn mumenti oħra u jbiddel il-mewt tal-ħabba tal-qamħ fi ġrajja ta' fekondità tant li tkattar u ġġedded il-ħajja. Aħna disposti biex nassumu din id-dinamika ta' mewt u qawmien, waqt li nidentifikaw lilna nfusna mal-ħabba tal-qamħ li taqa' fl-art u tmut? Hija tixbiha sempliċi, imma kapaċi li tnebbaħ u tagħti direzzjoni lill-ħajja kollha tagħna sat-tmiem... u sal-ħajja ta' dejjem!

## 6. SKEMI GĦALL-EŻERĊIZZI TAR-RANDAN (ADULTI)

1. Il-bluha tas-Salib ta' Ġesù Kristu
   a. Traditio

2. L-Imħabba Nisranija
   a. Il-firdiet

3. Il-Qdusija tal-Ġisem
   a. L-imħabba konjugali

4. L-Ewkaristija
   a. Mgħixa fil-ħajja ta' kuljum

5. Il-Knisja ġisem mistiku ta' Kristu (Knisja profetika)
   a. Il-kariżmi u l-ministeri
   b. L-għażla tal-fqar
   c. L-aħbar it-tajba tal-Qawmien tal-Ġisem f'kultura ta' mewt.
   d. Is-servizz tal-knisja lid-dinja, fl-evanġelizzazzjoni tal-bnedmin.

## 6.1. Introduzzjoni għall-Ewwel Ittra lill-Korintin

Il-belt ta' Korintu hija importanti minħabba ż-żewġ portijiet tagħha: Lekew u Kenkre. Hija magħrufa għall-għana u l-qawwa politika tagħha tant li kienet il-kapitali tal-provinċja Rumana tal-Akaja. Fi żmien Pawlu kellha popolazzjoni ta' nofs miljun ruħ li fil-maġġoranza tagħhom kienu Rumani flimkien ma' komunitajiet żgħar ta' lsira, kif ukoll komunità ta' Lhud bis-sinagoga tagħha. Dan huwa ppruvat mill-istess ittra, li tagħtina ħjiel li f' Korintu kien hemm komunità mħallta ta' Griegi, Lhud u Rumani, ġejjin minn livelli soċjali differenti nklużi anke l-ilsiera (1 Kor 1,26; 12,13). Il-kult prinċipali fil-belt kien lejn alla pagan, Afrodite, b'santwarju kbir iddedikat lilha.

**<u>It-twaqqif tal-knisja f'Korintu</u>:**

Ġara fit-tieni vjaġġ missjunarju ta' San Pawl. Wara l-evanġelizzazzjoni fil-Maċedonja u ġewwa Ateni wasal Korintu (Atti 18,1-17). Hemmhekk iltaqa' ma' Akwila u Prixxilla, koppja Lhudija-Kristjana li kienu għadhom kemm ġew lura minn Ruma wara li l-imperatur Klawdju kien keċċa lil-Lhud minn Ruma. Flimkien magħhom kien jaħdem it-tined. Wara l-oppożizzjoni li sab mil-Lhud, mar joqgħod għand Titu Ġustu, li mid-deoħra kien pagan li kien tgħammed u sar Kristjan. Anke Krispu l-kap tas-sinagoga flimkien ma' ħafna oħrajn laqgħu l-Magħmudija. Dam madwar sena u nofs sakemm telaq lejn is-Sirja.

**<u>Iċ-ċirkustanzi li jdawwru l-Ewwel ittra lill-Korintin</u>:**

Pawlu jiktbilhom din l-ittra matul il-waqfa tiegħu ġewwa Efesu, fit-tielet vjaġġ missjunarju. Wara li kienu waslulu aħbarijiet li fil-komunità ta' Korintu kien hemm abbużi gravi u dubji fil-konfront tal-Evanġelju li kien xandrilhom, permezz ta' din l-ittra, Pawlu jixtieq u jipprova jikkoreġi dawn l-abbużi u jiċċara l-ħsieb tiegħu. Minn 1Kortintin, joħroġ li kien diġà kitbilhom ittra oħra (1 Kor 5,9).

## 6.2. L-Ewwel Jum: Il-bluha tas-Salib ta' Ġesù Kristu - Traditio

Iċ-ċentru tal-ħajja, tal-predikazzjoni u tal-missjoni ta' Pawlu tinsab fis-salib ta' Ġesù Kristu. Dan jinħass b'mod l-aktar ċar u qawwa fl-1 Korintin, imġiegħel mis-sitwazzjoni tal-knisja ta' Korintu li tipprovoka din ir-riflessjoni ta' Pawlu. Kienet knisja li kienet qegħda tagħmel interpretazzjoni riduttiva tal-messaġġ tas-salib ta' Kristu, tant li waslu f'widnejn l-appostlu aħbarijiet ta' firdiet fi ħdan din il-knisja (*"Ħuti, in-nies ta' Kloji qaluli fuqkom li fostkom hemm it-tilwim."* 1 Kor 1,11) kif ukoll aħbarijiet ta' twettiq ta' żina (*"Kulħadd sama' li hemm iż-żina fostkom, u żina li anqas issibha fost il-pagani."* 1Kor 5,1).

Għaldaqstant f' 1 Koriintin Pawlu jopponi t-*theologia gloriae* tal-Korintin għat-*theologia crucis* ta' Kristu. Pawlu ma jista' qatt jiċħad is-salib favur il-glorja. Il-għerf tal-ħajja ma jiġix akkwistat mit-toroq wiesgħa imma mit-triq id-dejqa tal-bluha tas-salib. Dan jistqarru b'mod ċar Pawlu f'Kol 2,8: *"Qisu li ħadd ma ijassarkom b'filosofija u kliem qarrieq u fieragħ skond dak li hu ġej mill-bnedmin; skond il-prinċipji tad-dinja u mhux ta' Kristu"*.

Sa mit-tislima, fil-bidu tal-ittra Pawlu jurina li ċ-ċentru ta' kollox huwa Kristu Ġesù, tant li l-motivazzjonijiet li wassluh biex jikteb din l-ittra huma Kristoloġiċi: l-ewwelnett Pawlu jistqarr li hu appostlu ta' Ġesù Kristu skond ir-rieda ta' Alla; u fit-tieni post jidentifika lill-Korintin bħala msejjħin biex jitqaddsu flimkien ma' dawk li ġew imwarrba u mqaddsa fi Kristu Ġesù. Għalhekk, Pawlu jikkonkludi li s-sejħa li għamlilhom Kristu hija sejħa rrevokabbli u tkompli sseħibhom b'fedeltà sal-jum tal-aħħar.

**<u>Min għadda lil Pawlu l-ġrajja tas-salib ta' Ġesù Kristu?</u>**

L-ewwelnett Pawlu jitkellem mir-rivelazzjoni li waslitlu direttament minn Alla (*"Imma meta Dak li għażilni sa minn ġuf ommi, u li sejjaħli permezz tal-grazzja tiegħu, għoġbu jirrivelali lil Ibnu biex inħabbru fost il-ġnus..."* Gal 1,15) Dan għaliex San Pawl qatt ma sar jaf jew iltaqa' ma' Ġesù storiku – dak li għadda jagħmel il-ġid, ifejjaq, ixandar il-Vanġelu u li temm ħajtu fuq is-salib. Imma ltaqa' ma' Ġesù glorjuż – Ġesù tal-fidi - fuq it-triq li kienet ser twasslu Damasku. Tajjeb li niftakru li San Pawl innifsu jikkonferma li hemm żewġ modi differenti kif wieħed jiltaqa' u jsir jaf persuna. Jikteb f' 2 Kor 5,16: *"Għalhekk aħna ma nagħrfu lil ħadd skond il-ġisem. Jekk għarafna lil Kristu skond il-ġisem, issa ma nagħrfuhx aktar hekk"*. Li tagħraf skond il-ġisem ifisser li tagħraf u ssir taf lil xi ħadd bi kriterji esterni bħalma huma l-fattizzi u l-imġieba tal-persuna. Imma dan ma jfissirx li ssir tafu tabilħaqq. Huwa biss bil-qalb li wieħed jasal għall-verità sħiħa. Dan kien li ġralhom il-Fariżej u s-Sadduċej li kienu jafu ħafna dettalji fuq Ġesù imma baqgħu magħluqin għall-verità sħiħa dwaru. Kien għalhekk li wara t-Trasfigurazzjoni, Ġesù jistaqsi żewġ mistoqsijiet lill-appostli: Min jgħidu n-nies li jien? u mbagħad: Imma intom min tgħidu li jien? In-nies taf ħafna ħwejjeġ fuq Ġesù imma dawn iwasslu biss għal għarfien superfiċjali tal-persuna u tal-misteru tiegħu. Pawlu sar jaf lil Ġesù fil-verità sħiħa tiegħu permezz tar-rivelazzjoni li huwa kellu fit-triq ta' Damasku. Kien imbagħad wara, li rċievi dettalji oħra tal-ħajja terrena ta' Ġesù mingħand Ħananija u aktar tard mill-knisja ta' Ġerusalem.

**Dak li rċieva, jidher ċar minn tliet tipi ta' riferimenti li jagħmel Pawlu għal Ġesù pre-paskwali/storiku:**

1. Riferimenti diretti għall-kliem u l-fatti tal-ħajja ta' Ġesù: jitkellem mid-dixxendenza Davidika tiegħu (Rum 1,3); jitkellem minn ħutu (1 Kor 9,5; Gal 1,19); jaf dak li seħħ fl-aħħar ċena u l-kelmiet ta' Ġesù matulha (1 Kor 11,23-25 fi qbil ma' Lq 22,19-20), jaf xi wħud mill-kliem imlissna minn fomm Ġesù bħal fil-każ tal-indissolubiltà taż-żwieġ (1 Kor 7,10 fi qbil ma' Mk 10,11-12) u jaf ukoll bil-mewt tas-salib ta' Ġesù.

2. Riferimenti jew allużjonijiet għat-tradizzjoni li aktar tard kellha tinġabar bil-miktub fil-vanġeli Sinottiċi: bħala eżempju l-kelmiet li nsibu fl-I Tess 5,2: *"Intom tafu sewwa li jum il-Mulej jiġi għal għarrieda bħal ħalliel billejl"*, hija qrib ħafna mat-tradizzjoni ta' Mattew u Luqa; u l-kelmiet f' 1 Kor 1,27-28: *"Imma Alla għażel in-nies boloh għad-dinja biex iħawwad l-għorrief, għażel id-dgħajfa tad-dinja biex iħawwad il-qawwija, għażel il-mistmerra mid-dinja, u n-nies li ma huma xejn, biex iġib fix-xejn 'il dawk li huma xi ħaġa"* fi qbil mat-tagħlim ta' Ġesù fuq il-fqar u s-sempliċi (Mt 5,3; 11,25; 19,30).

3. It-tielet prova li Pawlu għandu ħjiel ta' Ġesù storiku, tinsab fil-fatt li Pawlu jieħu kunċetti importanti mill-predikazzjoni ta' Ġesù u japplikahom għal Ġesù rxuxtat. Eżempju ta' dan hija s-saltna t'Alla li sikwit kienet fil-predikazzjoni ta' Ġesù u li Pawlu jinsisti li issa hija identifikata ma' Kristu rxoxt. Anke t-talba ta' Ġesù lejn Alla missieru waqt li jsejjaħlu Abbà, hija trasferita għall-imgħammdin kollha li rċevew l-ispirtu tal-Iben għax saru wlied fiH (Rum 8,15; Gal 4,6). Fl-aħħarnett id-dimensjoni salvifika tal-mewt ta' Ġesù kif tidher fil-frażi tal-Vanġelu *"Bin il-Bniedem ma ġiex biex ikun moqdi imma biex jaqdi u biex jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra"* (Mk 10,45; Mt 20,28) hija riflessa fit-tagħlim ta' San Pawl fuq il-mewt ta' Ġesù bħala ħlas għar-riskatt (1 Kor 6,20), bħala fidwa (Rum 3,24), bħala ħelsien (Gal 5,1) u bħala ħbiberija mill-ġdid (Rum 5,10; 2 Kor 5,18-20). Dan huwa ċ-ċentru tat-teoloġija kollha ta' Pawlu bbażata kollha kemm hi fuq il-kliem ta' Ġesù kif ġew mgħoddija lilu mill-komunità tal-bidu. Dan kollu assigura lil Pawlu li jkun fi qbil u f'kontinwità mat-tradizzjoni li kienet imħaddna mill-komunità Kristjana tal-bidu.

Lill-Korintin Pawlu jfakkarhom f'din it-tradizzjoni li huwa kien irċieva u li issa kien għaddielhom: *"Qabel xejn, jien għallimtkom dak li tgħallimt jien, jiġifieri, li Kristu miet minħabba dnubietna, skond l-Iskrittura, difnuh u qam mill-imwiet fit-tielet jum, skond l-Iskrittura"* (1 Kor 15,3-4). Għal Pawlu, Ġesù mhuwiex persuna tal-passat imma għalih Ġesù għadu ħaj. Dan huwa l-aqwa mod ta' kif wieħed isir jaf u jagħraf lil Kristu, mhux skond il-ġisem, imma bħala l-Mulej tagħna u ħuna, li jurina kif għandna ngħixu u kif għandna mmutu.

**Pawlu jfakkar lill-Korintin li s-salib huwa ċ-ċentru:**

Din is-silta hija indirizzata lill-Korintin li nsew iċ-ċentralità tas-salib minħabba preokkupazzjonijiet oħra li għandhom f'qalbhom. Il-għerq tad-diffikultà li Pawlu jixtieq jindirizza tidher li hija l-inklinazzjoni tal-Korintin għall-poter, għall-prestiġju u għas-suppervja, rappreżentati fit-tradizzjoni ellenistika fl-enfasi esaġerata tagħha fuq il-glorja tal-għerf u tal-akkwisti umani u fl-istil ta' hajja skandaluża. Dan huwa l-għerf tad-dinja (1 Kor 1,17.20.26; 2,1; 3,19) li jiġġieled kontra tiegħu Pawlu. Din mhix indikazzjoni

li l-għerf tal-bniedem huwa nsuffiċjenti imma li l-għarfien tal-bniedem huwa vizjat u jaqa' fuq dak li jpaxxi l-għajn u jħalli vojta l-qalb. Mhux biss meħtieġ li nifhmu li t-triqat t'Alla huma differenti mit-toroq tagħna, imma wkoll li l-kriterji tal-ħsieb tagħna jfixkluna milli naraw u nifhmu dawn it-toroq! Dan wassal biex l-idejat tal-bniedem dwar il-għerf, il-ġustizzja, il-qdusija u l-fidwa ġew imxejjna mis-salib ta' Kristu. Kristu msallab jibqa' l-istruttura nterpretattiva waħdanija biex nifhmu lil Alla.

**<u>Pawlu jfakkarhom li l-għerf u l-qawwa ta' Alla dehru:</u>**

1. għall-ewwel darba fis-salib ta' Kristu (*"Imma aħna nxandru 'l Kristu msallab, skandlu għal-Lhud u bluha għall-Griegi; iżda għal dawk li huma msejjħin, sew Lhud sew Griegi, Kristu huma l-qawwa ta' Alla u l-għerf ta' Alla. Għax il-bluha ta' Alla hija għarfa iktar mill-bnedmin, u d-dgħufija ta' Alla hija aqwa mill-bnedmin."* 1 Kor 1,23-25);

2. imbagħad fil-għażla u s-sejħa tal-Korintin infushom ( *"Araw x'intom , li Alla sejjħilkom; għax m'humiex ħafna fostkom li huma għorrief skond il-qjies tad-dinja, m'humiex ħafna s-setgħana, m'humiex ħafna n-nobbli. Imma Alla għażel in-nies boloh għad-dinja biex iħawwad l-għorrief; għażel id-dgħajfa tad-dinja biex iħawwad il-qawwija; għażel il-mistmerra mid-dinja, u n-nies li ma huma xejn, biex iġib fix-xejn 'il dawk li huma xi ħaġa. Hekk ebda bniedem ma jkun jista' jiftaħar quddiem Alla. Minnu li intom tinsabu fi Kristu Ġesù li sar għalina l-għerf mingħand Alla, ġustizzja qdusija, u fidwa, biex bħalma hu miktub, min jiftaħar, ha jiftaħar fil-Mulej."* 1 Kor 1, 26-31);

3. fl-aħħarnett fin-natura tal-ministeru u tal-appostolat ta' Pawlu nnifsu (*"Meta jien wasalt għandkom, ħuti, ma ġejtx inħabbrilkom il-misteru ta' Alla bi kliem kbir jew għaref. Ma ppretendejtx li kont naf xi ħaġa fostkom, ħlief lil Ġesù Kristu, u 'l dan imsallab. U jiena ġejt għandkom dgħajjef, mbażża' u mriegħed; il-kelma u l-predikazzjoni tiegħi ma kienux imlibbsa bil-kliem qawwi tal-għerf imma bil-wiri tal-Ispirtu u l-qawwa sabiex il-fidi tagħkom tinbena mhux fuq l-għerf tal-bniedem, imma fuq il-qawwa ta' Alla."* 1 Kor 2,1-5; *"B'dan niftaħar jien, imma bija nnifsi ma niftaħarx ħlief b'dak li hu dgħajjef fija. Għax kieku rrid niftaħar, ma nkunx qed nitbellah, għax inkun qed ngħid is-sewwa. Imma nżomm ruħi lura, biex ma jkunx hemm min jaħseb li jien xi ħaġa aktar minn dak li jilmaħ fija jew minn dak li jismagħni ngħid."* 2 Kor 12,5-6).

**<u>Is-Salib jitlob bidla tal-moħħ u l-qalb:</u>**

Billi l-predikazzjoi tas-salib hija bluha għal dawk li jintilfu (1 Kor 1,18; 2,14), dawk biss li l-qalb tagħhom hija mibdula mill-opra tal-Ispirtu s-Santu huma fi grad li jaċċettaw l-għerf veru u l-qawwa ta' Alla kif ġiet murija fil-vanġelu (1 Kor 1,20-24; 2,6-16). Għalhekk Pawlu javża lill-Korintin li l-ftaħir bihom infushom u tal-kapijiet spiritwali tagħhom huma sinjali perikolużi li fil-ħajja tagħhom ma jiddominax l-Ispirtu ġaladarba jġibu ruħhom bħala bnedmin tal-laħam u mhux tal-ispirtu (1 Kor 2,14-3,4). Anke l-kilba għall-akkwisti tax-xjenza ellenistika (1 Kor 1,10-4,21) ħadu s-sura ta' forom ta' immoralità fi ħdan din l-istess knisja (1 Kor 5,2.6; 6,9). Il-Korintin jeħtieġ li jikkonvertu biex jintebħu li kulma għandhom huwa frott ta' don mogħti lilhom u jsegwu l-eżempju tal-appostlu tagħhom li l-ħajja tiegħu ta' djgħufija u ta' tbatija turi l-qawwa tas-saltna t'Alla u tas-salib ta' Sidna Ġesù Kristu. (1 Kor 1,31; 2,3-5; 4,6-13.14-21).

Il-knisja tibqa' dejjem mibnija fuq il-fundament tas-salib ta' Ġesù Kristu (1 Kor 1,19-20; 3,10-23). Huwa l-uniku mezz tas-salvazzjoni. L-istorja kollha tas-salvazzjoni tinġabar u titlaq mis-salib. Dan huwa miċħud mill-Korintin li għalihom il-qawmien kien mifrud mis-salib, u għalhekk Pawlu jfittex li jorbothom flimkien. Is-salib huwa d-distintiv ta' dak kollu li huwa awtentikament Kristjan: mhuwiex aspett wieħed minn ħafna imma huwa l-pedament ta' kollox. U għalhekk minn dan iċ-ċentru tas-salib glorjuż ta' Ġesù joħroġ dawl li jdawwal il-ħajja tal-bniedem, l-antropoloġija u l-etika. Hija salvazzjoni li tieħu forma ta' rivelazzjoni.

Is-salib jibqa' skandlu għalina (skandlu fis-sens li jċaqlaq lil qalbna) għax Alla jiġġustifika lill-midneb permezz tas-salib ta' Kristu li kien magħdud bħala kriminal, pubblikament misħut minna Alla. Għalhekk għal Pawlu, il-ġrajja tas-salib ma jikkunsidrahix tant fl-istoriċità tagħha (ħaġa li jagħmluha s-Sinottiċi fir-rakkonti dettaljati tal-passjoni) imma fit-tifsira eżistenzjali tagħha li ddawwal il-bniedem f'kull żmien.

## 6.3. IT-TIENI JUM: L-IMĦABBA U L-FIRDIET FIL-KOMUNITÀ NISRANIJA

**L-Innu tal-Imħabba:**

San Pawl jitkellem dwar l-imħabba fil-kapitlu 13 tal-ewwel Ittra lil Korintin. Fil-kapitlu 12, Pawlu jitkellem dwar il-kariżmi waqt li fil-kapitlu 14 jitkellem dwar id-doni spriitwali tal-komunità ta' Korintu. Il-Korintin kellhom moħħhom mimli b'dawn id-doni, u l-aktar b'dak tal-ilsna; mbagħad kienu jonqsu mill-imħabba lejn xulxin.

B'dan l-innu, Pawlu fehem jurihom li l-imħabba hi l-aqwa u l-ogħla don. L-imħabba hi "*l-qofol tal-perfezzjoni*" (Kol 3,14). Mingħajrha l-kariżmi kollha, kbar kemm huma kbar, ma jiswew għal xejn.

San Pawl jibda biex iqabbel id-don tal-ilsna mal-Imħabba. Imbagħad iqabbel id-doni tal-profezija, tas-sapjenza u tal-għerf intellettwali. Iqabbel ukoll il-fidi. Dawn kollha mingħajr imħabba m'għandhom l-ebda valur.

Ipoġġi ħdejn l-imħabba, żewġ atti ta' eroiżmu bħalma huma "*li jqassam ġidu kollu*" u li "*jagħti ġismu għall-ħruq*" (13,3-4). Anke dawn, mingħajr l-imħabba m'huma xejn.

L-imħabba li minnha qed jitkellem Pawlu mhix biss l-imħabba tal-proxxmu iżda fuq kollox hija l-imħabba *Agápe* – jiġifieri l-imħabba ta' Alla murija f'Ġesù Kristu. L-imħabba lejn il-proxxmu mingħajr l-imħabba ta' Alla tkun biss filantropija; tiswa ta' ġid għal min jirċeviha, iżda ma tiswiex għal min jagħmilha. L-imħabba vera tal-proxxmu, l-*agápe* Nisranija, toħroġ mill-imħabba ta' Alla lejna.

Minn vers 4 sa 8, Pawlu jitkellem mill-imħabba bħala *persuna*. Fi ħmistax il-verb għandna l-kwalitajiet sbieħ tal-imħabba vera. Huma virtujiet li kollha joħorġu mill-imħabba. L-imħabba hija fuqhom ilkoll u l-aqwa fosthom.

F'vers 8 Pawlu jafferma li l-imħabba ma tintemx. Minnha nfisha l-imħabba tibqa' għal dejjem sa tmiem ta' din il-ħajja u tibqa' wkoll fil-ħajja l-oħra. Filwaqt li d-doni l-oħra kollha jintemmu, l-imħabba ma tintemm qatt.

F'versi 9 – 10, Pawlu jiddistingwi bejn iż-żmien ta' issa u ż-żmien li ġej. Bħalissa, id-doni tal-għerf u l-profezija jgħinuna xi ftit biex nagħrfu lil Alla iżda ma jistax ikollna rivelazzjoni sħiħa. Din tigħatalna fid-dinja li ġejja. Biex l-imperfezzjoni taż-żmien ta' issa, Pawlu juża żewġ eżempji. F'vers 11 jgħid li l-bniedem bħalissa qisu tarbija li la taf titkellem tajjeb u lanqas taħseb jew tirraġuna. Meta t-tarbija ssir raġel magħmul, tkun tista' tagħraf lil Alla u l-misteri tiegħu. Eżempju ieħor li juri l-imperfezzjoni tal-istat attwali, insibuh f'vers 12. Aħna naraw mċajpar bħallikieku f'mera. Il-mirja ta' dak iż-żmien kienu tal-metall ileqq. Kienu jaraw wiċċhom fihom iżda imċajpar. Bħalissa lil Alla qed narawh b'mod indirett fil-kelma tiegħu li tagħtina viżjoni mperfetta ta' Alla. Aktar 'il quddiem narawh wiċċ imbwiċċ, jiġifieri direttament, mingħajr bżonn ta' figuri u meżżi.

Pawlu jagħlaq il-kaptilu jerġa jirrepeti dak li beda bih. Dak li jiswa għall-ħajja tan-Nisrani m'humiex id-doni spiritwali ta' xi wħud mill-membri tal-komunità iżda l-imħabba li għandha tkun tagħhom ilkoll. Id-doni l-oħra jgħaddu u jgħibu, imma l-fidi, it-tama u l-

imħabba ma jistgħux ma jkunux fil-ħajja tal-Knisja u tal-membri kollha tagħha. L-akbar u l-aqwa hi l-imħabba, issa f'din il-ħajja u mbagħad fil-ħajja tal-glorja.
**<u>X'inhu dak li jtellef lil komunità milli jkollha dawn il-kwalitajiet:</u>**

1. <u>Il-firdiet</u>

San Pawl jikteb l-ittra lill-Korintin propju minhabba l-firdiet li kien hemm bejniethom: "*Nitlobkom, ħuti, f'isem Sidna Ġesù Kristu, biex tkunu taqblu fi kliemkom u ma jkunx hemm firdiet fostkom, imma tkunu magħqudin kif imiss, ruh waħda u fehma waħda.*" (1Kor 1,10).

U biex jurihom li jaf x'inhu jigri, u li dak li qiegħed jikteb qiegħed jgħidu għalihom, ikompli: *"in-nies ta' Kloji qaluli fuqkom li fostkom hemm it-tilwim: irrid ngħid jien, li kull wieħed minnkom qiegħed igħid, Jiena ta' Pawlu, U jiena ta' Apollo, U jiena ta' Kefa. U jiena ta' Kristu."* (1Kor 1,11-12).

Pawlu jaffronta l-problema b'mod dirett. Hu preokkupat u jgħidilhom: "*Jaqaw Kristu mifrud? Forsi Pawlu kien li ssallab għalikom jew f'isem Pawlu tgħammidtu?*" (13) Pawlu jhobb il-komunità zgħira ta' Korintu u jiddispjaċih għal mewt b'dawn il-firdiet, għalhekk jehodhom bil-goff.

Dawn id-divizjonijiet kienu mhux biss fl-ideat, iżda kienu joholqu problemi fl-imgieba tagħhom fl-Ewkaristija u fil-Liturgija: *"F'li ser ngħidilkom ma nfaħħarkomx! Għax intom tiltaqgħu mhux għall-ġid imma għad-deni. Qabel xejn, kull meta tiltaqgħu fil-Knisja smajt li hemm firda bejnietkom, u xi haga nemmen."* (1Kor11,17-18) "*Xi haga…*" għax ma jridx jahseb li hemm biss problemi.

Imbagħad isemmi prinċipju: "*Għandu jkun hemm firdiet, biex jidhru fostkom dawk li jemmnu verament. Meta tiltaqgħu f'post wieħed mhux l-ikla tal-Mulej li intom tieklu. Għax kull wieħed minnkom igib, jaqbad u jiekol l-ikel tiegħu; wieħed bil-guh u l-ieħor fis-sakra. Ma għandkomx djar fejn tieklu u tixorbu? Jew tridu twaqqgħu fil-għajb il-Knisja ta' Alla, u ġġiegħlu jisthu lil dawk li ma għandhomx? X'ngħidilkom? Infaħħarkom? F'dan ma nfaħħarkomx.*" (20-22).

2. <u>L-abbużi sesswali</u>:

"*Kulħadd sema li hemm iz-zina fostkom, u zina li anqas issibha fost il-pagani; jigifieri li wieħed ikollu l-mara ta' missieru! U intom titkabbru! U mhux ahjar li bkejtu, biex dak li għamel dan il-hazen jitwarrab minn fostkom*" (1Kor 5,1-2).

"*Ma tafux li l-igsma tagħkom huma membri ta' Kristu… Ma tafux li gisimkom hu tempju tal-Ispirtu s-Santu, li jinsab jgħammar fikom, li għandkom minn Alla? Ma tafux li intom m'intomx tagħkom infuskom? Bil-għoli kontu mixtrija! Mela agħtu gieh lil Alla permezz ta' gisimkom.*" (Kor 6,19-20)

3. <u>L-Idolatrija</u>:

"*Ilkoll kienu mgħammda f'Mose fis-shaba fil-bahar,ilkoll kielu mill-blata spiritwali li kienet magħhom, u din il-blata kienet Kristu – madankollu l-biċċa l-kbira minhom lil Alla ma għogbuhx għax ilkoll waqgħu mejta fid-dezert. Dan gara b'ezempju għalina,*

*biex ma nixxenqux għal hwejjeg hziena, bħalma xxennqu huma. Tmorrux wara l-allat foloz, kif għamlu xi whud minnhom, bħalma hemm miktub: il-poplu qagħad bil-qiegħda jiekol u jixrob, u qamu jixxalaw.* (1Kor 10,2-7).

4. <u>Qrati bejn l-aħwa</u>:

Problema oħra kienet dik tal-mibgħeda bejn l-aħwa li kienu jwasslu għall-proċessi fil-qorti. Aħwa li għandhom jinhabbu, jahfru, jissaportu kollox.

"*Mela meta intom ikollkom xi tgħidu bejnietkom fuq hwejjeg ta' din il-hajja, tqegħdux imhallfin lil dawk li huma mistmerra mill-Knisja! Dan qiegħed ngħidulkom biex tisthu; jaqaw ma għandkomx fostkom xi ħadd għaref li jista' jagħmel haqq bejn l-aħwa? Imma l-aħwa jharrku 'l xulxin, udan quddiem il-pagani! U mhux ga nuqqas għalikom li jkollkom kawzi bejniehtkom? Il-għala ma issofrux l-inġustizzja? Il-għala ma tagħzlux li thallu min iqarraq bikom? Mhux dan biss, imma l-inġustizzja tagħmluha intom stess, u tqarrqu bl-oħrajn, u dan lil hutkom! Ma tafux li l-ingusti ma jirtuhiex is-saltna ta' Alla?* (1Kor 6,4-9).

5. <u>Difetti kbar</u>:

5.1. Nies tad-demm u l-laham (tal-ġisem): "*Jien ukoll, ħuti, ma stajtx inkellimkom bħala nies spiritwali, iżda bħala nies tal-ġisem, bħal trabi fi Kristu. Halib sqejtkom, mhux ikel, għax ma kontux tifilhu għalih, u lanqas issa ma tistgħu għalih, għaliex għadkom tal-ġisem, la darba fostkom għad hemm l-għira u l-glied. Ma għadkomx forsi tal-ġisem?*" (1Kor 3,1-3). Twissija iebsa li biha jurihom li huma mmexxijin mill-gibdiet tad-dinja u mhux mill-Ispirtu ta' Alla.

5.2. Saħansitra jgħajjarhom pruzuntusi: "*Intom ga mxebbgħin! Intom ga stagħnejtu! Issaltnu mingħajrna! Jalla ssaltnu ha nsaltnu ahna wkoll magħkom!*" (1Kor 4,8). "*Xi whud tkabbru…*" (18). "*Xejn ma hu sabiħ il-ftahir tagħkom*" (1Kor 5,6).

**<u>Seba kwalitajiet tal-komunità Nisranija:</u>**

Nistgħu ngħidu li l-Komunità Nisranija kif ihares lejha s.Pawl, u kif jixtieqha Ġesù, għandha seba' kwalitajiet:

1. <u>Il-komunità hija Ġesù l-Mulej</u>:

Meta Ġesù isejjah lil Pawlu fit-triq ta' Damasku, jgħidlu: "*Sawlu, Sawlu, għaliex qiegħed tippersegwitani?*" (At 9,4). Pawlu kien sejjer jaqbad lill-Insara biex jitfagħhom fil-habs. "*Jien Ġesù li inti qiegħed tippersegwita!*" (At 9,5). Ġesù ma jgħidx "*għalfejn qiegħed tippersegwita lill-knisja tiegħi, jew lill-hbieb tiegħi?*", iżda "*għalfejn qiegħed tippersegwita lili?*"

Fit-tliet rakkonti tal-konverzjoni ta' s.Pawl għandna l-istess kelmiet: l-irxoxt jidentifika ruhu fid-dixxipli tiegħu li huma ppersegwitati.

S.Luqa jgħid: "*Dawk li kienu jemmnu kienu jizdiedu fin-numru u jingħaqdu mal-Mulej*" (At 5,14).

Ġesù huwa l-komunità ta' dawk li jemmnu.

2. <u>Komunità li ssir ġisem il-Mulej</u>:

Il-komunità ssir ġisem tal-Mulej billi tiċċelebra l-Ewkaristija. "*Il-kalċi mbierek li fuqu ngħidu l-barka m'huwiex għaqda mad-demm ta' Kristu? U l-ħobż li naqsmu m'huwiex għaqda mal-ġisem ta' Kristu? Għax la l-ħobża hi waħda, ahna, li ahna ħafna, ahna ġisem wieħed; ilkoll kemm ahna niehdu sehem minn ħobża waħda.*" (1Kor 10,16-17). Meta l-Insara jitqarbnu, huma jsiru haga waħda fi Kristu. Il-Knisja titwieled mill-Ewkaristija, tikber u tinbena bl-ewkaristija.

3. <u>Komunità li hija ġisem wieħed</u>:

Għal Pawlu l-komunità hija waħda – kwazi persuna waħda. "*Bħalma l-ġisem hu wieħed u fih ħafna membri, u l-membri kollha tal-ġisem, għad li huma ħafna, jagħmlu ġisem wieħed, hekk ukoll Kristu. Għax ahna wkoll, ilkoll tgħammidna fi Spirtu wieħed biex nagħmlu ġisem wieħed, sew Lhud sew Griegi, sew ilsiera sew hielsa, u lkoll xrobna minn Spirtu wieħed. Issa l-ġisem m'huwiex membru wieħed, imma magħmul minn ħafna membri. Kieku s-sieq kellha tgħid: "Ladarba m'iniex l-id, jien m'iniex biċċa mill-ġisem," b'daqshekk m'hijiex parti mill-ġisem? U kieku l-widna kellha tgħid: "Ladarba m'iniex il-għajn, jien m'iniex biċċa mill-ġisem", ma jkunx ifisser b'daqshekk li hi m'hijiex biċċa mill-ġisem. Kieku l-ġisem kollu kien għajn, fejn kien ikun is-smigħ? U kieku kien kollu smigħ, fejn kien ikun ix-xamm? Iżda Alla qiegħed il-membri fil-ġisem kull wieħed f'postu, kif għoġbu hu. Kieku kollha kellhom ikunu membru wieħed, fejn hu l-ġisem? Imma ħafna, iva, huma l-membri, iżda wieħed hu l-ġisem. Il-għajn ma tistax tgħid lil l-id: "Jiena ma għandix bżonnok", anqas ir-ras tgħid lis-saqajn: "Ma għandix bżonnok" Mhux hekk biss, imma l-membri tal-ġisem li jidhru l-aktar dgħajfa, huma l-aktar meħtieġa; u dawk li nqisu bl-inqas gieh fil-ġisem, 'il dawn l-aktar li niehdu hsiebhom: u 'l dawk li ma għandhomx gmiel, illibbsuhom b'aktar gmiel: għax il-membri sbieh ma għandhom bżonn xejn. Alla imma bena l-ġisem b'mod li zejjen b'aktar gieh lil dawk li jeħtiġuh l-aktar. B'hekk ma jkunx hemm firda fil-ġisem, imma l-membri kollha jahsbu f'xulxin: jekk membru jbati, ibatu lkoll miegħu; jekk membru jitfaħħar, jifirhu lkoll miegħu. Intom il-ġisem ta' Kristu, u kull wieħed minnkom biċċa minnu.*" (1Kor 12-27).

Il-komunità hija l-ġisem ta' Kristu. Il-partijiet tagħha, bħall-partijiet tal-ġisem, għandhom jaħdmu f'armonija profonda (kor). Il-komunità hija realtà sabiħa, li timla bil-ferħa lill-membri tagħha u lil kull min jaraha, jekk tahdem bħal membri tal-ġisem.

4. <u>Il-komunità hija Tempju tal-Ispirtu Santu</u>:

"*Ma tafux li intom Tempju ta' Alla u li l-Ispirtu ta' Alla jgħammar fikom?*" (1Kor 3,16). Hija qawwija ħafna l-espressjoni "*intom tempju ta' Alla*". "*Ilkoll kemm ahna gejna mgħammdin fi Spirtu wieħed… kollha xroba mill-istess Spirtu wieħed*" (1Kor 12,13).

Għal-Lhud it-Tempju huwa l-post tal-preżenza ta' Alla, ix-"*Shekhinah*", il-post fejn hemm il-qdusija u l-maesta' ta' Alla. Nahsbu f'Ġesù ta' tnax il-sena li jibqa' msaħħar bit-tempju u jibqa' hemm għal tlett ijiem. Nahsbu fiz-zelu tiegħu meta jkeċċi lill-bejjiegħa għax kienu għamluh għar tal-hallelin.

Il-komunità Nisranija hija t-tempju, il-preżenza ta' Alla fid-dinja, il-kixfa tal-glorja tiegħu. Għalhekk fil-komunità għandu jkun hemm relazzjonijiet minsuga bid-delikatezza, bil-hlewwa, bir-rispett, bl-imhabba.

5. Komunità ta' aħwa:

Għal Pawlu l-membri tal-komunità għandhom ikunu aħwa ta' xulxin. Il-Kapitlu 13 tal-ittra lill-Korintin juri kif il-komunità Nisranija għandha tkun mibnija fuq l-imhabba: "*L-imhabba taf tistabar u thenn; l-imhabba m'hijiex għajjura, ma tintefahx biha nfisha, ma titkabbarx fuq l-oħrajn; ma tagħmilx dak li mhux xieraq; ma tfittexx dak li hu tagħha, xejn ma tinkorla; ma żżommx f'qalbha għad-deni, ma tifrahx bl-inġustizzja, imma tifrah bil-verità: kollox tagħder, kollox temmen, kollox tittama, kollox tissaporti.*" (1Kor 13,4-7).

Komunità li taqdi, tkun imharrga fil-paċenzja, ma titkabbarx, ma tiehux għaliha, temmen kollox, tittama, tissaporti; fiha wieħed jitħadded tajjeb fuq l-ieħor, wieħed ikollu fiduċja fl-ieħor, wieħed jistma lill-ieħor.

6. Komunità li timbena u tibni:

Il-komunità għandha tibqa' timbena u tibni. L-imhabba hija l-materjal li bih l-komunità trid tibni. Il-komunità trid ssaħħaħ u tqawwi dak li jibniha, waqt li taħrab u tiġġieled dak kollu li jkissirha. "*Ladarba intom imxennqin għad-doni spiritwali, fittxu li timtlew sewwa bihom, imma dejjem għall-bini tal-Knisja*" (1Kor 14,12).

"*X'ingħidu, mela ħuti? Meta intom tiltaqgħu, wieħed jista' jkollu xi salm, ieħor xi tagħlima, ieħor xi rivelazzjoni, ieħor xi kelma b'ilsien barrani, ieħor xi tifsira: kollox iservi għall-edifikazzjoni.*" (1Kor 14,26).

7. Komunità li trodd ħajr lil Alla:

Pawlu jixtieq komunità li tfaħħar u tirringrazzja lil Alla. F'kull ittra tiegħu nsibu t-tifhir lil Alla minhabba l-komunità. "*Ahna għandna dejjem niżżu ħajr lil Alla, ħuti, minhabba fikom, u hekk jixraq, għax il-fidi tagħkom qiegħda tikber fuq li tikber, u qiegħda toktor fostkom ilkoll l-imhabba li kull wieħed minnkom għandu għal l-ieħor*" (1Kor 1,3).

Il-komunità trid trodd ħajr lil Alla għax thossha mbierka minnu. "*Imbierek Alla, Missier Sidna Ġesù Kristu li mliena b'kull xorta ta' barka spiritwali fis-smewwiet fi Kristu. Hekk hu għazilna fih sa minn qabel il-holqien tad-dinja, biex inkunu qaddisa u bla tebgħa quddiemu…*" (Ef 1,3).

## 6.4. It-Tielet Jum: Il-Qdusija tal-Ġisem - L-Imħabba Konjugali

**Il-kundanna taż-żína:**

Il-belt ta' Korintu kienet magħrufa għall-ħajja immorali tan-nies tagħha. L-ewwel Insara tal-belt li kkonvertew bil-ħidma ta' Pawlu kienu l-aktar minn naħa tal-pagani. X'uħud minnhom, imdorrijin kif kienu f'ħajja bla rażan, baqgħu miġbudin lejn iż-żína. Pawlu jwissihom biex jgħassu fuqhom infushom u jħarsu rwieħhom mid-dnub. Dan it-tagħlim insibu fil-kapitli 5 u 6.

Diġà kien kitbilhom qabel u saħaq magħhom biex ma jagħmluhiex ma nies żienja. Iżda sar jaf li ż-żína baqgħet taħkem fosthom u kienet agħar minn dik tal-pagani.

Fil-komunità tagħhom kien hemm il-każ ta' wieħed li kien ħa b'martu l-mara ta' missieru. Meta sar jaf b'dan Pawlu rrabja, kemm għall-kruha ta' dan l-abbuż kif ukoll għall-fatt li l-membri l-oħra tal-komunità ħallew lil dak iż-żieni jibqa' magħhom u jieħu sehem fil-laqgħat tagħhom. Bl-imġiba tagħhom kienu qed juru li qed japprovaw l-imġiba żienja tiegħu.

B'qawwa kbira Pawlu jikkundanna l-imġiba żienja u l-imġiba tal-Insara li baqgħu iżommuh magħhom. Pawlu jitkellem ċar li "*la żienja, la idolatri, la rgħiba, la skaren, la qassiesa fuq in-nies, la ħattafa, ma jirtu s-saltna t'Alla*" (6,9-10). Dawn kollha vizzji u dnubiet tal-pagani u ma jistgħux ikunu tal-Insara. Ukoll jekk qabel il-konverżjoni tagħhom kienu f'din il-ħajja, l-Insara issa tnaddfu u tqaddsu fl-isem ta' Ġesù Kristu, ma jistgħux jibqgħu jgħixu fil-ħajja bla rażan u bla lġiem tal-pagani (6,11).

L-Insara għandhom "*jagħtu ġieħ lil Alla permezz ta' ġisimhom*" (6,20). Għax il-ġisem tan-Nisrani hu kkonsagrat lil Alla; in-Nisrani mhux aktar tiegħu nnifsu iżda hu ta' Alla. Għalhekk ma għandux is-setgħa li jagħmel li jrid b'ġismu. Minn dan il-prinċipju Pawlu jasal biex jgħid li "*il-ġisem mhux qiegħed għaż-żìna, iżda għall-Mulej*" (6,13). Hekk ikkundanna kull xorta ta' żína (pornéia) iżda l-aktar f'dan il-kuntest, il-fornikazzjoni li wieħed ikollu x'jaqsam ma' mara. L-Insara ta' Korintu kienu qegħdin jgħixu fbelt fejn il-prostituzzjoni kienet ħaġa ta' xejn, anzi kienet sagra u mbierka f'ġieħ Afrodite. Il-pagani kienu jagħtu ġieħ lil din alla tagħhom biż-żína; l-Insara kellhom jagħtu ġieħ lil Alla l-veru bil-qdusija ta' ġisimhom.

U dan għal żewġ raġunijiet:

a) Għax in-Nisrani b'ruħu u b'ġismu hu membru ta' Kristu (6,15). Ma għandu qatt ikun li jagħmel minnu nnifsu, li hu ta' Kristu, membru ta' mara żienja.
b) Għax ġismu hu tempju tal-Ispirtu s-Santu, jiġifieri għandu fih il-preżenza tal-Ispirtu ta' Alla (6,19). Ġismu mhux tiegħu iżda ta' Alla. Għalhekk għandu jżommu fil-qdusija li tixraqlu. Mela, "*aħarbu ż-żína*!" (6,18) – wissa Pawlu lill-Korintin.

**Żwieġ u verġinità:**

Jekk fost l-Insara ta' Korintu kien hemm minn dawk li baqgħu jaħsbuha ta' pagani dwar iż-żína, kein hemm ħafna oħrajn li ħadu b'serjetà kbira kliem Pawlu dwar il-kundanna taż-żína. Dawn marru f'estrem ieħor u bdew jaħsbu li r-relazzjonijiet sesswali kienu ħżiena saħansitra fiż-żwieġ jew li kien aħjar għall-miżżewwġin li ma jkollhomx x'jaqsmu

bejniethom. Fuq dan kitbu lil Pawlu u talbuh ifissrilhom aħjar x'kellhom jagħmlu u kif kellhom iġibu ruħhom. Fl-ittra tagħhom kienu għamlulu wkoll mistoqsijiet oħra: fuq id-divorzju, fuq żwiġijiet imħallta, fuq il-verġinità. It-tweġiba ta' Pawlu għal dawn id-diffikultajiet insibuha fil-kapitlu 7 tal-Ewwel Ittra lill-Korintin.

a) <u>**Iż-żwieġ hu tajjeb**</u>:
Ir-relazzjonijiet sesswali huma dmir bejn il-miżżewġin lejn xulxin. Ir-raġel u l-mara miżżewwġin huma ta' xulxin; la r-raġel ma hu tiegħu nnifsu u lanqas il-mara ma hi tagħha nnifisha; il-wieħed u l-oħra għandhom id-dritt għall-ġisem ta' xulxin. Għalhekk ma għandhomx iċaħħdu lil xulxin mill-użu taż-żwieġ tagħhom.

Eċċezzjoni tista' ssir jekk bi ftehim bejniethom, jiċċaħħdu minn dan id-dritt tagħhom *biex jagħtu ruħhom għat-talb*, jiġifieri biex jinġabru iżjed f'ħajja ta' devozzjoni; speċi ta' sawm. Imma f'dan il-każ *għal xi żmien* qasir u limitat biex ma jsibux ruħhom fil-periklu li jiġu mġarrbin minn xi okkażjoni ħażina. Din, qalilhom Pawlu, hi biss konċessjoni jew permess u mhux ordni li għandhom joqogħdu għaliha.

b) <u>**Id-divorzju ħażin**</u>:
U dan b'ordni tal-Mulej Ġesù. Fuq dan il-punt Pawlu hu ċar, assolut u kategoriku. Hawn jaqbel ma' kliem Ġesù fl-Evanġelji (Mk 10,11-12; Lq 16,18; Mt 5,31-32; 19,1-9); ma jammetti l-ebda eċċezzjoni. Anzi Pawlu hu aktar ċar għax ifisser ħsieb Ġesù. Hu jgħid li għal xi raġuni l-mara u r-raġel jistgħu jinfirdu minn xulxin, imma ma jistgħux jiżżewwġu lil ħaddieħor; jibqgħu kif ikunu sakemm forsi jerġgħu jiftiehmu u jmorru flimkien. Jekk le, jibqgħu ma jiżżewwġux.

c) <u>**Żwiġijiet imħallta**</u>:
Fost l-Insara ta' Korintu kien hemm żgur żwiġijiet bejn Insara u pagani, bħall-każijiet ta' dawk il-koppji li jew il-mara jew ir-raġel saru nsara wara li diġà kienu miżżewġin. Lil dawn Pawlu tahom dan il-parir (mhux ordni tal-Mulej): Jekk il-parti pagana, sew ir-raġel u sew il-mara, taċċetta l-parti Nisranija u t-tnejn ikunu kuntenti li jibqgħu jgħixu flimkien, ħa jibqgħu flimkien fis-sliem. Iżda jekk jinqala' l-inkwiet bejniethom, għax il-parti pagana ma taċċettax il-parti Nisranija u titlaq għal rasha, il-parti Nisranija, hu jew hi, ma tkunx iżjed marbuta b'dak iż-żwieġ. Ir-raġuni ta' dan tidher li hi dik imfissra fil-vers 7,15: «*għax Alla sejħilkom biex tgħixu fis-sliem*». Jekk il-miżżewġin ma jistgħux jgħixu fis-sliem bejniethom, aħjar jinfirdu.

d) <u>**Kulħadd jibqa' fl-istat tiegħu**</u>:
Milli jidher, il-Korintin fl-ittra tagħhom lil Pawlu bagħtu jistaqsuh ukoll jekk kellhomx ibiddlu l-istat tal-ħajja tagħhom biex jgħixu aħjar. Bi tweġiba ġenerali Pawlu qalilhom li «*kull wieħed jibqa' fl-istat li l-Mulej kien tah meta sejjaħlu*» (7,17). B'eżempju partikulari semmielhom: min kien Lhudi qabel sar Nisrani jibqa' jżomm ruħu ta' Lhudi; min kien ilsir jaċċetta li jibqa' fl-istat ta' lsir, sakemm ma jiksibx il-ħelsien; min kien ħieles igawdi l-ħelsien. Dak li jgħodd għan-Nisrani hu li jkun qaddej tal-Mulej Ġesù, li fih kulħadd hu ħieles.

Imma l-każ li l-aktar kien qed jinkwieta lill-Korintin kien dwar l-istat taż-żwieġ u l-istat liberu. Pawlu weġibhom li l-miżżewġin jibqgħu f'dan l-istat tagħhom bla ma jfittxu li jinħallu u jinfirdu biex jgħixu ħajja aħjar, u min mhux miżżewweġ jibqa' wkoll kif inhu għal ħajja aħjar. Ma jagħmel xejn ħażin min jiżżewweġ, iżda jagħmel aħjar min ma jiżżewwiġx.

Pawlu tahom dan il-parir (mhux «*preċett tal-Mulej*») għax kellu quddiem għajnejh il-frugħa ta' din il-ħajja li hi qasira u tgħaddi malajr, «*għax is-sura ta' din id-dinja għad tgħaddi*» (7,31). Bħall-Insara tal-ewwel żmien Pawlu wkoll kien jistenna li jseħħu fi żmien qasir il-miġja tal-Mulej u t-tmiem tad-dinja. Imma din iċ-ċirkustanza tatu wkoll l-okkażjoni biex jitkellem fuq l-istat tal-verġinità.

e) **<u>Il-Verġinità</u>:**

B'din il-kelma (*parthènos*), skond il-kuntest tagħha f'din l-Ittra lill-Korintin, nifhmu l-istat ta' dawk li m'humiex miżżewġin, sew nisa u sew irġiel (ara 7,32-34). Lil dawn Pawlu tahom il-parir li, jekk jogħġobhom, jibqgħu ma jiżżewġux. Fil-versi ta' qabel kitbilhom: «*Lil dawk li m'humiex miżżewġa jew huma romol, ngħidilhom li jkun tajjeb għalihom li jibqgħu bħali*» (7,7-8). Pawlu ma kienx miżżewweġ u kien kuntent b'dan l-istat tiegħu. Għalhekk xtaq li l-Insara li ma kinux miżżewġin ikunu bħalu wkoll.

Ir-raġuni li ġieb hi: għax ir-raġel u l-mara miżżewġin ikollhom ħsiebhom f'xulxin u jkunu mehdijin kif se jogħġbu lil xulxin. Imma min mhux miżżewweġ ikun ħsiebu biss fil-Mulej u kif se jogħġob lilu. Mela mhux il-każ ta' min jagħżel li ma jiżżewwiġx biex jeħles mill-piż u t-taħbit li jġib miegħu ż-żwieġ. Iżda hu biss il-każ ta min jiċċaħħad miż-żwieġ biex ikun iddedikat għall-Mulej (7,34).

Mela min jiżżewweġ jagħmel tajjeb, min ma jiżżewwiġx jagħmel aħjar – «*basta fil-Mulej*».

## 6.5. IR-RABA' JUM: L-EWKARISTIJA

L-abbużi li nħolqu fi ħdan il-knisja ta' Korintu waqt li kienet tiċċelebra l-Mejda tal-Mulej, kienu għal Pawlu okkażjoni biex jinkludi fl-ittra tiegħu t-tifsira vera u sħiħa tat-tifkira tal-mewt-sagrifiċċju ta' Kristu. Kien hemm firda bejn il-għonja u l-foqra u din kienet okkażjoni biex fit-tweġiba tiegħu, ifakkarhom li l-Ewkaristija hija l-mument ċentrali tad-deoħra tal-għaqda fost id-dixxipli ta' Kristu u tal-imħabba reċiproka li tegħleb kull distinzjoni ta' klassi soċjali jew kull differenza oħra.

Il-ktieb tal-Atti tal-Appostli jitkellmu mill-qsim tal-ħobż li kien jiġi ċċelebrat fil-knisja ta' Ġerusalem fl-ewwel jum tal-ġimgħa. Anke tissemma' l-ikla ċċelebrata mill-knisja fi Troas (Atti 20,8). Dan ifisser li l-knejjes kollu kienu sa mill-bidu jiċċelebraw il-qsim tal-ħobż bħala ritwal li jagħmel ħajja t-tifkira tal-Mulej Ġesù. Nifhmu wkoll li anke il-ġbir ta' flus bi skopijiet ta' solidarjeta kien jinżamm f' Korintu fl-ewwel jum tal-ġimgħa (1 Kor 16,20). Nifhmu li dan il-jum kien miżmum b'għożża speċjali u fih kienet tinġabar il-miġemgħa ta' kull ġimgħa.

Għalhekk m'għandniex aktar dettalji kif effettivament kienet iċċelebrata l-Mejda tal-Mulej mill-komunitajiet imwaqqfa minn Pawlu, u li kieku ma kinux dawn l-abbużi li nqalgħu u li wasslu biex Pawlu jiġbdilhom l-attenzjoni, ma kienx ikollna l-ebda ħjiel ta' referenza għall-Ewkaristija ċċelebrata minnhom. Imma ġaladarba t-tradizzjoni kkwotata minn Pawlu f'din l-ittra tinkludi l-kmand tal-Mulej biex jagħmlu dan b'tifkira tiegħu, jindika b'mod ċar li din iċ-ċelebrazzjoni kienet meqjusa bħala tifkira li kellha tiġi mħarsa b'mħabba u b'għożża.

<u>It-tradizzjoni marbuta mal-Ewkaristija mgħoddija lil Pawlu</u>:

Għal Pawlu l-aktar ħaġa importanti kienet ir-raġuni teoloġika tas-soluzzjoni prattika li huwa jressaq. Din jasal għaliha billi jikkwota t-tradizzjoni li ġiet mgħoddija lilu u li huwa kien għadda lill-Korintin taħt forma ta' katekeżi appostolika. Il-lingwaġġ li juża jixhed li din kienet tiġi parti minn tradizzjoni aċċettata b'awtorità. Dan huwa test li storikament huwa mill-aktar importanti għax huwa l-ewwel xhieda bil-miktub tal-kelmiet u l-ġesti tal-istituzzjoni tal-Ewkaristija qabel l-istess rakkonti sinottiċi. Dan ifisser li lejn is-sena 50-52 WK kien hemm diġà rakkont uffiċjali ta' dak li seħħ fl-aħħar ċena. Meta nqabblu t-tradizzjoni ta' Pawlu mar-redazzjoni tar-rakkonti fil-vanġeli sinottiċi, nintebħu li Pawlu joqrob ħafna lejn il-Vanġelu ta' Luqa, li jwassalna għall-komunità ta' Antijokja li minnha kienu ġejjin kemm Pawlu kif ukoll Luqa.

Pawlu jafferma li huwa rċieva dan kollu *"mingħand il-Mulej"*, liema kelmiet huma nterpretati minn xi studjużi bħallikieku kellu viżjoni jew rivelazzjoni diretta mingħand Alla f'dan ir-rigward: *"fil-lejl li fih kien ittradut, ħa l-ħobż, u wara li radd il-ħajr, qasmu, u qal: Dan hu ġismi li jingħata għalikom; agħmlu dan b'tifkira tiegħi. Hekk ukoll għamel bil-kalċi wara li kiel u qal: Dan il-kalċi hu l-patt il-ġdid b'demmi; agħmlu dan kull meta tixorbu, b'tifkira tiegħi. Mela kull meta tieklu dan il-ħobż u tixorbu dan il-kalċi, intom ixxandru l-mewt tal-Mulej sa ma jiġi."* (1 Kor 11,23ċ-26)

It-tradizzjoni kienet tħaddan fiha dak li seħħ fl-aħħar ċena: il-Mulej li ħa l-ħobż u l-kalċi u qassamhom, waqt li akkumpanja dawn il-ġesti bil-kelmiet li jagħtu t-tifsira lil dan kollu. Il-ħobż u l-inbid ifissru l-ġisem tiegħu u l-patt il-ġdid f'demmu, u dan segwit mill-kmand ta' Ġesù biex ikomplu jagħmlu dan b'tifkira tiegħu sal-jum tat-tieni miġja tiegħu.

L-ikla tal-Mulej kienet għalhekk mifhuma bħala tifkira tal-mewt tiegħu, ċelebrazzjoni li permezz tagħha tiġi mxandra din il-mewt salvifika. B'riżultat ta' dan, imġieba kuntrarja għall-ispirtu tal-għotja li kien is-sens tal-mewt ta' Ġesù, kien iwassal biex tixxejjen din it-tħabbira. Allura kien dan id-disprezz u n-nuqqas ta' mħabba lejn il-membri l-aktar foqra tal-knisja r-raġuni tar-rabja ta' Pawlu.

**Abbużi li jxejjnu dak li jiġi ċċelebrat fl-Ewkaristija:**

Fin-nuqqas tiegħu, kienu daħlu xi abbużi fiċ-ċelebrazzjoni tal-qsim tal-ħobż, liema abbużi ma setà qatt jittollerahom u jħallihom għaddejjin. Dawn wasslu biex ma jħallux din l-ikla tkun tabilħaqq il-mejda tal-Mulej. *"Meta tiltaqgħu f'post wieħed mhux l-ikla tal-Mulej li intom tieklu."* (1 Kor 11,20). Dan frott ta' tensjoni u nuqqas ta' qbil li kien hemm il-għonja u l-fqar. *"Għax kull wieħed minnkom iġib, jaqbad u jiekol l-ikel tiegħu; wieħed bil-ġuħ u l-ieħor fis-sakra. Ma għandkomx djar fejn tieklu u tixorbu? Jew tridu twaqqgħu fil-għajb il-Knisja ta' Alla u ġġiegħlu jistħu lil dawk li ma għandhomx?X'ngħidilkom?Nfaħħarkom? F'dan ma nfaħħarkomx."* (1 Kor 11,21-22) Jidher li dawn l-ikliet kienu jinżammu fid-djar ta' dawk li kienu jiffurmaw il-knisja, bi probabilità kbira fid-djar tal-għonja. Kienu jagħmlu ikliet kbar u abbundanti u dan wassal biex waqt li l-għonja kienu jġibu ħafna ikel, il-fqar kienu jikkuntentaw rwieħhom bil-ftit jew xejn li kien ikollhom. Xi studjużi kkonkludew li l-għonja kienu jaslu fil-post tal-laqgħa qabel il-fqar u dawn kienu jieklu u jixbgħu qabel ma jaslu l-fqar. Il-fqar kellhom jixbgħu bil-ħobż waqt li l-għonja jieklu l-ikel elaborat. Hemm oħrajn li jinsistu li dawn l-għonja kienu jieklu l-ikel abbundanti tagħhom fil-preżenza tal-fqar mingħajr ma jaqsmu xejn magħhom.

## 6.6. IL-ĦAMES JUM: IL-KNISJA - ĠISEM MISTIKU TA' KRISTU

L-ideja ta' *ekklesia* kif insibuha fl-1 Korintin huwa differenti mill-użu li aħna nagħmlu ta' dan l-istess vokabolu. Normalment aħna nitkellmu minn knisja bħala ġabra ta' komunitajiet f'sens kollettiv. Imma għal Pawlu b'*ekklesia* jifhem il-laqgħa jew l-assemblea liturġika. Dan is-sens ta' aggregazzjoni joħroġ ċar minn 1 Kor 11-14 fejn jiġu wżati diversi espressjonijiet bħala "kull meta tiltaqgħu fil-ġemgħa/*ekklesia*" (1 Kor 11,18) u "ma jixraqx li mara titkellem fil-ġemgħa/*ekklesia*" (1 Kor 14,35). F'sens aktar wiesgħa, din il-kelma tindika "dawk li tqaddsu fi Kristu Ġesù, msejjħa biex ikunu qaddisin flimkien ma' dawk kollha li f'kull pajjiż isejjħu l-isem ta' Ġesù Kristu, is-sid tagħhom u tagħna" (1 Kor 1,2). Dan kollu frott tas-sejħa magħmula minn Alla: "minnu kontu msejħin biex tidħlu fix-xirka ta' Ibnu Sidna Ġesù Kristu" (1 Kor 1,9b).

Ser nikkunsidraw din ix-xirka minn erba' aspetti tagħha.

### 1. Il-kariżmi u l-ministeri

1 Kor 12 huwa ddedikat għall-kariżmi – "id-doni tal-Ispirtu", grazzji jew attitudnijiet personali li bihom ikun imżejjen l-individwu u li jistgħu jkunu ta' benefiċċju u ta' utilità kbira għall-komunità Nisranija. Fl-istess waqt Pawlu jħeġġeġ lill-komunità biex tkun attenta fid-dixxerniment tagħha bejn kariżmi veri u oħrajn fittizji jew preżunti: *"Għalhekk ngħidilkom li ħadd, hu u jitkellem bl-Ispirtu ta' Alla, ma jista' jgħid: Misħut Ġesù, u ħadd ma jista' jgħid: Ġesù hu l-Mulej jekk mhux imqanqal mill-Ispirtu s-Santu."*(1 Kor 12,3)

Il-Lumen Gentium 12 tisħaq ħafna fuq dawn il-kariżmi mnebbħa minn dan it-test ta' Pawlu. Dawn iservu u jgħinu fil-bini tal-komunità: *"Lil kull wieħed tingħata r-rivelazzjoni tal-Ispirtu għall-ġid ta' kulħadd"* (1 Kor 12,7a) B'ħarsa profonda lejn il-misteru ta' Alla, l-appostlu jara dawn il-kariżmi ħierġa mill-tlett persuni divini, mill-Ispirtu, mill-Mulej u minn Alla l-Missier: *"Hemm imbagħad diversi doni, imma l-istess wieħed hu l-Ispirtu; hemm diversi ministeri, imma l-istess wieħed hu l-Mulej; hemm diversi ħidmiet, imma l-istess Alla, li jaħdem kollox f'kulħadd."* (1 Kor 12,6) *"Dan kollu jaħdmu l-istess Spirtu wieħed, li jqassam lil kull wieħed kif jogħġbu."* (1 Kor 12,11)

### 2. Il-għażla tal-fqar

Il-komunità tal-fidi hija komunità profetika fil-karità tagħha u fl-għażla favur il-fqar. F' 1 Kor 16, Pawlu jikteb dwar il-ġabra li l-komunità ta' Korintu hija mistiedna li twettaq "kull l-ewwel tal-ġimgħa" biex imbagħad jitressqu lill-knisja ta' Ġerusalem bħala għajnuna għaliha. Din il-ġabra tidher li hija waħda mill-preokkupazzjonijiet li kellu Pawlu fit-tielet vjaġġ missjunarju tant li jitkellem fit-tul dwarha fit-II Kor 8-9, u terga' tissemma' mill-ġdid f'Rum 15,26. Jidher ukoll minn 1 Kor 16, li Pawlu diġà ordna li ssir din l-istess ġabra għall-istess skop lill-knisja fil-Galazja. Minn din l-ittra lill-Galatin jidher li dan kien impenn li Pawlu ħa flimkien ma' Pietru, Ġakbu u Ġwanni favur il-knisja ta' Ġerusalem (Gal 2,10). Ix-xewqa ta' Pawlu hija li l-karità tkun waħda spontanja u ħierġa mill-qalb u ma tkunx marbuta mal-mawra tiegħu fil-komunità ta' Korintu.

Dan il-ġbir favur il-fqar huwa marbut maċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija li kienet tinżamm fil-jum il-Mulej. Dan jagħtina x'nifhmu l-importanza u l-identità li kienet diġà

kisbet din il-ġurnata u ċ-ċelebrazzjoni ta' fidi marbuta magħha. Pawlu jara li l-ħniena murija fil-ġabra jagħmlu aktar awtentika l-Ewkaristija ċċelebrata.

Din il-kura u l-attenzjoni tal-foqra, Pawlu diga tkellem dwarha aktar 'il quddiem fl-istess ittra meta tkellem dwar l-Ewkaristija u n-nuqqas ta' attenzjoni li kienet qegħda tintwera mal-foqra. Dan kien qiegħed jittradixxi l-ispirtu veru ta' kull Ewkaristija.

### 3. <u>L-aħbar it-tajba tal-Qawmien tal-Ġisem f'kultura ta' mewt</u>

Lejn tmiem l-ittra, f' I Kor 15, San Pawl jiddedika attenzjoni speċjali lejn il-qalba tal-Vanġelu, jiġifieri biex ifakkar lill-Korintin li l-fidwa tmur lil hemm mill-ħajja fiżika tal-bniedem. Għalhekk jurihom x'inhuwa d-destin finali tal-bniedem li ħaddan il-fidi fi Kristu. L-ewwelnett Pawlu jagħtina l-kontenut essenzjali tal-Vanġelu tiegħu jiġifieri l-mewt u l-qawmien ta' Kristu (v. 1-11). Wara fil-v. 12 jagħmel mistoqsija lill-Korintin: *"Jekk Kristu hu mxandar li qam mill-imwiet, kif jgħidu xi wħud minnkom li ma hemmx qawmien tal-mejtin?"*, li sservi biex Pawlu jikteb dwar il-qawmien ta' dawk li emmnu fi Kristu (v. 12-34). Fil-v. 35 Pawlu jagħmel mistoqsija oħra: *"Għandu mnejn xi ħadd igħid: Kif iqimu l-mejtin? B'liema ġisem jiġu?"* li twasslu biex jispjega aħjar il-qawmien tal-ġisem mill-imwiet.

San Pawl jitlaq biex ifakkar lill-Korintin it-tradizzjoni li ġiet mgħoddija lilu u li għaddielhom jiġifieri *"li Kristu miet minħabba dnubietna, skond l-Iskrittura; difnuh u qam mill-imwiet fit-tielet jum, skond l-Iskrittura."*(1 Kor 15, 3-4), u dan biex jeżortahom għall-ortodossija fit-twemmin tagħhom fil-qawmien. Frott ta' din il-kerygma, il-Korintin laqgħu l-fidwa, liema fidwa tilħaq il-milja tagħha fil-qawmien mill-imwiet. Li ma kienx hekk, kien ifisser li fieragħ hu t-twemmin fil-qawmien ta' Kristu. *"Jekk għandna tama fi Kristu għal din il-ħajja biss, aħna l-aktar nies imsejkna fost kemm huma l-bnedmin."* (1 Kor 15, 19) Jekk wieħed jiċħad il-qawmien mill-imwiet, ikun qiegħed jiċħad ukoll li Kristu qam mill-mewt. Skond it-twemmin Lhudi, il-qawmien tal-mejtin kellu jkun il-ġrajja li tinawgura r-restawrazzjoni finali u definittiva tas-saltna t'Alla. Il-qawmien ta' Kristu huwa tabilħaqq l-inawgurazzjoni ta' din il-ġrajja. Imma jekk ma jiftaħx it-triq tal-qawmien għal dawk kollha li jemmnu, din il-ġrajja tkun tilfet il-kredibilità tagħha.

Għalhekk Pawlu jara l-qawmien ta' Kristu bħala *"l-ewwel frott fost dawk li raqdu"* (1 Kor 15,20), f'sens mhux biss kronoloġiku imma fis-sens li joffri l-mudell u l-kawża ta' kull qawmien ieħor mill-imwiet. Jitħaddem il-prinċipju tas-solidarjeta u Pawlu jikkonkludi: *"Għaliex jekk permezz ta' bniedem feġġet il-mewt, bi bniedem ukoll iseħħ il-qawmien mill-imwiet. Għax bħalma l-bnedmin kollha jmutu f'Adam, hekk ilkoll jiksbu l-ħajja fi Kristu."* (1 Kor 15,21-22) Hekk tinbena s-saltna t'Alla permezz ta' Kristu: *"U meta kollox ikun imqiegħed taħtu, mbagħad l-Iben stess jitqiegħed taħt Alla li jkun qegħedlu kollox taħtu, sabiex Alla jkun kollox f'kollox."* (1 Kor 15,28) Hekk il-qawmien tal-imwiet jelimina dak kollu li jfixkel is-saltna ta' Kristu.

Lejn tmiem ta' 1 Kor 15, San Pawl jitkellem dwar il-ġisem glorjuż. Dan jagħtina x'nifmhu li l-Korintin kienu qegħdin jittamaw qawmien f'ġisem jixxiebaħ lil dak li għandna bħalissa. Permezz tax-xbieha ta' żerriegħa, Pawlu jevoka l-ideja ta' ġisem ġdid mogħti lil ħaġa li hija mejta. Hekk ukoll jiġri fil-qawmien: *"jinżera' ġisem li jitħassar, iqum ġisem li ma jitħassarx; jinżera' fil-għajb, iqum fil-ġieħ; jinżera' fid-dgħufija, iqum ġisem spiritwali; jekk hemm ġisem naturali hemm ukoll ġisem spiritwali."* (1 Kor 15, 42-44) Il-qawmien jagħti lill-bniedem ġisem li huwa differenti minn dak preżenti għax ikun

ġisem spiritwali, prinċipju ta’ ħajja ġdida ma’ Alla. *“Bħalma aħna mlibbsa x-xbieha tal-bniedem tal-art, hekk ukoll għad nilbsu x-xbieha tal-bniedem tas-sema.”* (1 Kor 15,49) Hekk isseħħ dik il-profezija ta’ 1 Kor 13,12: *“Bħalissa naraw bħallikieku f’mera mċajpar, imma mbagħad naraw wiċċ imbwiċċ. Issa nagħraf biċċa, imbagħad nagħraf bħalma jien magħruf issa.”*

Din hija l-vera tama Nisranija tant meħtieġa f’dinja magħluqa f’kultura ta’ mewt u ta’ ħtija. *“Jekk aħna mitna ma’ Kristu, nemmnu wkoll li għad ngħixu ma’ Kristu. Nafu li Kristu qam mill-imiwet u ma jmutx aktar; il-mewt ma għadhiex taħkem fuqu. Hu li miet, miet darba għal dejjem għad-dnub; u issa li qiegħed jgħix, qiegħed jgħix għal Alla. Hekk ukoll intom għandkom tqisu lilkom infuskom mejtin għad-dnub, iżda ħajjin għal Alla fi Kristu Ġesù.”* (Rum 6,8-11) Din kienet ix-xewqa kostanti ta’ Pawlu matul il-ministeru kollu tiegħu sal-għotja ta’ ħajtu fil-martirju. *“Irrid nagħraf lilu u l-qawwa tal-qawmien tiegħu mill-imwiet, u naqsam miegħu t-tbatijiet tiegħu, u nsir nixbħu fil-mewt, biex jirnexxili nikseb il-qawmien mill-imwiet.”* (Fil 3,10-11)

## 4. <u>Is-servizz tal-knisja lid-dinja, fl-evanġelizzazzjoni tal-bniedem</u>

Il-proċess tal-evanġelizzazzjoni jikkorrispondi mal-umanizzazzjoni tal-bniedem. Il-Vanġelu mxandar mill-knisja huwa servizz ta’ djakonija lejn il-bniedem biex jiskopri u jiġi mogħni bid-dinjità propja tan-natura umana tiegħu. Il-mudell huwa Kristu li jdawwal lill-bniedem f’kull żmien. F’isem din id-djakonija, Pawlu jagħmel tant sagrifiċċji biex il-Vanġelu jiġi magħruf u mħaddan fl-integrità tiegħu bla ma jiġi mhedded minn żbalji li jittraduh u jxejnuh.

L-epistolarju Pawlin jeħtieġ li napprezzawh f’din il-prospettiva. I Kor tixhed għall-qalb u l-ħajja ta’ Pawlu li hija mogħtija kollha kemm hi għall-komunità li laqgħet il-Vanġelu u qalb twegħir u diffikultà qegħda tkompli tfittex li timmudella ħajjitha fuq din l-aħbar li ġiet afdata lilha. Għalhekk huwa mudell ta’ knisja li għandha għal qalbha x-xandir tal-vanġelu u li f’ismu tinvesti l-aħjar u l-aqwa enerġija tagħha. Huwa xandir li sar darba imma li kontinwament meħtieġ li jiġġedded u jissaħħaħ. Pawlu ħabbar il-Vanġelu ġewwa Korintu, imma issa għalkemm mill-bogħod jinqeda permezz ta’ din l-ittra biex jikkoreġi, jsaħħaħ u jiċċara dan il-Vanġelu. Il-Vanġelu jitlob li jiġi nkarnat kontinwament fis-sitwazzjoni li tħabbat wiċċha magħha l-knisja. Hekk iseħħ dak li jikteb Pawlu: *“Huwa hu li jwettaqkom sa l-aħħar biex tkunu bla ħtija fil-jum ta’ Sidna Ġesù Kristu.”* (1 Kor 1,8)

# 7. SKEMI GĦALL-EŻERĊIZZI TAR-RANDAN (TFAL)

## *Qalb tajba kullimkien*

## 7.1. Preżentazzjoni:

Qed noffru proposta ta' mixja ta' eżerċizzi għat-tfal, imħejjija skond it-temi magħżula mid-djoċesi fl-okkażjoni tal-Missjoni Djoċesana fis-Sena Pawlina. Hija sempliċi proposta li wieħed jista' jużа jew ibiddel kif l-aħjar li jaħseb.

Is-suġġett ta' dawn l-eżerċizzi jista' jkun: ***Qalb tajba kullimkien***. It-temi huma:

1. **Il-Bluha tas-Salib - ĠESÙ JĦOBBNA MINN FUQ IS-SALIB**
2. **Il-Firdiet u l-Imħabba Nisranija - INĦOBBU LIL XULXIN FIR-RAĦAL**
3. **L-Imħabba Konjugali u l-Qdusija tal-Ġisem - INĦOBBU LIL XULXIN FIL-FAMILJA**
4. **L-Ewkaristija Mgħixa fil-ħajja ta' Kuljum - IL-BEWSA TA' ALLA FL-EWKARISTIJA.**
5. **Il-Kariżmi u l-Ministeri fil-Knisja - INĦOBBU LIL XULXIN FIL-KNISJA**

Għal kull tema qegħdin noffru dawn l-elementi:

1. **Silta mill-Iskrittura**: waħda dik ta' San Pawl proposta mid-djoċesi u oħra mill-Vanġelu biex tkun tista' tiftiehem aktar mit-tfal.
2. **Sinjal viżibbli** li jgħin aktar lit-tfal jidħlu fit-tema tal-ġurnata.
3. **Ġest** li b'xi mod ipoġġi fil-prattika l-iskop tat-tema.
4. **Kanzunetta** biex bi kliem u mużika jiġi repetut il-ħsieb li jrid jitwassal.

Aħna naħsbu li t-tema ta' kull ġurnata għandu jiġi mwettaq b'dan il-mod:

1. **Kant fil-bidu** (possibilment bl-akkompanjament tal-kitarri)
2. **Spjegazzjoni** tas-sinjal viżibbli u introduzzjoni qasira għat-tema
3. **Qari mill-Kelma ta' Alla** (jista' jsir mit-tfal)
4. Spjegazzjoni tat-tema permezz tal-**kontenuti** li hemm fis-sussidju
5. Introduzzjoni għall-**ġest** u jsir il-ġest innifsu.
6. Il-**kanzunetta** tista' tindaqq jew titkanta wara l-ġest (jekk il-ġest ikun ser isir fis-sala fejn issir il-laqgħa).

Nissuġġerixxu lil kull min ser jużа dan is-sussidju biex ipoġġi dawn il-mumenti f'ordni li hu jaħseb li l-aktar jista' jkun l-aktar effikaċi għat-tfal li għandu quddiemu.

*Il-katekisti tal-Parroċċa*
*ta' Ommna Marija tas-Sokkors u San Girgor*

## 7.2. L-Ewwel Jum

**Tema: Il-Bluha tas-Salib - Ġesù jħobbna minn fuq is-salib**

**Skrittura:**

1Kor 2,1-2: "Meta jiena wasalt għandkom, ħuti, ma ġejtx inħabbrilkom il-Misteru ta' Alla bi kliem kbir jew għaref. Ma ppretendejtx li kont naf xi ħaġa fostkom, ħlief lil Ġesù Kristu, u 'l dan imsallab."

Mk 8:31,34: "U beda jgħallimhom fuq li kien meħtieġ li Bin il-bniedem ibati ħafna, ikun miċħud mill-anzjani u mill-qassisin il-kbar u l-kittieba, joqtluh, u wara tlitt ijiem jerġa' jqum. Sejjaħ lejh in-nies flimkien mad-dixxipli tiegħu u qalilhom: "Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu, u jimxi warajja."

**Sinjal:** karti tal-logħob, ktieb tal-maġija, salib kbir fil-kamra fejn se ssir il-laqgħa

**Ġest:** Jingħata salib lil kull min hu preżenti. Dan jiġi mbierek f'xi ħin waqt il-priedka u jittieħed id-dar.

**Kanzunetta:** "Tibżgħux, huwa jien" jew "Jesus is my best friend"

Għid lit-tfal li ser tgħamlilhom *trick*. Aqbad il-karti tal-logħob u ħawwadhom sew. Agħżel xi ħadd mit-tfal biex jgħinek. Għid lit-tifel jew tifla biex jaqbdu karta minnhom u juruha lil sħabhom imma int tarahiex. Għidlu jerġa' jpoġġiha f'nofs il-mazz tal-karti u jmur f'postu. Imbagħad għid lit-tfal li hekk kif tfaqqa' subgħajk int ser jirnexxilek issib il-karta li kien għażel it-tifel. Issa faqqa' subgħajk u aqbad karta mill-wiċċ biex żgur ma tkunx dik li għażel it-tifel. Erfa' l-karta u uriha lit-tifel. Għid lit-tfal: "Ara fejn hi! Qed taraw kif irnexxieli nsibha il-karta tiegħek?" It-tifel ħa jgħidlek li mhix hi. Issa int trid tistagħġeb u tgħidlu li ma tafx kif ġara dan għax int xtrajt il-ktieb apposta biex titgħallem tagħmel din it-*trick*. Għid li int għamilt kif qallek il-ktieb "faqqa' subgħajk u ssib il-karta t-tajba fil-wiċċ." Imma għid lit-tfal li kien hemm aktar x'taqra u int ma fhimtux, allura qbadt u qbiżt dik il-parti. Peress li hija maġija inti ħsibt li kif tfaqqa' subgħajk ser taħdem avolja taqbeż biċċa. Għid lit-tfal: "Kemm kont iblah, hux?" "Eh xi drabi aħna naħsbu li l-ħajja għandha tkun daqstant faċli. Nippretendu li kollox jiġri kif infaqqgħu subgħajna. Meta l-ħajja tkun iebsa aħna nippruvaw insibu l-eħfef triq."

Din mhix ħaġa tal-lum biss. L-istess kien jiġri fi żmien Ġesù.
Darba Ġesù kien jitkellem mad-dixxipli tiegħu u kien qed jgħidilhom li hu kellu jbati biex isalva d-dinja mid-dnub. Qalilhom li kienu ser jidħqu bih, isawtuh, isallbuh u jidfnuh. Imma fit-tielet jum iqum mill-mewt. Dak kien ix-xogħol li Alla Missieru u Missierna lkoll bagħtu biex iwettaq.
Pietru, li kien wieħed mill-appostli, ma xtaqtx jara lil Ġesù jgħaddi minn din it-tbatija kollha; għalhekk ħaseb fi pjan ieħor. Hu kien jaf li Ġesù kien il-Messija, l-Iben t'Alla u kellu l-qawwa li jagħmel kollox. U Pietru kellu raġun, Ġesù kellu s-setgħa li jagħżel l-eħfef triq għax seta' jwaqqaf is-saltna tiegħu fid-dinja u ma jgħaddix minn dik it-tbatija. Imma dan ma kienx il-pjan ta' Alla għal Ġesù.

Meta Pietru qal bil-ħsieb tiegħu lil Ġesù, hu dar fuq Pietru u ċanfru. Qallu: "Mur minn quddiemi, ja xitan, int moħħok ma jaħsibx bħall-moħħ ta' Alla imma bħall-moħħ tal-bnedmin".

Ġesù ma riedx jagħżel l-eħfef triq u lanqas irid li aħna nfittxu l-eħfef triq. Hu qalilna: "Jekk xi ħadd irid jimxi warajja, irid jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu u jimxi warajja". Ġesù għażel it-triq iebsa u tat-tbatija għax iħobbna u ried isalvana.

Li tkun dixxiplu ta' Ġesù mhix ħaġa faċli. Nistgħu nsibu min jidħaq bina, iwarrabna jew jgħid fuqna għax nitkellmu dwar Ġesù, għax immorru l-Knisja, għax ngħidu r-rużarju, għax nagħżlu li mmorru d-duttrina flok nilagħbu xi logħba mal-ħbieb, għax inżommu l-paċi jew għax naħfru lil min iweġġagħna. Dawn tal-aħħar jistgħu ikunu salib għalina t-tfal. Imma ma jimpurtax, għax jekk aħna inkunu veri ħbieb ta' Ġesù u nġorru s-salib tagħna, il-ferħ f'qalbna jkun kbir. Meta ngħixu ta' veri ħbieb ta' Ġesù ma nkunux qed nagħżlu l-eħfef triq, imma t-triq ta' veri dixxipli.

Hawnhekk tista' ssaqsi lit-tfal x'jifhmu b'salib. Imbagħad tista' tagħtihom xi eżempji biex tiċċaralhom x'jiġifieri terfa' salibek.

- Żewġt iħbieb iwarrbuk waqt il-logħob.
- Il-mamà jew il-papà jew min jieħu ħsiebna xi kultant iċanfruna għalxejn għax forsi għajjenin wara ġurnata xogħol.
- Ħuk/oħtok iżgħar minnek dejjem iridu l-ġugarelli tiegħek u jekk teħodhomlom tieħu xi kastig int.
- Fil-futbol, min jieħu t-trejning bis-serjetà meħtieġ li jbati, imma min ikun tassew ittrenjat jintagħżel biex jilgħab!

**Talba:**

Mulej, għinna nkunu lesti li nġorru s-salib tagħna u nimxu wara Ġesù. Nafu li mhux facli nagħmlu dan, imma nafu wkoll li dan huwa *worth it*.

JESUS IS MY BEST FRIEND

I've never seen his face,
I've never heard him speak,
But Jesus is my best friend.
I've never held his hand,
We've never played a game,
But Jesus is my best friend.

When I'm feeling troubled he is there.
Jesus goes with me everywhere
Before I go to bed at night
I tell him all my prayers.
Yes Jesus is my best friend.
Jesus is my best friend.

## 7.3. IT-TIENI JUM

**Tema: Il-Firdiet u l-Imħabba Nisranija - Inħobbu lil xulxin fir-raħal**

**Skrittura:**

1Kor 3,3b-7: "Ma għadkomx forsi tgħixu skond il-ġisem, u ma għadkomx timxu ta' bnedmin meta hemm fostkom min jgħid: 'Jien ta' Pawlu,' u ieħor: 'Jien ta' Apollo'? M'intomx taħsbuha ta' bnedmin? U min hu Apollo? Min hu Pawlu? Huma l-ministri li permezz tagħhom intom emmintu u kull wieħed minnhom skond ma tah il-Mulej. Jiena ħawwilt, Apollo saqqa, imma Alla hu li kabbar. Għalhekk, la min ħawwel ma hu xejn, u la min saqqa; imma Alla, li kabbar."

Mk 8:34-36: "Sejjaħ lejh in-nies flimkien mad-dixxipli tiegħu u qalilhom: "Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu, u jimxi warajja. Għax min irid isalva ħajtu, jitlifha; imma min jitlef ħajtu għall-imħabba tiegħi u ta' l-Evanġelju, isalvaha. Għax x'jiswielu l-bniedem jekk jikseb id-dinja kollha u mbagħad jitlef ħajtu?"

**Sinjal:** *Outline* ta' qalb kbira, borża bil-ġakkijiet, 2 bajdiet (waħda bajda u oħra kannella) u żewġ *bowls* trasparenti.

**Ġest:** Fl-aħħar, l-*outline* tal-qalb kbira ser tingħaqad u timtela billi tfal ta' etajiet differenti jpoġġu f'posthom biċċiet żgħar b'kuluri differenti li ser jiffurmaw din il-qalb,

**Kanzunetta:** "Jesus Loves the Little Children" jew "I am special"

Ibda b'dan ir-rakkont. "Meta kont tifel waħda mil-logħbiet favoriti tiegħi kienet il-logħba tal-ġakkijiet. Illum ma tantx għadni nara tfal jilagħbu din il-logħba. Ħa ngħidilkom kif konna nilagħbu aħna u araw intom għadkomx tilagħbu bħalna.

L-ewwel konna nħaffru ċirku fit-trab. Kull min kien ser jilgħab kien ipoġġi l-istess numru ta' ġakkijiet ġo dan iċ-ċirku. Imbagħad wieħed wara l-ieħor konna nitfgħu ġakk, ħa nurikom kif (uri lit-tfal kif billi tuża l-ġakkijiet li ġibt miegħek) biex nippruvaw nolqtu l-ġakkijiet ta' ġoċ-ċirku. Min jirnexxilu jolqot ġakk u joħorġu minn ġoċ-ċirku, dan kien jiġbru fil-but bid-daħka fuq wiċċu. Jekk il-ġakk li kien laqat bih jibqa' ġoċ-ċirku, dan seta' jkompli jilgħab. Jekk le kien ikompli min imiss. Meta ma jibqa' ebda ġakk ġoċ-ċirku, kulħadd kien jgħodd il-ġakkijiet li ġabar hu u min ikollu l-aktar kien ikun ir-rebbieħ.

Qabel ma tibda l-logħba l-parteċipanti jiftehmu jekk hux ser jilagħbu għall-gost biss jew inkella min jirbaħ iżomm dak li jkun rebaħ. Jekk nilagħbu għall-gost biss kulħadd jerġa' jiġbor il-ġakkijiet li kellu fil-bidu, imma jekk le ir-rebbieħ iżomm il-ġakkijiet li jkun rebaħ.

Issa ħa niġu għall-ħsieb tal-lum. Kultant aħna (speċjalment il-kbar) ngħixu ħajjitna qisna qed nilagħbu logħba ġakkijiet. Naħlu ħajjitna nippruvaw inkunu dawk li nirbħu l-aktar ammont ta' ġakkijiet. Naħsbu li jekk għandna l-akbar u l-isbaħ dar, l-aqwa karozza, u ammont kbir ta' flus fil-bank, aħna r-rebbieħa. Ġieli anke naħsbu li permezz ta' dawn l-

affarijiet aħna aktar importanti u speċjali minn min għandu anqas minna minn dawn l-affarijiet tad-dinja.

Dawn li mingħalihom li huma rebbieħa jaħsbu li dawn l-affarijiet li qed jakkwistaw fil-ħajja ser jibqgħu tagħhom u magħhom għal dejjem. Imma tafu kemm minn dawn il-ġakkijiet ser jieħdu magħhom? Emmnuni ngħidilkom li XEJN.

Ġesù qalilna li jekk aħna rridu nkunu vera rebbieħa rridu nkunu lesti li nħallu kollox warajna u nimxu warajh. Meta nimxu wara Ġesù forsi ma jkollniex ħafna mill-affarijiet li ħafna jaħsbu li huma importantissmi. Forsi ma ngħixux ġo l-akbar dar, m'għandniex l-aqwa karozza u m'għandniex eluf ta' Ewro l-bank. Imma jkollna l-paċi f'qalbna. Ikollna teżori kbar fis-sema. Niżgurakom li meta mmorru l-ġenna se nsibu l-isbaħ villa u ser nimxu qalb toroq tad-deheb. Dan għaliex hemmhekk ser inkunu qalb waħda għal dejjem ma' Ġesù.

Qed taraw, meta aħna nagħtu ħajjitna għal Ġesù, aħna nkunu rebbieħa għal dejjem.

Kif ser nippreparaw biex inkunu rebbieħa għal dejjem?

Nistgħu nibdew il-preparazzjoni tagħna billi napprezzaw l-imħabba kbira li Ġesù għandu għalina. Tant iħobbna li miet għalina fuq is-salib. Issa m'hemmx għalfejn immutu fuq is-salib biex aħna nuru lil Ġesù li nħobbuh. Lil Ġesù nsibuh fil-familja, ħbieb, ġirien u l-persuni kollha tad-dinja – nistgħu ngħidu f'kulħadd.

Kull persuna hija sabiħa, unika u speċjali. Imma dan ma jagħmel lil ħadd aħjar minn ħaddieħor. Kulħadd huwa importanti f'għajnejn Ġesù u f'għajnejna lkoll. Ma nistgħux ngħixu waħedna u rridu napprezzaw lil xulxin għax kulħadd għandu xi ħaġa x'joffri. Jekk fil-klassi jien dejjem inġib marki aħjar mit-tifel/tifla ta' ħdejja ma jfissirx li jien aqwa minnu/ha. X'aktarx hu/hi jaf/taf tagħmel xi ħaġa li jien ma tantx jien tajjeb fiha. (Tista' tagħti xi eżempji oħra).

Illum ġibt miegħi xi ħaġa oħra. Ma tiswa xejn imma tiswa ħafna.

Hawnhekk għandi 2 bajdiet. Qed tarawhom?
Dawn it-tnejn Bajd? ( Da żgur)
Għalxiex nużawhom? (kejk, breakfast, froġa, bajda moqlija/mgħollija)
Huma t-tnejn l-istess? (l-istess imma waħda kannella u oħra bajda)
Għaliex taħsbu li waħda bajda u oħra kannella? (waħda ġejja minn tiġieġa bajda u oħra minn tiġieġa kannella).

Tgħid ġo fihom hemm l-istess ħaġa? (iva)

***Qabel tagħti t-tweġiba dejjem stenna risposta minn għand it-tfal.***

Tridux naraw hux kif ħsibtu intom? Agħżel żewġt itfal biex jgħinuk. Ifqa' l-bajd u itfa' l-kontenut ġo żewġ *bowls* separati. Uri lit-tfal li għalkemm il-bajd kienu differenti minn barra, ġewwa hemm l-istess ħaġa.

Hekk ukoll aħna l-bnedmin. Għalkemm differenti minn barra – kulur tal-ġilda, għajnejn, xagħar, tul, kemm aħna bravi, kemm nafu niżfnu, kemm għandna flus, toys u ħwejjeġ eċċ., f'għajnejn Alla aħna lkoll sbieħ, ilkoll l-istess u lkoll speċjali. Jekk aħna veru qalb

waħda u rridu nuru l-imħabba tagħna lejn Ġesù u lejn xulxin irridu nħarsu lejn xulxin bħala lkoll sbieħ, ilkoll l-istess u lkoll speċjali.

Hekk inkunu qed niffurmaw qalb waħda kbira u sabiħa, magħmula minn persuni differenti minn barra imma bl-istess valuri nsara.

Ġesù qalilna: ĦOBBU LIL XULXIN BHALMA ĦABBEJTKOM JIEN.

Hawnhekk tfal ta' etajiet differenti ser jitilgħu fuq l-artal b'partijiet żgħar ikkuluriti li meta jgħaqqduhom ma' xulxin ser jiffurmaw qalb waħda b'kuluri differenti li jfissru li għalkemm aħna differenti minn barra nistgħu naħdmu flimkien u nħobbu lil xulxin b'qalb waħda.

**Talba:**

Għażiż Ġesù, aħna nafu li inti tara x'hemm f'qalbna. Nafu wkoll li certi affarijiet mhux suppost qegħdin hemm, speċjalment jekk ser iweġġgħu lill-oħrajn. Oħloq fina qalb nadifa u sabiħa kif tixtieqha int. Ammen.

JESUS LOVES THE LITTLE CHILDREN

Jesus loves the little children
All the children of the world
Red and yellow, black and white
They are precious in his sight
Jesus loves the little children of the world (x2)

I AM SPECIAL

I am special, I am special
Don't you see, don't you see
Someone very special, someone very special
'Cause God made me, God made me.

## 7.4. It-Tielet Jum

**Tema: L-Imħabba Konjugali u l-Qdusija tal-Ġisem - Inħobbu lil Xulxin fil-Familja**

**Skrittura:**

1Kor 13,1-11: "Li kont nitkellem bl-ilsna tal-bnedmin u ta' l-anġli bla ma kelli l-imħabba, kont inkun qisni strument tar-ram iżarżar jew platti jċekċku. U kieku kelli d-don tal-profezija u kont naf il-misteri kollha u l-għerf kollu, kieku kelli l-fidi tiegħi sħiħa li nqanqal il-muntanji, imma ma kellix imħabba, jiena ma kont inkun xejn. U kieku kelli nqassam ġidi kollu fil-karità u nagħti ġismi għall-ħruq bla ma jkolli mħabba, xejn ma jkun jiswieli ta' ġid. L-imħabba taf tistabar u tħenn; l-imħabba m'hijiex għajjura, ma tintefaħx biha nfisha, ma titkabbarx fuq l-oħrajn; ma tagħmilx dak li m'hux xieraq; ma tfittixx dak li hu tagħha, xejn ma tinkorla; ma żżommx f'qalbha għad-deni, ma tifraħx bl-inġustizzja, imma tifraħ bil-verità; kollox tagħder, kollox temmen, kollox tittama, kollox tissaporti. L-imħabba ma tintemm qatt. Jgħibu l-profeziji, jisktu l-ilsna, jgħib l-għerf. Għalissa nafu biċċa, u l-profezija tagħna hi nieqsa; imma meta jfeġġ dak li hu sħiħ, jgħib dak li hu nieqes. Meta kont tarbija, kont nitkellem ta' tarbija, nħoss ta' tarbija, naħseb ta' tarbija. Meta sirt raġel warrabt dak li hu ta' tarbija."

Ġenesi 9:11, 13: "Jien nagħmel il-patt tiegħi magħkom li qatt iżjed ma jinqered, ebda laħam ħaj, bl-ilmijiet tad-dilluvju; u qatt iżjed ma jkun hemm dilluvju biex iħarbat l-art. Inqiegħed ili-qaws tiegħi fis-sħab, u jkun sinjal tal-patt bejni u bejn l-art."

**Sinjal:** Ċurkett taż-Żwieġ

**Ġest:** Titqassam it-talba (li hemm fl-aħħar) lit-tfal kollha u tistedinhom jitolbuha fil-familja meta jmorru d-dar.

**Kanzunetta**: "Be careful, Little Eyes, What you See"

Uri lit-tfal ċ-ċurkett taż-zwieġ. Ibda għid: "Tfal, naħseb li lkoll rajtu xi ċurkett bħal dan, hux veru? Dan huwa ċurkett speċjali. Tafu x'ċurkett hu dan? Dan huwa ċurkett taż-żwieġ. Huwa ċurkett sempliċi ħafna. Ma fihx djamanti jew ħaġar prezzjuż. Huwa ċirku lixx tad-deheb. Imma huwa speċjali immens għax huwa jfakkar fil-wiegħda li koppja tagħmel lil xulxin meta tiżżewweġ. Fil-ġurnata taż-żwieġ, ir-raġel u l-mara iwegħdu li se jħobbu lil xulxin u jibqgħu flimkien fil-ħażin u fit-tajjeb, fil-mard u fis-saħħa, għal dejjem sakemm xi ħadd minnhom imut. It-tnejn li huma jilbsu ċurkett bħal li għadni kif urejtkom biex ifakkarhom fil-wegħda li jkunu għamlu. Iċ-ċurkett juri lil kull min jarah li dawn il-persuni għamlu din il-wegħda lil xulxin.

Aħna lkoll nagħmlu wegħdiet, hux veru? Forsi twiegħed lill-mamà li ser tnaddaf il-kamra tiegħek jew tgħinha xi ftit qabel tmur tilgħab. Jew forsi twiegħed lil xi ħabib/a li ser iżżomm is-sigriet li fdalek. Jew forsi twiegħed li sieħbek tal-klassi li ser tagħtih lura dak li sellfek. (Hawnhekk tista' tħajjar lit-tfal isemmu xi wegħdiet oħra li huma jagħmlu).

Kien hemm xi darba li xi ħadd li kiser wegħda li għamel lilkom? Kif ħassejtukom? X'għedtu? X'aktarx li kontu ddiżappuntati u għedtulu: "Imma int hekk kont wegħedtni!" Kultant aħna niksru l-wegħdiet tagħna u għalhekk inweġġgħu qalb xulxin. Għandna dejjem naħdmu biex inżommu l-għaqda bejnietna, speċjalment fil-familja. Mhux il-miżżewġin biss iridu jżommu l-wegħda tagħhom. Aħna t-tfal x'aktarx għandna ħutna li rridu nħobbuhom u nirrispettawhom. Jekk m'għandniex ħutna din l-imħabba u r-rispett xorta rridu nuruhom lill-ġenituri tagħna.

__Isimgħu din l-istorja:__

Darba kien hemm żewġt aħwa subien. Missierhom kellu razzett kbir u meta beda jixjieħ sejjaħ liż-żewġ uliedu. Hu qalilhom li kien xjaħ wisq biex jibqa' jagħmel dan ix-xogħol iebes. Qalilhom li ser jaqsam ir-razzett u jagħtihom nofs kull wieħed. Hu qalilhom li kien ċert li huma kienu ser jaħdmu ma' xulxin u jħobbu lil xulxin għal dejjem.

Fil-bidu l-aħwa hekk għamlu. Kienu jgħinu lil xulxin u jaqsmu kollox bejniethom. Iżda darba qabdu argument u flok ħafru lil xulxin u nsew kollox, iġġieldu darba għal dejjem u anqas biss baqgħu iħarsu lejn xulxin. Għal ħafna snin ma qalux kelma waħda bejniethom.

Għodwa waħda, wieħed mill-aħwa kien fir-razzett u mar ħdejh wieħed raġel li kien mastrudaxxa. Talbu biex jagħtih xogħol. Dan ħatfu fil-kelma u qallu biex jibnilu ħajt tal-injam madwar ir-razzett tiegħu. Qallu biex jibnih max-xmara li kienet taqsam ir-razzett tiegħu minn ta' ħuh. Qallu li ma riedx jara aktar lil ħuh, għalhekk il-ħajt riedu għoli kemm jista' jkun.

Il-bidwi mar sal-belt u ġie lura tard filgħaxija mingħalih li ser ikollu l-ħajt mibni kif xtaq hu. Imma x'qatgħa ħa meta wasal lura d-dar! Minflok ħajt għoli l-mastrudaxxa kien bena pont (bridge) minn naħa għall-oħra tax-xmara. Il-bidwi mar ħdejn il-pont u beda miexi fuqu u fin-nofs iltaqa' ma ħuh li wkoll kien mar biex jara dan x'pont kien li mingħalih li bnieh ħuh. Ħuh qallu: "Wara dawk l-affarijiet ħżiena kollha li għamiltlek matul dawn l-aħħar snin, qatt ma stennejt li ser tibni dan il-pont biex tilqagħni lura għandek." L-aħwa għannqu lil xulxin u ħafru lil xulxin.

Wara dan l-ewwel bidwi mar lura fir-razzett tiegħu u lill-mastrudaxxa qallu: "Tista' tibqa' hawn għax għandi aktar xogħol għalik." Il-mastrudaxxa qallu: "Jiddispjaċini ħabib tiegħi, imma se jkolli mmur għax għandi ħafna aktar pontijiet x'nibni."

Ħafna drabi aħna jkollna xi ngħidu ma' ħutna fi Kristu. Meta jiġri dan aħna malajr nibnu xi ħajt bejnietna. Ma nibqgħux nitkellmu u naħarbu lil xulxin. (It-tfal jistgħu isemmu xi jħossu meta jiġġieldu ma' ħuthom jew mal-ġenituri tagħhom. Eżempju: ikissru t-*toys* ta' xulxin, jimbuttaw lil xulxin, jigżaw, jgħidu kontra xulxin, ma jkellmux lill-mamà jew lill-papà għax ikkoreġewhom, eċċ.). Dan mhux dak li jrid minn Ġesù. Minflok ħitan huwa jridna nibnu pont ta' mħabba sinċiera bejnietna li ma jinkisirx.

__Talba__:

Għażiż Missierna, aħna nafu li hija xewqa kbira tiegħek li l-familja tagħna tgħix fil-paċi u l-għaqda. Għinna nħobbu lil xulxin. Ammen.

BE CAREFUL LITTLE EYES WHAT YOU SEE

Oh be careful little eyes what you see
Oh be careful little eyes what you see
For the Father up above is looking down on us
Oh be careful little eyes what you see

Oh be careful little ears what you hear
Oh be careful little ears what you hear
For the Father up above is looking down on us
Oh be careful little ears what you hear

Oh be careful little heart whom you trust
Oh be careful little heart whom you trust
For the Father up above is looking down on us
Oh be careful little heart whom you trust

Oh be careful little hands what you do
Oh be careful little hands what you do
For the Father up above is looking down on us
Oh be careful little hands what you do

Oh be careful little legs where you go
Oh be careful little legs where you go
For the Father up above is looking down on us
Oh be careful little legs where you go

Oh be careful little mind what you think
Oh be careful little mind what you think
For the Father up above is looking down on us
Oh be careful little mind what you think

Oh be careful little tongue what you say
Oh be careful little tongue what you say
For the Father up above is looking down on us
Oh be careful little tongue what you say

**Actions:**
"eyes" - point to eyes
"Father" - point up
"looking down" - shade eyes
"love" - give self a hug
"ears" - point to ears
"heart" - point to chest
"hands" - hold out hands
"legs" - march in place
"mind" - point to forehead
"tounge" - point to mouth

## 7.5. IR-RABA' JUM

**Tema: L-Ewkaristija mgħixa fil-ħajja ta' kuljum - Il-Bewsa ta' Alla fl-Ewkaristija.**

**Skrittura:**

1Kor 11,23-26: "Jien irċevejt mingħand il-Mulej it-tagħlim li għaddejt lilkom, jiġifieri, li l-Mulej Ġesù, fil-lejl li fih kien ittradut, ħa l-ħobż u wara li radd il-ħajr qasmu u qal: "Dan hu ġismi li jingħata għalikom; agħmlu dan b'tifkira tiegħi." Hekk ukoll għamel bil-kalċi wara li kiel u qal: "Dan il-kalċi hu l-patt il-ġdid b'demmi; agħmlu dan kull meta tixorbu, b'tifkira tiegħi." Mela kull meta tieklu dan il-ħobż u tixorbu dan il-kalċi, intom ixxandru l-mewt tal-Mulej sa ma jiġi."

Ġwanni 6:51: "Jiena hu l-ħobż il-ħaj, li niżel mis-sema. Jekk xi ħadd jiekol minn dan il-ħobż jgħix għal dejjem. U l-ħobż li jiena nagħti huwa ġismi għall-ħajja tad-dinja."

**Sinjali:** Ewkaristija, Ħobża kbira, Gallun Inbid, Piramida tal-Ikel.

**Ġest:** Ikun ideali kieku wara din il-priedka titbierek il-ħobża kbira msemmija fuq, u kulħadd jaqta' biċċa żgħira u jikolha waqt li tindaqq il-Kantzunetta *Millenium Prayer* ta' Cliff Richard. Il-ħobża tista' titqassam permezz tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina. Dan juri li aħna lkoll familja waħda qed nieklu mill-istess ħobża li hija l-ġisem ta' Ġesù.

**Kanzunetta:** It-Talba tal-Missierna kantata (Abba Missier). Millenium Prayer ta' Cliff Richard.

Qatt rajtu poster bil-piramida tal-ikel? Din il-piramida ġiet magħmula biex tgħinna nagħżlu liema ikel hu l-aħjar biex jgħinna nikbru b'saħħitna. Illum ġibt waħda miegħi biex nurihielkom. F'din l-istampa qed naraw kull tip ta' ikel. Mhux l-ikel kollu tajjeb għal saħħitna. Għalhekk huwa mqassam fi gruppi li juruna mil-liema nistgħu nieklu l-aktar u dak li kemm jista' jkun irridu nnaqqsu minnu. Hawn insibu qamħ, frott, ħaxix, laħam, ħalib, ħut u anke ħlewwiet.

Kif qegħdin taraw l-akbar parti tal-piramida fiha ikel li ġej mill-qamħ. Semmuli xi ikel li jsir mill-qamħ! Issa ejja naraw semmejniex kollox. Għandna l-ħobż, ċereali, għaġin u ross u affarijiet oħra tajbin fit-togħma u tajbin għal saħħitna. Il-ħobż minn dejjem kien l-aktar ikla importanti għall-bniedem.

Anke fiż-żmien meta nkitbet il-Bibbja, il-ħobż kien mezz ta' għixien għall-bniedem. Tiftakru meta fl-Antik Testment l-Iżraeliti kienu bil-ġuħ fid-deżert? Alla bagħtilhom l-ikel mis-sema kull filgħodu biex jitrejqu bih. Jiena ċert li tiftakru wkoll meta Ġesù tema folla ta' ħamest elef ruħ li kienu jimxu warajh biex jisimgħuh ikellimhom dwar Alla l-Missier. Dakinhar, wara ġurnata twila ta' tagħlim, in-nies dehru għajjenin u Ġesù ma xtaqx jibgħathom lejn djarhom bil-ġuħ. Għalhekk huwa staqsa jekk kienx hemm xi ħadd kellu xi ftit ħobż. Kien hemm tfajjel li mar quddiem Ġesù b'ħames ħobżiet u żewġ ħutiet. Hemmhekk Ġesù bierek il-ħobż u qal lill-Apostli biex iqassmu lin-nies u l-ħobż ma spiċċax. Kiel kulħadd u kien baqa' żżejjed.

Meta Ġesù għallem lid-dixxipli jitolbu, hu qalilhom jitolbu hekk: "Ħobżna ta' kuljum agħtina llum."

Il-ħobż normali li nixtru mill-ħanut ma jservix għal dejjem. Meta nixtruh ikun veru frisk, tajjeb u jqarmeċ. Iżda malli tgħaddi t-tieni ġurnata, il-ħobża tibda tibbies u ġieli anke timmoffa. Mhux hekk biss. Meta nieklu l-ħobż, nimtlew għal ftit ħin, imma malajr jerġa' jagħtina l-ġuħ. Għalkemm Ġesù kien jaf li l-ħobż huwa importanti bħala ikel, hu ried jagħtina xi ħaġa aqwa u aħjar. Ried jagħtina ikel li ma jispiċċa qatt. Darba, waqt li kien qed jgħallem, qal: "Jiena hu l-ħobż tal-ħajja. Min jiġi għandi ma jtih qatt ġuħ. Jiena l-ħobż ħaj li niżel mis-sema. Min jiekol dan il-ħobż jgħix għal dejjem."

Ġesù kien jaf li kellu jbati u jmut, iżda hu xtaq u ried li jibqa' magħna. Allura x'għamel? Fil-lejl ta' qabel miet huwa għamel ikla speċjali mal-ħbieb speċjali tiegħu. Min jaf jgħidli x'ikla kienet din? (L-Aħħar Ċena!) Waqt l-ikla Ġesù qabad il-Ħobż, bierku, qasmu, tah lill-appostli u qal: "Ħudu u kulu, dan hu ġismi". Imbagħad ħa l-kalċi mimli nbid, bierku, tahulhom u qal: "Ħudu w ixorbu, dan hu demmi." Imbagħad qal "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi."

F'dak il-lejl speċjali Ġesù waqqaf is-Sagrament tal-Ewkaristija. Dakinhar Ġesù bierek u qasam il-ħobż magħmul mill-qamħ. Illum, meta nieħdu sehem fl-Ewkaristija (tqarbin), nitqarbnu bl-ostja li wkoll hija magħmula mill-qamħ. Meta nitqarbnu lil Ġesù ma narawhx bl-għajnejn tal-ġisem tagħna, imma meta l-qassis jikkonsagra (jgħid talba speċjai fuq) l-ostja u l-inbid u jirrepeti l-kliem li qal Ġesù fl-aħħar ċena, l-ostja ssir il-ġisem veru ta' Ġesù u l-inbid id-demm ta' Ġesù. Meta aħna nieklu dak il-ħobż u nixorbu dak l-inbid, inkunu qed nirċievu fina lil Ġesù.

Ġesù ma baqax fid-dinja għall-ħbieb tiegħu biss. Huwa ried li n-numru ta' ħbieb tiegħu jiżdied kuljum. Anke meta kien jgħallem u jagħmel il-mirakli, Ġesù kien jitkellem mat-tajbin u kif ukoll ma dawk li f'għajnejn in-nies kienu ħżiena. Mhux talli kien ikellimhom imma anke kien jiekol magħhom. (Hawnhekk tajjeb li ssemmi l-istorja ta' Żakkew.) Ġesù kien jaf li Żakkew ma tantx kien bniedem tajjeb, imma permezz ta' ikla li kielu flimkien, Ġesù beda ħbiberija ma' Żakkew u dan bidel ħajtu għat-tajjeb u beda jimxi wara Ġesù.

Aħna għandna ċ-ċans li nieklu minn dan l-ikel tal-ħajja kuljum. Iżda importanti li qabel nersqu għal dan l-ikel ikollna l-paċi f'qalbna. Min jaf kemm-il darba nħossu f'qalbna affarijiet, li bħala ħbieb ta' Ġesù mhux sewwa nżommuhom f'qalbna. Dawn jistgħu jkunu għira għax il-ħabiba tiegħi xtrat libsa sabiħa, mibegħda għax sieħbi tal-klassi ġab marki aħjar minni fl-eżamijiet, kburija għax jien ngħix ġo villa u ħbiebi jgħixu ġo dar normali, rabja għax oħti għaddiet iktar ħin minni tilgħab fuq il-kompjuter, xeħħa għax miniex kuntent bl-affarijiet li għandi, dejjem irrid aktar biex inkun aħjar minn ħaddieħor. Dawn l-affarijiet mhux bilfors jidhru minn barra. Meta niġu ħdejn Ġesù aħna nistgħu nidhru sew minn barra imma f'qalbna ma jkollniex il-paċi li jixtieq isib Ġesù meta jiġi fina. Għalkemm ma nidhrux minn barra Ġesù jkun jaf li qalbna ma tkunx lesta għalih. Qabel nersqu biex nirċievu lil Ġesù aħjar nitolbuh skuża permezz tal-qrar, u jekk b'xi mod weġġajna lil ħaddieħor nitolbu skuża lilu wkoll.

Aħna rridu nitolbu lil Alla u ngħidulu: "Oħloq fija o Alla qalb safja, u ġedded fija spirtu qaddis."

Tfal aħsbu ftit, u ma rridx nisma' tweġiba għal din il-mistoqsija li ser ngħamlilkom: "Hemm xi affarijiet f'qalbi li mhux suppost qegħdin hemm? Dażgur li hemm. U naħseb aħjar nitlob lil Alla jgħinni nirranġahom."

Mela ejja ħa nitolbu flimkien.

Talba:

Għażiż Missierna, aħna nafu li inti taf kollox dwarna. Taf x'hemm f'qalbna u taf li hemm xi affarijiet li mhux suppost qegħdin hemm. Għinna nnaddfu qalbna minn dawn it-tbajja' biex qalbna tkun lesta u nadifa biex inti tiġi ġewwa fina fl-Ewkaristija.

MISSIERNA ABBA MISSIER

Missierna, Abba Missier,
Missier illi inti fis-smewwiet,
jitqaddes l-isem tiegħek
fil-qalb ta' ħafna wlied,
Missierna illi inti fis-smewwiet.

***Rit.*** Tiġi saltnatek, tiġi saltnatek,
ikun dak li trid int
kif fis-sema hekkda fl-art. (x2)

Missierna, tina l-ħobż,
l-għajxien illi għandna bżonn kuljum,
u aħfrilna d-dnubiet tagħna
kif naħfru lill-bnedmin,
li magħna huma kienu midjunin. ***Rit.***

Missierna, la ddaħħalniex
fi żmien ta' tensjoni u tiġrib,
eħlisna minn kull ħażen,
mix-xibka tal-qerried,
eħlisna minn kull qerq tad-dlamijiet. ***Rit.***

## 7.6. IL-ĦAMES JUM

**Tema: Il-Karizmi u l-Ministeri fil-Knisja - Inħobbu lil xulxin fil-Knisja**

**Skrittura:**

1Kor 12,14-18: “Issa l-ġisem m'huwiex membru wieħed, imma magħmul minn ħafna membri. Kieku s-sieq kellha tgħid: "Ladarba m'iniex l-id, jien m'iniex biċċa mill-ġisem?" b'daqshekk m'hijiex parti mill-ġisem? U kieku l-widna kellha tgħid: "Ladarba m'iniex l-għajn, jien m'iniex biċċa mill-ġise?", ma jkunx ifisser b'daqshekk li hi m'hijiex biċċa mill-ġisem. Kieku l-ġisem kollu kien għajn, fejn kien ikun is-smigħ? U kieku kien kollu smigħ, fejn kien ikun ix-xamm? Iżda Alla qiegħed il-membri fil-ġisem kull wieħed f'postu, kif għoġbu hu.”

Mattew 28:18-20: “"Araw, issa aħna telgħin Ġerusalemm, u Bin il-bniedem se jingħata f'idejn il-qassisin il-kbar u l-kittieba; dawn jaqtgħuhielu għall-mewt, jerħuh f'idejn il-pagani biex jiddieħku bih, u jagħtuh is-swat u jsallbuh; u fit-tielet jum iqum." Mbagħad resqet lejh omm ulied Żebedew flimkien ma' wliedha, u nxteħtet quddiemu titolbu xi ħaġa.”

**Sinjal:** invit f’*envelope* kbir. Fuq l-*envelope* waħħal bolla u ikteb isem u indirizz.

**Ġest:** It-tfal jagħtu invit lill-ġenituri tagħhom biex jattendu għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa: Ħamis ix-Xirka, il-Ġimgħa Kbira u l-Velja ta’ Sibt il-Għid.

**Kanzunetta:** *Jesus loves me, this I know for the Bible tells me so.*

Intom xi darba għamiltu xi *party*? Ġieli kontu mistiedna għal xi *party*? L-ewwel ma tagħmel meta tippjana *party* huwa li tiddeciedi għaliex ser tagħmel il- *party*. Imbagħad tiddeċiedi lil min tixtieq tistieden u tikteb l-inviti u tqassamhom jew tibgħathom.

Illum jien ġibt miegħi stedina. Kif qed taraw, fuq dan l-*envelope* hawn isem, indirizz u bolla. Meta jien ser nimposta dan l-*envelope* huwa xogħol il-pustier li jwassal l-invit. Meta jien nimposta l-inviti, huwa l-pustier li jiddeċiedi liema mill-inviti ser iqassam u liema le? Żgur li le. Hija responsabiltà tal-pustier li jwassal f’postu kull invit li jiena nkun bgħatt. Tal-posta ma jistax jgħid: “illum għandi ħafna xogħol, jekk ma nwassalx l-invit jien forsi lill-mistednin jgħidilhom xi ħadd ieħor!”

U jekk tkun ix-xita l-pustier jista’ jgħid: “ U llum ix-xita! Jekk noħroġ inqassam dawn l-inviti ser nixxarrab. Ħa nistenna x-xita tieqaf u meta tieqaf immur.” Le, ma jistax jagħmel dil-biċċa xogħol. L-invit intbagħat u jrid jitqassam, xita u mhix.

Intom tafu li Ġesù bagħat invit lilna lkoll? L-invit jgħidilna: ejjew intom ilkoll li tixtiequ tkunu ħbieb tiegħi. U dan l-invit tafu lil min jistieden? Qed jistieden lil kulħadd. L-indiriz jgħid: “GĦAL KULL MIN JIXTIEQ JIĠI”. Issa wasal il-ħin biex inqassmu dan l-invit. Tafu min hu l-pustier? Huwa INT U JIEN.

Fil-Bibbja nsibu li Ġesù qalilna mmorru kullimkien biex ngħidu lil kulħadd dwar kemm iħobbna Ġesù. Mela Ġesù bagħat l-invit u talab lilna biex inwassluh. *Busy* jew m’aħniex, xita jew xemx, importanti li nwasslu dan l-invit qabel ikun tard wisq.

Kif se nwasslu l-invit ta' Ġesù lill-oħrajn?

(Hawn hekk tista' ssir reċta sempliċi, idealment minn żewġ studenti naqra kbar jew żewġ katekisti.)

Tifel fi triqtu lejn id-dutrina (Antonio) jiltaqa' ma ħabibu fi triqtu lejn il-grawnd jilgħab logħba futbol (Francesco).

**Antonio:** Ara min hawn?
**Francesco:** Aw Antonio, fejn sejjer x'int mgħaġġel?
**Antonio:** Sejjer id-duttrina. U int?
**Francesco:** Fejn tridni mmur liebes il-*gear* tal-futbol. Mhux il-grawnd nilgħab!
**Antonio:** Mela int fi x'ħin tmur duttrina?
**Francesco:** Jien ma mmurx duttrina.
**Antonio:** Ma tmurx duttrina?
**Francesco:** U xi trid tmur tagħmel id-duttrina? Missek tiġi miegħi u ħallik mid-duttrina, ħa tara kemm nieħdu gost.
**Antonio :** Mhux hekk nagħmel? Int min qallek li d-duttrina ma nieħdux gost?
**Francesco:** U d-dutrina biex tista' tieħu gost? L-aktar jekk toqgħod xi nofs siegħa bilqiegħda tisma' t-talb!
**Antonio:** Le ħi, aħna ma nisimgħux talb biss. Giovanna li tgħallimna d-dutrina dejjem tivvintalna xi ħaġa ġdida.
**Francesco:** Mur af x'tivvintalkom.
**Antonio:** Ħa ngħidlek: naqraw stejjer mill-Bibbja għat-tfal, inkantaw *songs* veru sbieħ, nirreċtaw l-istejjer li naqraw, għandna klassi tal-ġenn kollha mżejna bix-xogħol tagħna. L-aħħar darba ġabet il-*laptop* u urietna *slideshow* dwar meta Ġesù għazel il-ħbieb speċjali tiegħu u qalilhom li kien ser jgħallimhom ikunu sajjieda tal-bnedmin. Sirna veru ħbieb ta' Ġesù. Tridx tiġi miegħi illum u tara tgħoġbokx il-lezzjoni?
**Francesco:** Jaqaw int qed tagħmilha ta' xi sajjied tat-tfal jew? Jien ħuta brikkuna u mhux lakemm taqbadni.
**Antonio:** Ħa ngħidlek x'nagħmlu. Ejja miegħi d-duttrina u wara jien insaqsi lill-mamà nistax niġi nilgħab logħba ballun miegħek il-grawnd.
**Francesco:** Tafx li qed tħajjarni! Iddeċidejt għal miegħek illum.

Is-subien jitilqu flimkien għad-dutrina.

Mela tfal, x'għadna kemm rajna u smajna? Antonio donnu li obda lil Ġesù u wassal l-invit fejn kellu jwasslu. Antonio m'għamilx l-istedina biss iżda iċċelebra ma' Francesco għax huma marru t-tnejn flimkien biex jitgħallmu dwar Ġesù.

Meta nwasslu l-invit ta' Ġesù rridu nwassluh b'imħabba. Dan ngħamluh billi aħna ngħixu dak li nwasslu. Ma nistax jien ngħid lil ħaddieħor biex jgħix kif jixtieqna Ġesù imbagħad jien nagħmel li jfettilli.

Meta aħna nwasslu l-invit ta' Ġesù, għalkemm żgħar inkunu qed nagħmlu x-xogħol tal-appostli li kienu l-ħbieb speċjali ta' Ġesù.

**Talba:**

Għażiż Missierna, huwa importanti li nitkellmu dwar Ġesù u l-imħabba tiegħu għalina mal-ħbieb tagħna. Imma għinna niftakru li huwa wisq aktar importanti li fina jaraw l-imħabba ta' Ġesù bil-mod kif ngħixu aħna. Għinna nħobbu lil xulxin kif ħabbejtna int. Grazzi. Ammen.

JESUS LOVES ME THIS I KNOW FOR THE BIBLE TELLS ME SO

Jesus loves me this I know
For the Bible tells me so
Little ones to him belong
We are weak but he is strong

Yes, Jesus loves me
Yes, Jesus loves me
Yes, Jesus loves me
The Bible tells me so (x2)

## 8. ĊELEBRAZZJONI PENITENZJALI

# "Dnubietha, li kienu ħafna, inħafrulha, għax ħabbet ħafna." (Lq 7,47)

### 1. RITI TAL-BIDU

#### 1.1. Kant

#### 1.2. Tislima tas-Saċerdot

***Ċel***: Fl-isem tal-Missier, u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.
***Pop***: Ammen.

***Ċel***: Grazzja u sliem lilkom mingħand Alla Missierna u mingħand Sidna Ġesù Kristu, li ta lilu nnifsu għal dnubietna, biex jeħlisna minn din id-dinja ħażina tal-lum, skont ir-rieda ta' Alla u Missierna.
***Pop***: U lilek ukoll.

#### 1.3. Stedina għaċ-ċelebrazzjoni penitenzjali

Għeżież, Alla tagħna hu Alla tal-imħabba. Alla hekk ħabb lid-dinja li tana lil Ibnu l-Waħdieni biex nemmnu fih ħalli jkollna l-ħajja, u l-ħajja bil-kotra. Nagħrfu li mhux dejjem jirnexxielna nwieġbu bl-istess imħabba, imma fl-istqarrija umli ta' ħtijietna aħna nilqgħu l-istedina tiegħu biex nibdlu l-qalb tagħna u nħallu l-grazzja ta' Alla tqaddisna.

*Isir mument żgħir ta' skiet.*

#### 1.4. Talba

Nitolbu.
Mulej Alla, int Alla tal-imħabba; int tħobb lill-bnedmin b'mod tal-għaġeb u ma trid li ħadd minn uliedek jitbiegħed minn imħabbtek u jintilef. Ibgħat fuqna l-Ispirtu tiegħek biex inqanqal il-qlub tagħna, inissel fina d-dmugħ tas-sogħba, u jimbuttana sabiex inħobbuk fuq kollox u qabel kollox. Bi Kristu Sidna. **R/.** Ammen.

### 2. LITURĠIJA TAL-KELMA

***Animatur***:
*Se nisimgħu issa l-Kelma ta' Alla. Permezz tagħha, aħna nħossu lil Alla nnifsu jkellilmna. Il-profeta Ħosegħa jurina li anke jekk għal mument aħna nitbegħdu minn Alla, hu jibqa' jħobbna b'fedeltà sħiħa sa ma jerġa' jgħaqqadna miegħu. Fis-silta tal-Vanġelu li se tixxandrilna, Ġesù jimliena b'ħafna faraġ: anke jekk dnubietna huma ħafna, hu jaħfrilna kollox. Mingħandna ma jridx ħaġa oħra ħlief l-imħabba ta' qalbna.*

#### 2.1. Qari

Qari mill-Ktieb tal-Profeta Ħosegħa (2,16-25)

F'dak iż-żmien, il-Mulej qal permezz tal-profeta:
"Għalhekk, araw, jiena se niġbidha, neħodha fid-deżert u lil qalbha nkellem. Minn hemm nagħtiha lura l-għelieqi tad-dwieli li kellha, u wied Għakor ikunilha bieb għat-tama. Hemmhekk hi twieġeb bħal fi żmien żgħożitha, bħal fi żmien ħruġha minn art l-Eġittu. U jiġri f'dak il-jum, oraklu tal-Mulej, li hi ssejjaħli: 'Żewġi'; lili ma ssejjaħlix 'Sidi', iżjed. Inneħħilha minn fommha isem il-Bagħalim u isimhom ma ssemmihx aktar. U f'dak il-jum nagħmel patt għalihom mal-bhejjem tar-raba' u mat-tjur tal-ajru u mal-annimali li jitkaxkru mal-art, u nkisser minn fuq l-art il-qaws, ix-xabla u l-gwerra; kulħadd jorqod moħħu mistrieħ. "Għal dejjem ngħarrsek miegħi, ngħarrsek miegħi fis-sewwa u l-ħaqq, fl-imħabba u l-ħniena, b'rabta fidila jiena ngħarrsek miegħi, u int tagħraf lill-Mulej. F'dak il-jum, oraklu tal-Mulej, is-smewwiet ikollhom tweġiba mingħandi, u l-art ikollha tweġiba mingħandhom; u l-qamħ u l-inbid u ż-żejt ikollhom tweġiba mill-art, u Ġeżragħel ikollu tweġiba mingħandhom. U niżirgħu għalija fl-art, u nħobb lil 'Lo-ruħama', u lil 'Lo-għammi' ngħidlu: 'Inti l-poplu tiegħi' u hu jgħidli: 'Alla tiegħi'."

Il-Kelma tal-Mulej.

### 2.2. **Salm Penitenzjali** (Salm 6)

*Is-Salm jinqara alternat bejn lettur u poplu.*

***Lettur:***
Mulej, la ċċanfarnix fil-korla tiegħek;
la twiddibnix fis-saħna tiegħek.

***Poplu:***
Ħenn għalija, Mulej, għaliex inħossni mifni;
fejjaqni, Mulej, għaliex għadmi mfarrak;
ruħi mħawwda għall-aħħar.
Mulej, int kemm se ddum ma tismagħni?

***Lettur:***
Dur lejja, Mulej, u eħlisni;
salvani f'ġieħ it-tjieba tiegħek.
Għax ħadd mill-mejtin ma jiftakar fik;
min ifaħħrek f'art l-imwiet?

***Poplu:***
Infnejt bit-tnehid tiegħi,
kull lejl nibki fuq friexi,
bid-dmugħ inxarrab soddti.
Għajnejja bil-biki tgħarrqu,
u nfnew minħabba l-għedewwa tiegħi.

***Lettur:***
Tbiegħdu minni, intom li tagħmlu l-ħażen,
għax sama' l-Mulej il-biki tiegħi.
***Poplu:***

Sama' l-Mulej it-tħannin tiegħi;
jilqa' l-Mulej it-talba tiegħi.
Jistħu u jinfixlu għall-aħħar l-għedewwa tiegħi kollha,
u minnufih jerġgħu lura mħawwda. **R/.**

### 2.3. Kant

**R/.** *Glorja u tifħir lilek, Kristu.*

***Lettur:***
Dnubietha, li kienu ħafna, inħafrulha, għax ħabbet ħafna.

**R/.** *Glorja u tifħir lilek, Kristu.*

### 2.4. Vanġelu

Qari mill-Evanġelju Mqaddes skont San Luqa (7,36-50)



Wieħed mill-Fariżej stieden lil Ġesù biex jiekol miegħu; Ġesù daħal għand il-Fariżew u qagħad għall-ikel. Issa fil-belt kien hemm midinba magħrufa. Din saret taf li kien qiegħed għall-ikel fid-dar tal-Fariżew; ġiebet vażett tal-alabastru biż-żejt ifuħ; u marret qagħdet warajh ħdejn riġlejh, tibki u xxarrablu riġlejh bi dmugħha u tixxuttahomlu b'xuxitha; imbagħad bisitlu riġlejh u dilkithomlu biż-żejt ifuħ. Kif ra hekk il-Fariżew li stiednu qal bejnu u bejn ruħu: "Dan, li kien profeta, kien ikun jaf min hi u x'mara hi din li qiegħda tmissu; kien ikun jaf, għax hi midinba!"

Imma Ġesù qabad u qallu: "Xmun, għandi ħaġa xi ngħidlek.""Għid, mgħallem?" qallu dak. "Tnejn min-nies kellhom id-dejn ma' wieħed li jislef il-flus; wieħed kellu jagħtih ħames mitt dinar u l-ieħor ħamsin. Minn fejn iħallsu dejnhom ma kellhomx, u hu ħafrilhom it-tnejn. Min minnhom se jħobbu l-iżjed?" Wieġeb Xmun u qal: "Jidhirli jien li dak li ħafirlu l-iżjed.""Ħsibtha tajjeb?" qallu Ġesù.

Imbagħad dar lejn il-mara u qal lil Xmun: "Qiegħed taraha lil din il-mara? Dħalt għandek, u ilma għal riġlejja ma tajtnix, iżda hi riġlejja xarrbithomli bi dmugħha u xxuttathomli b'xuxitha. Bewsa ma tajtnix, iżda hi minn xħin daħlet ma waqfitx tbusli riġlejja. Rasi ma dlikthilix biż-żejt, imma hi dilkitli riġlejja b'żejt ifuħ. Għalhekk ngħidlek li dnubietha, li kienu ħafna, inħafrulha, għax ħabbet ħafna; imma min jinħafirlu ftit, ftit iħobb." Imbagħad qal lilha: "Dnubietek maħfura."

Dawk li kienu fuq il-mejda miegħu bdew jgħidu fihom infushom: "Dan min hu biex jaħfer id-dnubiet ukoll?" Iżda hu qal lill-mara: "Il-fidi tiegħek salvatek; mur bis-sliem."

Il-Kelma tal-Mulej.

### 2.5. Riflessjoni taċ-Ċelebrant

## 3. LITURĠIJA TAR-RIKONĊILJAZZJONI

*Animatur*:
*Se ngħaddu issa għal-liturġija tar-rikonċiljazzjoni. Wara li nistqarru li aħna midinbin u fil-bżonn tal-maħfra ta' Alla, se nieqfu ftit fis-skiet biex nagħmlu eżami tal-kuxjenza. Min imbagħad iħoss li għandu jersaq għall-qrar, imur għand saċerdot biex jitlob il-maħfra sagramentali.*

### 3.1. Stedina għall-indiema

*Ċel*:
Għeżież, lill-Insara ta' Korintu San Pawl iħeġġiġhom u jistedinhom bil-qalb: "Ħallu lil Alla jħabbibkom miegħu." Alla jixtieq jidlikna biż-żejt ifuħ tal-imħabba u l-maħfra tiegħu. Ejjew inħossuna bħal f'deżert, weħidna quddiem Alla, fejn aktar faċli nisimgħuh ikellimna. Inħallu l-Kelma ta' Alla tkellem il-qalb tagħna u ddawwal il-kuxjenza tagħna.

### 3.2. Eżami tal-kuxjenza

*Wara kull silta, jinżamm mument qasir ta' skiet.*

*Lettur*:
Tgħid l-Iskrittura: "Intom tkunu l-poplu tiegħi, u jiena nkun Alla tagħkom." (Ġer 7,23)
- Għaddejt minn mumenti fejn ħadtha ma' Alla? Jew forsi nsejtu minħabba t-taħbit tal-ħajja? Kelli biżżejjed rispett lejn l-isem t'Alla, tal-Madonna u tal-qaddisin?

Tgħid l-Iskrittura: "Ħobbu lil xulxin kif ħabbejthom jien." (Ġw 15,12)
- Hemm xi persuna li bħalissa mhux jirnexxieli nħobbha? Hemm min inħares lejh b'antipatija kbira? Ilni ma nagħmel xi ġest ta' mħabba jew solidarjetà mal-oħrajn? Kapaċi nara s-sabiħ fl-oħrajn, jew neqred u ngerger?

Tgħid l-Iskrittura: "Il-bniedem ġust bħall-palma jħaddar, bħal ċedru tal-Libanu jikber." (Salm 92,13)
- Inħossni persuna onesta fir-relazzjonijiet tiegħi? Irrispettajt il-virtujiet tal-ġustizzja u tal-verità? Nagħti dmiri fuq ix-xogħol?

Tgħid l-Iskrittura: "Mill-milja tal-qalb jitkellem il-fomm." (Mt 12,34)
- X'hemm jimla lil qalbi bħalissa? Hemm rabja, korla, għira? Dejjem bil-geddum?

Tgħid l-Iskrittura: "Ħadd ma għandu ħila jimmansa l-ilsien; kollu deni, bla kwiet, mimli velenu li jġib il-mewt" (Ġak 3,8)
- X'xorta ta' kliem joħroġ minn fommi? Kif nitkellem fuq il-proxxmu tiegħi?

Tgħid l-Iskrittura: "Il-ħeġġa għal darek fnietni." (Ġw 2,17)
- Kemm infittex li nkun il-knisja? X'post għandha l-quddiesa fil-ġurnata tiegħi? Ngħaddi xi ftit ħin quddiem it-tabernaklu? Fejn ikunu moħħi u ħsibijieti meta nkun fid-dar tal-Mulej?

Tgħid l-Iskrittura: "Meta titlob, idħol fil-kamra tiegħek ta' ġewwa, agħlaq il-bieb warajk, u itlob lil Missierek li hu fil-moħbi." (Mt 6,6)
- Kif inhu t-talb tiegħi bħalissa? Xott? Bla ħeġġa? Bil-għaġġla? Għandi programm ta' talb personali?

### 3.3. Talba komunitarja tal-indiema

*Tingħad flimkien.*

Fik, Mulej, jien nittama, ma jkollix għax nitħawwad.
Triqatek, Mulej, għarrafni, il-mogħdijiet tiegħek għallimni.
Mexxini fis-sewwa tiegħek u għallimni, għax int Alla tas-salvazzjoni tiegħi.
Ftakar fil-ħniena u t-tjieba tiegħek, għax huma minn dejjem, Mulej.
Tiftakarx fil-ħtijiet u d-dnubiet ta' żgħożiti: inti tajjeb, Mulej; ftakar fija skont it-tjieba tiegħek.
Minħabba l-isem tiegħek, Mulej, aħfirli ħżuniti, kbira kemm hi kbira.
Dur lejja u kun twajjeb miegħi.
Ara n-niket u d-diqa tiegħi, u aħfirli ħtijieti kollha. *(mis-salm 25)*

Mulej Ġesù, illum nistiednek tiġi mill-ġdid fil-qalb tiegħi. Nitolbok maħfra ta' ħtijieti kollha. Inroddlok ħajr, Mulej, li mitt għal dnubieti, u li dejjem taħfirli bis-saħħa tad-demm li xerridt għalija fuq is-salbi. Saffili qalbi minn dnubieti kollha u mliha biss bil-grazzja tiegħek. Aħsel lil qalbi minn kull qerq u mill-ġibda għall-ħażen, u poġġi fiha x-xewqa tiegħek u ta' dak kollu li hu ġust u sewwa.

Għandi bżonn l-għajnuna tiegħek, Mulej Alla, biex ngħix il-ħajja ġdida fi Kristu. Ibgħat mill-ġdid l-Ispirtu tiegħek fuqi biex jagħtini l-għajnuna, biex ifejjaqni, biex jibdilni, biex imexxini. Bi Kristu Sidna. Ammen.

### 3.4. Talba tal-aħwa: Missierna

*Tista' titkanta.*

### 3.5. Qrara u assoluzzjoni individwali

*Min jixtieq iqerr, jersaq għand saċerdot.*

### 3.6. Kant

*Waqt il-qrar individwali jista' jsir kant u jinqraw xi salmi penitenzjali (Salm 31/32, 37/38, 50/51, 101/102, 129/130, 142/143)*

## 4. RITI TA' RADD IL-ĦAJR

*Sa minn qabel iċ-ċelebrazzjoni, jitħejja kontenitur żgħir bi fwejjaħ jew balzmu. Dan jitqiegħed fejn jidher, fil-post fejn se ssir iċ-ċelebrazzjoni.*

### 4.1. Ġest: dilka bil-fwejjaħ



*(Wara li jkun intemm il-qrar individwali)*

***Animatur*:**
*"Marija ħadet libbra fwieħa tan-nard pur, tiswa ħafna, u dilket biha riġlejn Ġesù, imbagħad ixxuttathomlu b'xagħarha; u d-dar imtliet bir-riħa tfuħ." (Ġw 12,3) Din hi l-verżjoni skont San Ġwann tas-silta tal-vanġelu li qrajna. San Pawl jgħallimna li*

*Kristu jrid iwassal ma' kullimkien permezz tagħna l-fwieħa tat-tagħlim tiegħu (ara 2 Kor 2,14).*
*Bħala ġest simboliku tal-maħfra li rċevejna, iċ-ċelebrant se jidlek il-pali ta' jdejna bil-fwieħa, sinjal tal-fwieħa tal-grazzja ta' Kristu li rċevejna permezz tal-maħfra, u li rridu nżommu fuqna u nġorru magħna.*

*Dawk li qarrew jersqu wieħed wieħed quddiem iċ-ċelebrant.*

### 4.2. Salm ta' radd il-ħajr (Salm 65/66)

*Is-Salm jingħad alternat bejn iċ-ċelebrant u l-poplu.*

***Ċelebrant***:
Tifħir lilek jistħoqq, o Alla, f'Sijon;
lilek inroddu l-wegħda, int, li tisma' talbna.

***Poplu***:
Quddiemek jersaq kull bniedem, minħabba fi ħtijietu.
Kbar wisq għalina dnubietna; iżda inti taħfirhomlna.

***Ċelebrant***:
Hieni l-bniedem li inti tagħżel u tqiegħdu jgħammar fit-tempju tiegħek.
Bil-ġid ta' darek nixbgħu fit-tempju mqaddes tiegħek.

***Poplu***:
Tal-għaġeb kif tweġibna bil-ġustizzja tiegħek, o Alla tas-salvazzjoni tagħna. Int tama ta' min jgħix fi truf l-art u fi gżejjer fl-ibħra mbiegħda.

***Ċelebrant***:
Int twaqqaf fis-sod il-muntanji b'qawwietek, int imħażżem bis-saħħa.
Int issikket l-għajat tal-ibħra, u l-ħsejjes tal-imwieġ tagħhom, u t-tixwix tal-popli.

***Poplu***:
U jibżgħu dawk li jgħammru fi truf l-art quddiem l-għeġubijiet tiegħek.
Il-lvant u l-punent inti timliehom bil-ferħ.

***Ċelebrant***:
Inti żżur l-art u ssaqqiha, u tagħniha bil-ġid tiegħek.
Il-wied ta' Alla mimli bl-ilma; il-qamħ tagħhom ħejjejtilhom.

***Poplu***:
Hekk int tħejjiha: issaqqi r-raddiet u twitti t-tub tagħha,
bl-irxiex trattabha u tberkilha ż-żrieragħ.

***Ċelebrant***:
Fawwart is-sena bi tjubitek, triqatek bil-ġid joqtru.
Joqtru bin-nida l-mergħat tad-deżert, u bil-ferħ jitħażżmu l-għoljiet.

***Poplu***:
Il-mergħat jimtlew bl-imrieħel, il-widien jinksew bil-qamħ; jgħajtu lkoll u jgħannu bil-ferħ!

***Ċelebrant***:
Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu.

***Poplu***:
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

### 4.3. Għoti tal-paċi

***Ċel***: Il-ħbiberija ma' Alla tagħmilna wkoll ħbieb ta' xulxin. B'sinjal tal-maħfra li rċevejna, ejjew nagħtu sinjal ta' paċi lil xulxin.

## 5. Riti tal-Għeluq

### 5.1. Talba

Nitolbu.
Infaħħrek, Mulej, u nroddulek ħajr, għax int ma qistx ħtijietna imma ħarist lejn il-fidi tal-poplu tiegħek, u tajtna l-maħfra tiegħek. Żommna fis-sliem tiegħek biex nifirħu bik u nsebbħu ismek. Bi Kristu Sidna. **R/.** Ammen.

### 5.2. Mandat

***Ċel***: Il-Mulej magħkom.
***Pop***: U miegħek ukoll.

***Ċel***: Il-Mulej Ġesù li ħabbna u ta lilu nnifsu għalina, ikun magħkom issa u dejjem. Morru fil-paċi ta' Kristu.
***Pop***: Irroddu ħajr lil Alla.

***Animatur***:
*Issa li temmejna din iċ-ċelebrazzjoni qaddisa, immorru ferħanin lejn djarna, inġorru lil Kristu u l-fwieħa tiegħu, u nħallu li l-fwieħa li rċevejna tfewwaħ id-djar tagħna.*

### 5.3. Kant

## 9. “TAĦT IS-SALIB”

### *Ċelebrazzjoni tad-Duluri tal-Verġni Mqaddsa Marija*

**1. Daħla għaċ-ċelebrazzjoni: il-ġrajja tat-tħabbira -** *background music*

*Animatur:*
Is-sejħa ta’ Marija ma kenitx biss biex hi taċċetta li ssir Omm il-Verb Inkarnat, imma wkoll biex timxi wara binha Ġesù fuq l-istess passi tiegħu. L-“iva” ta’ Marija kienet iva għal ħajjitha kollha, u għal kull mument ta’ ħajjitha.

**2. Kant: Fis-Santwarju tal-Madonna**

Hawn quddiemek, Madonna, mixħut
għax inħossni hekk mifni u batut.
Jiena ġrejt u staqsejt fejn insib ftit mistrieħ
u bagħtuni f’riġlejk minnufih.

Rit: *U qaluli Madonna li ssebbaħ il-ġonna,*
*u għaliex inti Ommna, taħt ħarstek iżżommna*
u aħna, minn qalbna, Madonna nfaħħruk.
*U qaluli Madonna li ssebbaħ il-ġonna,*
*u għaliex inti Ommna, taħt ħarstek iżżommna*
*u aħna, minn qalbna, bħal ommna nżommuk.*

Barra l-ġemgħa titniegħed mar-riħ
fejn tiġġerra fid-dlam u fil-ksieħ.
Għalhekk ġejt għax staqsejt fejn insib ftit tal-kenn,
u qaluli li inti taf tħenn. *Rit.*

Xtaqt li miegħi jien ġibtlek ftit ward,
minflok ġibtlek għollieq, xewk u mard.
Għalhekk ġejt għax staqsejt min jibdilli l-għollieq,
u wegħduni li għandek infiq. *Rit.*

**3. Tislima**

*Animatur:*
Radd tas-salib

Il-paċi tal-Mulej magħkom. /U miegħek ukoll.

**4. Qari**

Mill-Vanġelu ta’ San Luqa (1,26-28.31-32.38)

Alla bagħat l-anġlu tiegħu f’belt tal-Galilija, jisimha Nazaret, għand xebba, mgħarrsa ma’ raġel jismu Ġużeppi mid-dar ta’ David. Dix-xebba kien jisimha Marija. L-anġlu daħal għandha u qalilha: “Ifraħ, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek. Int sibt grazzja quddiem

Alla. Ara, inti se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Ġesù. Hu jkun kbir u jkun jissejjaħ Bin l-Għoli". Mbagħad qalet Marija: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skond kelmtek!"

*Il-Kelma tal-Mulej. /Tifħir lilek, Kristu.*

**5. Kelmtejn dwar id-duluri ta' Marija**

- L-animatur jintroduċi s-Seba' Duluri u t-tifsira tagħhom. Wieħed jista' jitlaq mir-riflessjoni tal-"piercing" u "tattooing" li jagħmlu ħafna adolexxenti u żgħażagħ biex jitkellem mill-mara "mmarkata", "minfuda" mis-Salib tal-Fidwa.

## L-1 DULUR: IL-PREZENTAZZJONI FIT-TEMPJU

**6. Qari**

Mill-Vanġelu ta' San Luqa (1,22.27.34-35)

Wara li għalqilhom iż-żmien għall-purifikazzjoni tagħhom, ħadu 'l Ġesù ġerusalemm biex jippreżentawh lill-Mulej. Xmun mar fit-tempju, mqanqal mill-Ispirtu, u x'ħin il-ġenituri daħlu bit-tarbija Ġesù, huwa laqgħu fuq dirgħajh u bierek lil Alla. Xmun berikom, u qal lil ommu Marija: "Ara, dan se jġib il-waqgħa u l-qawmien ta' ħafna f'Iżrael; se jkun sinjal li jmeruh, - u inti wkoll, sejf jinfidlek ruħek! – biex jinkixfu l-ħsibijiet moħbija fil-qlub ta' ħafna."

**7. Qari: Silta mill-innu Stabat Mater**

Wieqfa kienet imbikkija
l-Omm ħdejn Binha fit-tbatija
fuq salib imdendel.

Ta' dik l-Omm il-qalb maqsuma
f'dak l-imrar, bl-uġigħ mitmuma
nifed sejf in-niket.

Kemm tbatija f'qalb muġugħa;
liema dwejjaq li jifnuha
ħasset l-Omm imbierka.

X'weġgħa kbira u x'kefrija
meta ratu fit-tbatija
l-Omm lil Binha, Alla!

Qalb kull bniedem tħoss għaliha
lil Omm Kristu u jibkiha
x'ħin jaraha f'dil-ħasra.

Min ma jħossx id-dwejjaq tagħha
x’ħin ta’ Kristu l-Omm jilmaħha
fin-niket ma’ Binha?

## IT-2 DULUR: IL-HARBA LEJN L-EGITTU

### 8. Qari

Mill-Vanġelu ta’ San Mattew (Mt 2,13-14)

Meta telqu l-Maġi, deher anġlu tal-Mulej f’ħolma lil ġużeppi u qallu: “Qum, ħu miegħek lit-tifel u ’l ommu, u aħrab lejn l-Eġittu. Ibqa’ hemm sa ma ngħidlek jien, għax Erodi se jfittex lit-tifel biex joqtlu.” ġużeppi qam, ħa miegħu lit-tifel u ’l ommu bil-lejl u telaq lejn l-Eġittu. Erodi nkorla bis-sħiħ, u bagħat joqtol f’Betlehem u fl-inħawi kollha tagħha lit-tfal subien kollha ta’ minn sentejn ’l isfel.

### 9. Poeżija (Patri A. Cuschieri)

Fuq driegħ ommu l-Bambin rieqed
Wiċċu ’l fuq, idu mitluqa;
donnhom jibku, għadhom jidħku
dawk għajnejh għad li magħluqa.

Kif San Ġwann, tarbija bħalu
lemħu rieqed, aktarx xtaqu
jilgħab miegħu, u mar fuqu:
’ma kif medd idejh fuq siequ,

biex issikket lil Giovanni
li kien qiegħed b’ħarstu lejha,
malajr l-Omm tellgħet sebagħha,
u żammitu fuq xufftejja.

Kemm int ħelwa, o Marija,
b’dak is-saba’ fuq xufftejk!
U xi ħniena, u xi ħlewwa,
f’dik il-ħarsa ta’ għajnejk!

Le, tħallix lil min imissu,
ħallih rieqed, o Marija,
għax jekk issa għajnejh jiftaħ
ma jarax ħlief dmugħ u dmija.

## IT-3 DULUR: ĠESÙ MITLUF FIT-TEMPJU

### 10. Qari

Mill-Vanġelu ta' San Luqa (2,41-45)

Ta' kull sena l-ġenituri ta' Ġesù kienu jmorru ġerusalemm għall-festa ta' l-Għid. Meta kellu tnax-il sena telgħu ukoll, skond id-drawwa ta' dik il-festa. Wara li għaddew dawk il-ġranet qabdu t-triq lura, imma t-tfajjel Ġesù baqa' ġerusalemm bla ma kienu jafu l-ġenituri tiegħu. Huma ħasbuh qiegħed ma' xi wħud li kienu fit-triq magħhom; iżda meta wara jum mixi fittxewh fost qrabathom u n-nies li kienu jafuhom, ma sabuhx, u għalhekk reġgħu lura ġerusalemm ifittxuh.

### 11. Qari: Silta mill-innu Stabat Mater

Għad-dnubiet ta' ġensu ħati!
lil Ġesù hi ratu jbati
taħt is-swat bla ħniena.

Rat lil Binha u baqgħet miegħu
f'dak l-imrar tal-mewta tiegħu,
waqt li ħarġet ruħu.

Omm u għajn ta' mħabba għalija,
ġegħ'lni nħoss dik it-tbatija
biex jien nibki miegħek.

Kebbes f'qalbi nar ta' mħabba,
u tħalliha qatt tittabba'
mħabbti għal Kristu.

Omm qaddisa, isma' talbi:
dawk il-pjagi qegħedli f'qalbi
t'Ibnek, Ġesù msallab.

Aqsam miegħi dit-tbatija
għal Ġesù li mħabba fija
xerred demmu kollu.

Ħdejn Ġesù nibki dnubieti,
fis-salib nara ħtijieti
sakemm ngħix dil-ħajja.

## IR-4 DULUR: ĠESU JILTAQA’ MA’ OMMU FIT-TRIQ TAL-KALVARJU

**12. Qari: Lq 23, 23-27**

Mill-Vanġelu ta’ San Luqa (23,23-27)

B’ħafna għajat, il-Lhud baqgħu jinsistu u jitolbu li Ġesù jkun imsallab, sakemm fl-aħħar għaddiet tagħhom. Għalhekk Pilatu qatagħha li jsir kif talbu huma. Huma u sejrin b’Ġesù mgħobbi s-salib, kotra ta’ nies kienet miexja warajh; fosthom kien hemm xi nisa li bdew iħabbtu fuq sidirhom.

**13. Kant: Ġejt quddiemek nitlob**

Ġejt quddiemek nitlob
b’qalbi kollha tama fik,
f’dan il-jum, tant sabiħ
imħabbti rrid nagħtik.

*Ave Maria, gratia plena*
*Dominus tecum*
*Benedicta tu.*

ħarstek kollha ħlewwa
titfa’ fuqi d-dawl ħanin
Omm ta’ Ġesù, ħu ħsiebi int
kun ommi tul is-snin. *Ave Maria …*

Bħalek ħajti noffri
kulma għandi kull ma jien
għallimni int naqdi bil-ferħ
lil Kristu kullimkien. *Ave Maria …*

## IL-5 DULUR: IL-MADONNA TAHT IS-SALIB

**14. Qari**

Mill-Vanġelu ta’ San Ġwann (19,25-27)

Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib ta’ Ġesù ommu, oħt ommu, Marija ta’ Kleofa, u Marija ta’ Magdala. Mela, kif Ġesù lemaħ lil ommu u lid-dixxiplu li kien iħobb wieqaf ħdejha, qal lil ommu: “Mara, hawn hu ibnek.” Mbagħad qal lid-dixxiplu: “Hawn hi ommok.” U minn dak il-ħin id-dixxiplu ħadha għandu.

**15. Poeżija (Dun George Mercieca)**

Kont hemm, Marija,
bilqiegħda,
b'għajnejk jgħumu fid-dmugħ
taħt is-salib ta' Kristu.

Kont hemm u bkejt fis-skiet,
għax Ibnek miet
mewta kerha ta' ħalliel quddiem id-dinja
fuq salib aħrax li hu ġarr, għalina.

Kont hemm u bkejt…
sejf nifed lill-qalb tiegħek kollha ħlewwa,
il-qalb li ħabbet sħiħ
u ħabbet dejjem.

Kont hemm u bkejt
id-dinja tal-bnedmin,
id-dnub tad-dinja,
il-faqar ta' l-ulied minn Kristu mbiegħda!

'Ma fraħt ukoll, Marija,
għax Ibnek feda lill-bnedmin,
għax Ibnek
fetħilna t-triq tas-sema,
il-bieb ta' tama ġdida,
it-tama tal-ħelsien
mid-dnub u l-mewt.

Kont hemm, Marija,
bilqiegħa
imbikkija,
b'idejk marbuta
taħt is-salib ta' Kristu.
U jien kont hemm ukoll.

## IS-6 DULUR: L-OMM TĦADDAN LIL BINHA MEJJET

**16. Qari**

Mill-Vanġelu ta' San Luqa (23,44-46)

Għall-ħabta tas-sitt siegħa waqgħet dalma kbira fuq il-pajjiż kollu sad-disgħa siegħa, għax ix-xemx iddallmet. Il-velu tas-santwarju ċċarrat min-nofs. Mbagħad Ġesù għajjat għajt kbira u qal: "Missier, f'idejk jien nerħi ruħi." U kif qal hekk, ħarġet ruħu.

### 17. Qari: Silta mill-innu Stabat Mater

Kemm nixtieqni nibqa' miegħek
mas-Salib u fid-dmugħ tiegħek
nissieħeb minn qalbi.

Verġni mbierka, Omm qalbiena,
uri miegħi din il-ħniena
biex inħoss l-indiema.

Mewt Ġesù qegħedli quddiemi,
fuq il-pjagi jkun biss kliemi
u l-passjoni tiegħu.

Ġagħalni nħoss il-pjagi fija,
is-salib u kull tbatija,
u nissaffa b'Demmu.

Verġni mbierka, ieqaf miegħi
f'Jum il-ħaqq, biex fit-tmiem tiegħi
fin-nar qatt nintilef.

Bis-salib fit-triq wennisni,
u b'mewt Ibnek, Omm, ħarisni,
żommni sħiħ fil-grazzja.

Meta jmut dal ġisem fqajjar,
agħmel int li jien nittajjar
lejn is-sebħ tal-Ġenna. Amen.

## Is-7 Dulur: Id-Difna ta' Ġesù

### 18. Qari

Mill-Vanġelu ta' San Luqa (23,50-53.55)

Kien hemm wieħed jismu ġużeppi, membru tal-Kunsill, imma raġel tajjeb u ġust, li ma kienx qabel mal-membri l-oħra f'dak li riedu u f'dak li għamlu. Kien minn Arimatija, belt tal-Lhudija, u kien jistenna s-Saltna t'Alla. Dan mar għand Pilatu u talbu l-ġisem ta' Ġesù; niżżlu mis-salib, keffnu f'liżar, u qiegħdu f'qabar maqtugħ fil-blat li fih kien għadu ma tqiegħed ħadd. In-nisa, li kienu ġew mill-Galilija ma' Ġesù, marru wara ġużeppi u raw il-qabar u kif kienu qiegħdu l-katavru.

### 19. Poeżija: Jum ir-Rebħa (Rużar Briffa)

Intemm il-ġenn tal-ġlied,
fuq l-art mid-demm xebgħana
ħambqet setgħana

l-għanja tar-rebħ,
b'wegħda ta' sebħ
minn fomm il-bniedem,
qattiel, qatt niedem.

Mara ħosbiena,
b'toqol l-hemm għajjiena,
lejn xbieha tad-Duluri
tressaq diqha
u lfiqha:

"ħaduhuli,
biċċruhuli,
qatluhuli;
issa waħdi, waħdi, b'xejn!"

Beraq ta' lwien minn logħob in-nar
dawwal id-dar
u wera tal-Madonna d-dmugħ
fuq il-għajnejn.

**20. Talba lill-Madonna Addolorata**

<u>*Animatur*</u>:

O Marija Addolorata, Alla għażlek biex taqsam iċ-ċaħdiet u t-tbatijiet kbar li ġarrab Ibnek Ġesù matul ħajtu. Kont int li erbgħin jum biss wara twelidu, bħal ħaruf bla tebgħa, ħadtu u ppreżentajtu fit-Tempju. Hemm ix-xwejjaħ Xmuni ħabbarlek li sejf ta' niket se jinfidlek qalbek. U kont int ukoll li, mnikkta u mifnija, mxejt wara Ibnek mejjet sa fejn il-qabar ġdid.

F'ġieħ il-passjoni ħarxa u l-mewt ta' l-istess Ibnek Ġesù, u f'ġieħ id-duluri ħorox li nifdulek u siltulek qalbek, aqlagħlna l-grazzji li tant għadna bżonn għal ruħna u ġisimna. /Amen.

**21. Kant: <u>Ave Marija</u>**

**Rit**: Ave Marija, Ave Marija,
Ave Marija, Ave Marija.

Sliem għalik, o Marija, bil-grazzja mimlija,
il-Mulej huwa miegħek, inti l-Imbierka!
U mbierek huwa l-frott tal-ġuf tiegħek,
u mbierek huwa l-frott tal-ġuf tiegħek, Ġesù! *Ave Marija…*

Qaddisa Marija, inti Omm Alla,
itlob għalina, aħna midinba.
U issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna,
u issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Amen. *Ave Marija…*

## 10. NOTAMENTI PASTORALI GĦAL ŻMIEN IR-RANDAN U L-GĦID

### (I) Xi notamenti għal żmien ir-Randan

**1. Ġranet Ferjali**
Fil-jiem ferjali fi żmien ir-Randan minn Ras ir-Randan sas-Sibt qabel Ħadd il-Palm, il-ferji jirbħu fuq it-tifkiriet tal-qaddisin, li jistgħu jiġu ċċelebrati b'forma qasira skont in-normi liturġiċi partikulari (PRINĊIPJI U NORMI GĦAL-LITURĠIJA TAS-SIGĦAT 237-239 ; DAĦLA GĦALL-MISSAL RUMAN 355).

**2. Quddies "għall-ħtiġijiet diversi", votiv, tal-mejtin**
Quddies "għall-ħtiġijiet diversi" jista' jiġi ċċelebrat biss f'każ ta' ħtieġa u utilità pastorali partikularment gravi (DAĦLA GĦALL-MISSAL RUMAN 374). Ma jistax jiġi ċċelebrat quddies votiv u quddies tal-mejtin (DAĦLA GĦALL-MISSAL RUMAN 381).

**3. Allelujah**
*L-Alleluja* ma' tigix kantata kemm fil-quddiesa kif ukoll fil-liturgija tas-siegħat.

**4. Proklamazzjoni wara l-konsagrazzjoni**
Il-proklamazzjoni wara l-konsagrazzjoni għandha tkun: *Salvana int...*

**5. Te Deum u Glorja**
It-*Te Deum* u l-Glorja jingħadu biss fis-solennitajiet u fil-festi u xi ċelebrazzjonijiet ta' importanza partikulari.

**6. Liturġija tas-Sigħat**
Fl-Uffiċċju ferjali, l-antifona tal-Invitatorju u l-innijiet tal-Uffiċċju tal-Qari, tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u tal-Għasar u l-antifona tat-Talb ta' Nofs il-Jum huma taż-żmien proprju.

**7. Strument mużikali u ward**
Id-daqq tal-orgni u l-istrumenti mużikali oħra huwa permess biss biex isostnu lill-kant; huwa pprojbit jekk użat biss waħdu ħlief fir-raba' Ħadd tar-Randan – imsejjaħ mill-Knisja *Dominica Laetare (Ħadd il-ferħ)* -, fis-solennitajiet, u fil-festi. Ma jitpoġġewx fjuri fuq l-artal (ĊERIMONJAL TAL-ISFQIJIET n.252).

**8. Kant**
Tajjeb li l-kant matul dan iż-żmien ikun marbut mal-ħniena t'Alla, penitenza u konverżjoni. Kant marbut mal-passjoni tal-Mulej għandu jitkanta mill-Ħames Ħadd tar-Randan 'il quddiem.

**9. Ċelebrazzjoni ta' Sagramenti fir-Randan**
Żmien ir-Randan huwa thejjija għall-Għid, u żmien l-Għid hu żmien is-Sagramenti tal-Bidu tal-Ħajja Nisranija jigifieri Magħmudija, Griżma tal-isqof u Ewkaristija. Għalhekk, jekk ma jkunx hemm raġuni tassew valida ma għandhomx jiġu ċċelebrati dawn is-sagramenti matul ir-Randan, speċjalment is-sagrament tal-Magħudija. L-istess jingħad dwar is-sagrament taż-Żwieġ. Billi żmien ir-Randan huwa żmien ta' penitenza u sawm, ma jagħmilx sens li f'dan iż-żmien jiġi ċċelebrat dan is-sagrament.

## A. Is-sens Kristjan tas-sawm u l-astinenza: Forom ġodda ta' penitenza

Użanzi u drawwiet ta' ħajja li sal-bieraħ kienu aċċettati minn kulħadd, illum huma meqjusa bħala li għadda żmienhom, u dan hu riżultat ta' tibdil fil-ħajja soċjali u kulturali tagħna. Għalhekk, huwa bżonn li naħsbu fuq forom oħrajn konkreti ta' penitenza. Il-Komunità Nisranija kif ukoll kull Nisrani għandhom jitħabtu biex isibu l-aħjar mod kif isumu u jagħmlu l-astinenza, skont kif inhi x-xewqa tal-Knisja. Dan jikkonsisti billi nikkontrollaw mhux biss l-ikel, imma nikkontrollaw dak kollu li jista' jkun ta' tfixkil għalina fil-ħajja spiritwali tagħna, dak li jfixkel il-meditazzjoni u t-talb tagħna, dak li jtellifna fil-qadi umli u diżinteressat tal-proxxmu tagħna.

Qed ngħixu fi żmien ta' konsumiżmu kbir, fil-ħala u fl-infiq ta' flus bl-addoċċ, u dan iwassal għal miżerja materjali, kulturali, morali u spiritwali. Id-differenza bejn in-naħa ta' fuq u n-naħa t'isfel tad-dinja hija tal-biża'. Pajjiżi fejn hemm livell għoli ta' ħajja… u pajjiżi li jgħixu fil-faqar, fil-mard u fil-miżerja. Hawn tinħoloq il-problema tal-ġustizzja soċjali u tal-qsim sew tal-ġid, sew fuq bażi nazzjonali kif ukoll fuq bażi universali.

X'għandna nagħmlu? Fil-Kodiċi tad-Drittu Kanoniku n.1249 insibu hekk: "Il-liġi t'Alla hi li kulħadd jagħmel penitenza, kull wieħed skont ma hu sew għalih, imma sabiex dawn ikunu għaqda waħda bejniethom, għandhom f'ċerti ġranet jiltaqgħu u jitolbu, jagħmlu opri ta' ħniena u ta' karità, jagħmlu xi sagrifiċċju billi jaqdu aħjar dmirhom u fuq kollox billi jsumu u josservaw l-astinenza."

Dan hu t-tagħlim tal-Knisja universali dwar il-penitenza; kan. 1251, 1253 tad-Drittu Kanoniku:

1. Il-liġi tas-sawm "tobbliga li ssir ikla waħda matul il-jum, imma ma tobbligax li wieħed ma jieħu xejn filgħodu u filgħaxija.
2. Il-liġi tal-astinenza tipprojbixxi l-ikel tal-laħam kif ukoll li wieħed joqgħod lura minn ikel u xorb li hu kkunsidrat li jiswa ħafna flus.
3. Is-sawm u l-astinenza għandhom jiġu osservati l-Erbgħa tar-Rmied u l-Ġimgħa l-Kbira, jum il-mewt glorjuża tal-Mulej. Ta' min jinkoraġġixxi s-sawm u l-astinenza għal Sibt il-Għid sa nofsillejl. Għas-sawm huma obbligati dawk kollha li huma maġġorenni u li għandhom sa 60 sena. Għall-astinenza obbligati dawk li għalqu l-14-il sena.
4. Għal xi raġuni ġusta, per eżempju s-saħħa, wieħed ma jaqax taħt l-obbligu.

## B. Tħejjija għaċ-Ċelebrazzjoni tal-festi tal-Għid

Kif il-ġimgħa għandha l-bidu u l-qofol tagħha fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija ta' jum il-Ħadd, l-Għid tal-Ġimgħa, hekk ukoll is-sena liturġika tilħaq il-qofol tagħha fit-Tlitt' Ijiem Imqaddsa tal-Passjoni, il-Mewt u l-Qawmien tal-Mulej. It-tħejjija tibda f'Ras ir-Randan u tkompli matul il-50 jum ta' wara, sa l-Għid il-Ħamsin. Għandna 40 jum ta' thejjija u 50 jum ta' festa.

F'diversi postijiet, il-poplu Nisrani flimkien mar-Ragħaj tiegħu għadu jħoss l-importanza ta' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru f'dan iż-żmien u li jħallu bosta ġid spiritwali. Mill-banda l-oħra, naqset dik il-ħerqa u l-istennija li kien hemm lejn għas-sahra ta' Sibt il-Għid. Xi wħud jinjoraw għal kollox din is-sahra li fi kliem Santu Wistin hija omm is-sahriet l-oħra kollha.

Kultant hemm min ma jirrispettax il-ħinijiet ta' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet qaddisa…

Mingħajr dubju, dawn id-diffikutajiet jiġu l-aktar minn nuqqas ta' formazzjoni liturġika – tal-kleru u tal-lajċi - fuq il-misteru l-kbir tal-Għid li hu ċ-ċentru tas-sena liturġika u tal-ħajja Nisranija kollha.
(Kongregazzjoni tal-Kult Divin u tad-Dixxiplina tas-Sagramenti: *Paschalis Solemnitatis* 1988, nn.2,3)

## Ċ. Il-Via Sagra

Il-Via Sagra hi triq imfassla mill-Ispirtu S-Santu, nar divin li kien iħeġġeġ f'sider Ġesù (Luqa 12,49-50) u li kien jimbuttah lejn il-Kalvarju – hija triq li hi maħbuba mill-Knisja, li kkonservat tifkira ħajja tal-kliem u ta' grajjiet tal-aħħar ġranet tal-għarus u tas-Sinjur tagħha.

Fil-Via Sagra jidhru diversi espressjonijiet tal-ispiritwalità Kristjana: il-ħajja meqjusa bħala mixja jew pellegrinaġġ – bħal passaġġ permezz tal-misteru tas-salib, minn din l-art għal pajjiżna li hu s-sema; ix-xewqa li ningħaqdu mal-Passjoni ta' Kristu; il-bżonn li timxi wara Kristu – kif id-dixxiplu għandu jimxi wara l-imgħallem, waqt li jġorr kuljum is-salib tiegħu (Luqa 9,23).

Għalhekk il-Via Sagra hi talba ta' ħniena, partikularment adatta għal żmien ir-Randan.

Biex il-Via Sagra tingħad tajjeb għandna nagħtu każ dawn il-punti:
- Il-forma tradizzjonali bl-14-il stazzjon: Jista' jinbidel xi stazzjon minnhom ma' oħrajn li jittieħdu mill-mixja doloruża ta' Kristu.
- Jeżistu forom oħra tal-Via Sagra, approvati mis-Santa sede – jew li jingħadu mill-Papa: dawn huma forom ġenwini.
- Il-Via Sagra tfakkar il-Passjoni ta' Kristu: jaqbel imma li tispiċċa bil-misteru tal-Qawmien li fuqu hija mibnija l-fidi tagħna.

(Kongregazzjoni tal-Kult Divin u tad-Dixxiplina tas-Sagramenti: *Direttorju fuq il-Pjetà Popolari u l-Liturgija*, nn.133, 134)

## D. L-Ewwel Ġimgħa tar-Randan

F'din il-ġimgħa (l-Erbgħa, il-Ġimgħa u s-Sibt) jiġu ċelebrati l-"Quattro Tempora" tar-Rebbiegħa. F'din l-okkażjoni wieħed jista' jiċċelebra il-quddiesa tal-qdusija tax-xogħol (Fil-Ktieb tal-Barkiet hemm it-talba għal din iċ-ċirkustanza.)

## E. Ċelebrazzjoni penitenzjali fl-aħħar tar-Randan

Sabiex inħejju ruħna sew u kif jixraq għall-misteru tal-Għid, jaqbel li ż-żmien tar-Randan jingħalaq b'ċelebrazzjoni penitenziali (sew fuq bażi individwali kif ukoll fuq bażi komunitarja).

Din iċ-ċelebrazzjoni għandha ssir qabel it-Tlitt' Ijiem Imqaddsa tal-Għid u ma għandhiex tiġi ċċelebrata eżatt qabel il-quddiesa ta' Ħamis ix-Xirka filgħaxija.
(Kongregazzjoni tal-Kult Divin u tad-Dixxiplina tas-Sagramenti: *Paschalis Solemnitatis* 1988, n. 37)

## (II) Notamenti għall-Ġimgħa Mqaddsa

### A. Ħadd il-Palm, Ħadd il-Passjoni tal-Mulej

Illum jiġi ċċelebrat il-Jum Mondjali taż-Żgħażagħ. Fil-Ġimgħa Mqaddsa, il-Knisja tiċċelebra l-misteri tas-salvazzjoni tal-bniedem imwettqa min Ġesù; jigifieri l-passjoni, il-mewt u l-qawmien ta' Ġesù.Il-jiem ferjali tal-Ġimgħa Mqaddsa, mit-Tnejn sal-Ħamis (filgħodu), huma jiem ta' importanza partikulari; għalhekk jiġu qabel kull ċelebrazzjoni oħra.

- Ħadd il-Palm il-Knisja tagħti bidu għall-Ġimgħa Mqaddsa, biċ-ċelebrazzjoni tat-dħul solenni ta' Ġesù f'Ġerusalemm.
- Il-**purċissjoni solenni** bil-palm u ż-żebbuġ, bil-kant tal-Osanna, hija ħaġa xierqa li ssir. Ta' min ifakkar li din hija waħda mill-purċissjonijiet liturġiċi li għandha l-Knisja li xtaqha, riedha u għamilha Kristu nnifsu. Fil-Missal hemm linji gwida ta' kif għandha ssir din iċ-ċelebrazzjoni.
- Wara t-**tberik tal-friegħi** ssir il-purċissjoni. Dawn il-friegħi jittieħdu d-dar u jibqgħu tifkira tar-rebħa ta' Kristu fuq il-mewt u fuq id-dnub. It-tifsira ta' dan is-sinjal hi li jekk in-Nisrani jimxi fuq il-passi ta' Kristu, hu għandu sehem minn din ir-rebha.
- Meta l-purċissjoni ma tkunx tista' ssir, it-tifkira ssir bid-dħul solenni fil-Knisja, u jsir il-qari tal-antifona tal-bidu.
- Ir-rakkont tal-Passjoni hu mument solenni: jista' jitkanta jew jinqara minn tliet saċerdoti jew djakni, jew inkella minn letturi li jaqraw il-partijiet assenjati lilhom; il-parti ta' Kristu titħalla għas-saċerdot.Għall-ġid spiritwali tal-fidili, jaqbel illi r-rakkont tal-Passjoni jinqara kollu. Wara l-qari tal-Passjoni, għandha ssir l-omelija. Biex ikun hemm aktar parteċipazzjoni mill-ġemgħa, fejn tidħol il-parti tal-poplu tista' tingħad mill-ġemgħa migbura.

### B. Il-funerali fit-Tlitt' Ijiem Imqaddsa tal-Għid

Il-Ħamis filgħodu u t-tlitt ijiem tal-Għid, il-funeral jiġi ċċelebrat bil-liturġija tal-Kelma biss. Quddiesa ma ssirx. Wara l-omelija tingħad it-talba tal-fidili, il-Missierna u t-talb tal-aħħar.

### Ċ. Ħamis ix-Xirka filgħodu: Jum it-twaqqif tas-saċerdozju kattoliku

Il-quddiesa li fiha jsir it-tberik taż-Żjut.

- L-Isqof jikkonċelebra mas-saċerdoti kollha tad-djoċesi, jikkonsagra u jbierek iż-żjut u ssir manifestazzjoni tal-għaqda tas-saċerdoti mal-isqof.
- Jagħmel tajjeb li jkun hemm rappreżentanza ta' xi wħud li ser jirċievu l-Griżma tal-Isqof, ta' xi ġenituri, xi katekisti u lajċi għal din iċ-ċelebrazzjoni.
- Min jitqarben fil-quddiesa tal-Isqof, jista' jerġa jitqarben fil-quddiesa ta' filgħaxija.
- Tkun ħaġa xierqa llum it-Tqarbin isir biż-żewġ speċi.
- Kull komunità tiġi mogħtija ż-Żjut imbierka.

## (III) It-Tridu solenni tal-Għid

It-tlett ijiem tal-Passjoni mewt u tal-Qawmien, jibdew bil-quddiesa ta' Ħamis ix-Xirka, bl-Ikla tal-Mulej, ikomplu bil-velja tal-Għid u jispiċċaw bil-Għasar ta' Ħadd il-Għid.

- Il-passjoni l-mewt u l-qawmien ta' Sidna Ġesu' Kristu, huma l-qofol tas-sena liturġika. Hemm bżonn li ċ-ċelebranti u dawk li jgħinuhom għandhom ikunu mhejjija u mgħallma tajjeb biex dawn iċ-ċelebrazzjonijiet isiru tajjeb. Anke l-fidili għandhom ikunu jafu t-tifsira tar-riti u għandhom ikunu mhejjija, biex jieħdu sehem attiv u hekk jinkiseb ħafna ġid. Għalhekk tkun ħaġa xierqa li qabel dawn il-jiem tingħata katekezi liturgika dwar dawn iċ-ċelebrazzjonijiet hekk importanti tas-sena.
- Il-kant hu mportanti ħafna, hekk li ċ-ċelebrazzjonijiet jieħdu atmosfera hajja u solenni.
- Jaqbel illi fejn hemm l-komunitajiet reliġjużi jingħaqdu flimkien, fil-Knisja parrokkjali.
- Il-morda, jistgħu jirċievu l-Ġesu' Ewkaristija sew nhar Ħamis ix-Xirka u sew nhar il-Ġimgħa l-Kbira.
- L-Ostji li bihom ikunu ser jitqarbnu l-morda fid-djar, preferibbilment jiġu meħuda minn fuq l-artal, waqt il-ħin tat-Tqarbin hekk nuru l-għaqda, bejn il-morda u l-Knisja.

### A. Ħamis ix-Xirka filgħaxija: It-twaqqif tal-Ewkaristija

B'din il-quddiesa jibdew il-festi tal-Għid. Niftakru f'dik l-Aħħar Ikla meta l-Mulej fil-lejl li fih ġie ttradut ħabb għall-aħħar lil tiegħu li kienu fid-dinja, offra lil Alla Ġismu u Demmu taħt l-ispeċi tal-ħobż u l-inbid u tahom lill-appostli, u ordnalhom biex jagħmlu dan b'tifkira tiegħu.

- Il-Misteri li ħallielna Kristu hawn il-lejl qabel ma bata huma: it-Twaqqaf is-Saċerdozju Kattoliku u l-Ewkaristija. Fil-ġest tal-ħasil tar-riġlejn nagħrfu l-istedina biex ngħixu l-kmandament tal-imħabba.
- Din il-quddiesa tal-Aħħar Ċena tal-Mulej hija mument qawwi biex nagħrfu kif l-Ewkaristija hija l-qofol tal-ħajja Nisranija għall-Knisja u għall-fidili kollha. Il-quddiesa għandha tiġi ċċelebrata filgħaxija, fil-ħin l-aktar komdu għall-membri tal-komunità. Waqt il-Glorja jindaqqu l-qniepen li mbagħad jisktu sal-Glorja tas-sahra tal-Għid. Ta' minn ifakkar li din iċ-ċelebrazzjoni hija tħabbira tal-lejl qaddis tal-Għid. L-orgni jindaqq biss waqt il-kant.
- Tkun ħaġa xierqa li jsir il-ġest il-**ħasil tar-riġlejn**. Dan il-ġest ifisser il-qadi u l-karità ta' Kristu li ġie biex jaqdi. Barra minn dan, huwa wkoll tifkira tal-magħudija.
- Waqt il-**purċissjoni bl-offerti tal-ħobż u l-inbid** flimkien mal-kant "Fejn hemm l-imħabba u l-għożża hemm lil Alla jsib", jistgħu jiġu ppreżentati l-offerti għall-foqra.
- Issir il-**purċissjoni bis-Sagrament** lejn il-post tar-ripożizzjoni. Is-Sagrament jitqiegħed f'Tabernaklu, li wara jingħalaq. Dan ma għandux ikollu l-forma ta' sepulkru u l-Ostja ma għandiex titqiegħed fl-ostensorju. *<u>Fejn il-funzjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ma ssirx, din il-purċissjoni tar-ripożizzjoni ma ssirx.</u>* Il-kelma sepulkru ma għandhiex tintuża. Filfatt, il-kappella tar-ripożizzjoni ma

tirrappreżentax id-difna tal-Mulej, imma fiha jinżamm il-Ħobż Ewkaristiku, li nitqarbnu bih il-Ġimgħa.

- F'dan il-lejl Kristu hu bl-akbar mod ħaj fl-Ewkaristija. Għalhekk dan il-ħin huwa ħin ta' **adorazzjoni**. Wieħed jista' fis-skiet jimmedita l-kapitli 13 sa 17 tal-Vanġelu ta' San Ġwann. Wara nofsillejl dan isir mingħajr solennità.
- L-artal fejn saret iċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika jiġi żarmat. Quddiem l-immaġini tal-qaddisin ma tinxtegħelx xemgħa.

**B. Il-Ġimgħa l-Kbira: Il-Passjoni u l-mewt glorjuża tal-Mulej**

Dan hu Jum ta' **sawm u astinenza**!

F'dan il-jum, illi fih Kristu, l-Għid tagħna, ġie ssagrifikat, il-Knisja, bil-meditazzjoni fuq il-passjoni tas-Sinjur u bl-adorazzjoni tas-Salib, tfakkar il-bidu tagħha u titlob għas-salvazzjoni tad-dinja kollha.

- Ma jsirux ċelebrazzjonijiet ta' **Sagramenti** minbarra l-qrar u l-Griżma tal-morda. It-**Tqarbin** isir biss waqt iċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika.
- Iċ-ċelebrazzjonijiet tal-**Uffiċċju** tal-Qari u tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum huma rrakkomandati nhar il-Ġimgħa l-Kbira u nhar Sibt il-Għid bis-sehem sħiħ tal-fidili.
- Tlieta huma l-mumenti taċ-ċelebrazzjoni tal-Ġimgħa: Liturġija tal-Kelma u t-talba universali tal-fidili, Adorazzjoni tas-Salib u t-Tqarbin.
- Il-Via Sagra, il-purċissjonijiet, kant u **devozzjonijiet** oħrajn, għandhom ikunu f'armonija mal-ispirtu liturġiku u għandha tiġi rispettata kull ħaġa li ssir li hi skont il-liturġija.

**Ċ. Sibt il-Għid**

Illum, il-Knisja tieqaf ħdejn il-qabar tal-Mulej u timmedita l-mewt tiegħu, filwaqt li tishar fit-talb hi u tistenna l-qawmien tiegħu mill-mewt.

- Ix-**xbieha** ta' Kristu msallab u ħdejh il-Verġni Addolorata, jistgħu jitqiegħdu fil-Knisja. Il-Vergni Addolarata hija xbieha tal-Knisja li qed tistenna lill-għarus tagħha jqum mill-mewt.
- Is-**silenzju u s-sawm** huma żewġ sinjali li tistedinna nagħmlu l-liturġija llum.
- Illum ma tiġix iċċelebrata l-**Ewkaristija**, lanqas **Sagramenti** oħra, minbarra l-qrar u l-Griżma tal-morda. It-Tqarbin lill-morda jista' jingħata biss bħala Vjatku.

**D. L-Għid Imqaddes: Il-Qawmien tal-Mulej mill-mewt**

Is-sahra li tiċċelebra l-qawmien mill-mewt tal-Mulej hi l-akbar ċelebrazzjoni tas-sena. Il-Missierjiet tal-Knisja jsejħulu l-aktar lejl mixtieq tas-sena. Il-Knisja hija mistiedna għall-festa tat-tieġ, fejn l-għarus Kristu ħejja għaliha bħala ikla dik tal-Ewkaristija. Din iċ-ċelebrazzjoni għandha ssir meta jidhol sewwa l-lejl.

- Dan il-lejl hu lejl ad unur tal-Mulej, u sa mill-ibgħad żminijiet din is-sahra tfakkar il-lejl tal-Qawmien tal-Mulej.
- Il-lejl li fih il-Lhud stennew il-Mulej li kellu jeħlishom mill-jasar, kienet ġrajja hekk kbira li baqgħet tiġi mfakkra kull sena. Dan hu l-Għid ta' Kristu, il-lejl tal-veru ħelsien, meta Kristu jkisser ix-xkiel tal-mewt u jqum rebbieħ mill-mewt.
- Il-Knisja ddaħħalna fil-misteru tal-Għid ta' Kristu bil-magħmudija, bil-Griżma u bl-Ewkaristija.

- Importanti li din iċ-ċelebrazzjoni tkun iċċelebrata bl-aħjar mod: għandu jkun hemm parteċipazzjoni mill-ġemgħa, letturi, animaturi, għandu jkun ppreparat tajjeb ukoll il-kor.
- Jaqbel illi diversi komunitajiet u gruppi ta' Nsara jiltaqgħu fl-istess Knisja: b'hekk issir ċelebrazzjoni aktar sħiħa u festiva u nuru li aħna nagħmlu parti mill-unika u l-istess komunità ekkleżjali.
- Il-quddiesa ta' bil-lejl, anke jekk tkun iċċelebrata qabel nofs il-lejl, hi l-quddiesa ta' Għid tal-Qawmien tal-Mulej.
- It-Tqarbin biż-żewg speċi hu rrakkomandat. Wieħed jista' jerġa' jitqarben f'quddiesa oħra matul il-jum tal-Għid.
- Din is-sahra solenni tinqasam f'erba' mumenti:
  a. Liturġija tad-Dawl;
  b. Liturgija tal-Kelma;
  c. ċelebrazzjoni jew tiġdid tal-wegħdiet tal-magħmudija;
  d. l-Ewkaristija.
- Fit-tielet parti, fil-**liturġija tal-magħmudija**, jitbierek il-Fonti u, jekk ikun hemm, issir magħmudija. Dan il-lejl huwa l-lejl tal-magħmudija, għalhekk huwa rrakomandat li f'dan il-lejl jigi ċċelebrat is-sagrament tal-magħmudija. Meta ma jkunx hemm xi ħadd għall-magħmudija, jitbierek l-ilma tal-magħmudija. Jekk il-fonti qiegħed f'post fejn ma jidhirx min-nies, għandu jitpoġġa kontenitur bl-ilma fuq il-presbiterju, jitbierek, u wara jittieħed fil-fonti, biex jintuża għal żmien l-Għid. Fil-knejjes li ma jkunux parroċċa, it-tifkira tal-magħmudija ssir bl-ilma li ssoltu ssir il-magħmudija bih, jew it-tberik.
- Il-**blandun**, li għandu jkun magħmul mix-xemgħa u jkun wieħed ġdid kull sena, għandu jitqiegħed ħdejn l-ambone jew ħdejn l-artal, u jibqa' jixgħel matul iċ-ċelebrazzjonijiet anke fil-jiem ferjali, sa Pentekoste. Imbagħad jitqiegħed ħdejn il-fonti. Minnu jinxtegħlu x-xemgħat waqt iċ-ċelebrazzjonijiet tal-magħmudija. Fil-funerali jitqiegħed ħdejn it-tebut: ifisser illi għan-Nisrani, il-mewt iddaħħlu għal dejjem fil-Għid tal-Kristu.

## (IV) Żmien il-Għid

- Il-ħamsin jum li jiġu wara l-Għid il-Kbir, sal-Ħadd ta' Pentekoste, huma jiem ta' ferħ, huma bħal jum wieħed ta' festa. Huma jiem li matulhom titkanta l-Allelulia.
- Tkun ħaġa xierqa li tul l-Ottava tal-Għid il-quddiesa ta' filgħaxija tkun solenni, biex ngħixu mill-gdid l-esperjenza tad-dixxipli ta' Għemmaws: "Ibqa magħna Mulej."

### A. It-tberik ta' kull sena tal-familji

Dan huwa dmir pastorali, kif ukoll huwa okkażjoni li fiha wieħed isir jaf il-familji tal-parroċċa. Isir it-tberik tal-membri tal-familja aktar milli d-djar, u għandha ssir stedina mħeġġa biex il-membri kollha tal-familja jkunu preżenti.

### B. It-2 Ħadd tal-Għid: Il-Ħadd tal-Ħniena Divina

F'dan il-Ħadd tingħata l-indulġenza plenarja. Iridu jiġu soddisfatti dawn il-kundizzjonijiet: wieħed irid iqerr, jitqarben u jitlob skont il-fehma tal-Papa. Il-fidili huma mistiedna li jmorru f'xi knisja jew post ta' talb, b'qalb niedma minn kull dnub

anke venjal, jieħdu sehem f'xi opri ta' karità ad unur tal-Ħniena Divina; fil-preżenza tas-Santissimu Sagrament espost tingħad missierna, Kredu u talba lil Ġesù espost.

Waqt il-katekeżi, is-saċerdoti għandhom iħajru lill-fidili biex spiss jagħmlu opri ta' ħniena u karità fuq l-eżempju ta' Ġesu' Kristu.
(Digriet tal-Penitenzerija Apostolika: 29.6.2002)

Għalhekk f'dan il-Ħadd nipparteċipaw fil-quddiesa, li hi l-akbar att kbir ta' ħniena ad unur tal-Ħniena Divina, u hekk tista tintrebaħ l-indulġenza plenarja.

## Ċ. Ċelebrazzjoni tal-Griżma tal-Isqof

Il-genituri għandhom jiġu mfakkra fl-għażla tal-parrinijiet, li għandhom ikunu persuni ta' kostumi tajba kif ukoll Insara prattikanti. Ir-ragħajja tal-erwieħ għandhom infakkruhom fir-responsabiltà li għandhom mhux biss qabel iżda anke wara l-Griżma. Għandu jitkompla t-tagħlim ta' formazzjoni, biex dawk li jieħdu l-Griżma jkollhom fidi soda u matura. Hekk jidħlu fil-komunità ekkleżjali u jkunu membri sodi u responsabbli, anke meta jiġu biex jagħmlu l-għażliet fundamentali tagħhom fil-ħajja. Tajjeb li wieħed ifakkar li l-aħjar żmien li wieħed jiċċelebra s-sagrament tal-Griżma huwa fi żmien l-Għid.

## D. Il-quddiesa tal-Ewwel Tqarbina

Iż-żmien l-aktar tajjeb biex tiġi ċċelebrata l-quddiesa tal-Ewwel Tqarbina hu fil-Ħdud tal-Għid. Hu importanti li l-quddiesa tal-Ewwel Tqarbina tkun marbuta ma' "Jum il-Mulej", biex hekk wieħed jidra jieħu sehem fl-Ewkaristija tal-Ħadd, li hija ċ-ċentru l-qofol tal-ħajja tal-Knisja.

It-tfal li jkunu ser jirċievu l-ewwel tqarbina jridu jiġu mħejjija biex jagħmlu penitenza adatta għall-età tagħhom. Xi żmien qabel l-Ewwel Tqarbina tajjeb li jsiru ċelebrazzjonijiet penitenziali li fihom jigi ċċelebrat is-sagrament tal-Qrar.

Iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa tal-Ewwel Tqarbina hi ċelebrazzjoni u avveniment kbir għall-komunità parrokkjali kollha. Għalhekk tkun ħaġa xierqa li tiġi mistiedna għal din il-festa l-komunità parrokkjali kollha. Tajjeb li nneħħu dawk l-aspetti li jtellfu s-sens veru ta' din iċ-ċelebrazzjoni. Waqt iċ-ċelebrazzjoni għandu jiġi kkontrollat is-servizz tal-fotografi u tal-vidjos, biex il-ġabra u l-parteċipazzjoni tan-nies miġbura ma tintilifx.

## E. Novena ta' Għid il-Ħamsin

Fl-Iskrittura nsibu li fid-disat' ijiem ta' bejn it-Tlugħ is-Sema u Pentekoste l-Appostli "kienu jitolbu flimkien ma' xi nisa u ma' Marija Omm Ġesù u ma ħutu." Kienu jistennew "li jitlibbsu bil-qawwa mill-għoli" (Lq 24,49).

Mir-riflessjoni fuq dan l-episodju bdiet issir in-Novena ta' Pentekoste, li hi komuni fost l-Insara. Fil-Missal u fil-Liturġija tas-Sigħat, speċjalment fil-Għasar, din in-novena nsibuha diġà f'siltiet bibliċi, li b'diversi modi jsemmi l-istennija tal-Paraklitu. Għalhekk, meta hu possibili, in-novena ta' Pentekoste għandha tkun waqt iċ-ċelebrazzjoni solenni tal-Għasar.

Fejn dan ma jistax isir, in-novena tista' ssir fuq temi Liturġiċi tal-jiem mit-Tlugħ is-Sema sa Pentekoste.
(Kongregazzjoni tal-Kult Divin u tad-Dixxiplina tas-Sagramenti: *Direttorju fuq il-Pjetà Popolari u l-Liturġija*, n.155)

## F. Għid il-Ħamsin

Illum jintemm żmien il-Għid, il-blandun jiġi mneħħi minn fuq il-presbiterju u jitpoġġa ħdejn il-battisteru, u jinxtgħel waqt iċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament tal-magħmudija u waqt il-funerali.

# WERREJ


Kelmtejn qabel .................................................................. 2

1. Il-Mixja tar-Randan (Dun Edward Xuereb) .................................. 3

2. Fit-Triq ta' Damasku ~ Il-Laqgħa ta' Sawlu ma' Kristu Rxuxtat
(Dun Charles Buttigieg) .................................................................. 7

3. Il-Liturġija tal-Kelma tal-Ħdud tar-Randan – Sena B .................................. 12

4. Lectio Divina dwar il-Vanġeli tal-Ħdud tar-Randan – Sena B
(Dun Anton Teuma) .................................................................. 13

5. Għajnuna għall-Omeliji tal-Ħdud tar-Randan
(Dun Joseph Sultana) .................................................................. 26

6. Skemi għall-Eżerċizzi tar-Randan 2009 - Adulti
(Dun Anton Teuma) .................................................................. 35

7. Skemi għall-Eżerċizzi tar-Randan 2009 – Tfal
(Katekisti Parroċċa Kerċem) .................................................................. 54

8. Ċelebrazzjoni Penitenzjali (Dun Giovanni Curmi) .................................. 69

9. Taħt is-Salib – Ċelebrazzjoni tad-Duluri tal-Verġni Mqaddsa Marija
(Dun Michael Galea) .................................................................. 76

10. Notamenti Pastorali għal żmien ir-Randan u l-Għid (Dun Nazju Borg) ............ 84

(I) Xi notamenti għal żmien ir-Randan
A. Is-sens Kristjan tas-sawm u l-astinenza: Forom ġodda ta' penitenza
B. Tħejjija għaċ-Ċelebrazzjoni tal-festi tal-Għid
Ċ. Il-Via Sagra
D. L-Ewwel Ġimgħa tar-Randan
E. Ċelebrazzjoni penitenzjali fl-aħħar tar-Randan

(II) Notamenti għall-Ġimgħa Mqaddsa
A. Ħadd il-Palm, Ħadd il-Passjoni tal-Mulej
B. Il-funerali fit-Tlitt' Ijiem Imqaddsa tal-Għid
Ċ. Ħamis ix-Xirka filgħodu: Jum it-twaqqif tas-saċerdozju kattoliku

(III) It-Tridu solenni tal-Għid
A. Ħamis ix-Xirka filgħaxija: It-twaqqif tal-Ewkaristija
B. Il-Ġimgħa l-Kbira: Il-Passjoni u l-mewt glorjuża tal-Mulej
Ċ. Sibt il-Għid
D. L-Għid Imqaddes: Il-Qawmien tal-Mulej mill-mewt

(IV) Żmien il-Għid
A. It-tberik ta' kull sena tal-familji
B. It-2 Ħadd tal-Għid: Il-Ħadd tal-Ħniena Divina
Ċ. Ċelebrazzjoni tal-Griżma tal-Isqof
D. Il-quddiesa tal-Ewwel Tqarbina
E. Novena ta' Għid il-Ħamsin
F. Għid il-Ħamsin